MUSIC & LIGHTS

# IL-FAMILJA TIEGHI

**Ta'**

## Edoardo de Filippo

**Maqluba ghall-Malti**

**Minn**

## Louis Azzopardi

Persunaggi:

ALBERTO STIGLIANO
BEPPE, ibnu
GUIDONE
CORRADO CUOCO
TAPEZZAR
ELENA STIGLIANO
ROSARIA, bintha
MARIA, serva
IS-SINJURA FUCECCHIA
IS-SINJURA MISCIO
BUGLI, gurnalista
ARTURO STIGLIANO
MECHELE CUOCO
CARMELA, martu
FOTOREPORTER
PURTINAR
NIES TAL-POST
PULIZIJA

AN.VENEZ. = AV - NO 1

OPENING THEME ____

SPOT LIGHT ON RADIO

LIGHTS ON ..... MUSIC FADES OUT

Carmen switches on Radio

RADIO ON

↓

ITALIAN CD = ICD

NO 3 *

---

GUIDONE (TONIO) SWITCHES OFF RADIO *

# "IL-FAMILJA"

## ACT ONE

Opening Music AV Track 1
RADIO It. CD NO 3

Radio ON/OFF Page 3 (SPEECH)

Closing Music P.22 AV Track 8

---

## ACT TWO

Opening AV Track 1 — CROSS OVER
Italian CD Track 9 (RADIO)

P-31 – It CD – Track 21 RADIO

P34 – AV Track 12 backgr

P39 – AV Track 8 to close curtain

---

## ACT THREE

light on after 40sec

Opening AV-Track 8 ~~cross over~~
RADIO It CD Track 5

MANUEL → Visual Cue → RADIO ON/OFF ← YVONNE

P46 – AV Track 12 backgr

## L-EWWEL ATT

*Iddar tal-familja Stigliano.*
*L-intrata wiesgha tad-dar li fiha jaghtu l-bibien tal-kmamar ta' l-appartament imqassmin fuq kull naha taghha. Dan huwa l-post fejn il-membri tal-familja, kull meta jkunu jridu, jiltaqghu u jithaddu bejniethom, L-ghamara ta' go fiha hija maghmula minn bicctejn mobbli ta' certu gost, imqieghdin hazin, bla galbu u bla kont. Hemm ukoll pultruna zobba, xi siggijiet zlugati, telefon u radju. Jidhru gzuz ta' gurnali cinematograf mxerrdin 'l hawn u 'l hinn, u dawn ikomplu jaghtu dhera mgerrrfxa tad-dar.*

*Il-hin hu…Wara nofsinhar ta' jum tal-Harifa.*
*BEPPE, imxahxah fuq pultruna, jidher donnu rieqed b'gurnal illustrat mitfugh ghal fuq saqajh. Quddiemu hemm GUIDONE, il-habib tal-qalb tieghu, mitluq fuq pultruna ohra, b'rasu mistrieha ma daharha, qed ihares cass lejn is-saqaf u mitluf ghal kollox fi hsibijietu, dejjem ifassal progetti fantastici. Wara ftit, Beppe jiftah ghajnejh, iberraq harstu lejn Guidone, imbaghad jinfaqa' f'dahka kbira.*

LINE

Guidone — ***(Mehud ghal gharrieda, jinhasad)*** Beppe, x'wahda din! Bezzghajtni, taf!…..X'inqala'?

Beppe — Taf x'kont qed nahseb?

Guidone — Mela ma kontx rieqed?

Beppe — Le. Zammejt ghajnejja maghluqin ghax la xtaqt nitkellem u lanqas nigi mistoqsi. Bqajt imqajjem il-hin kollu.

Guidone — Fi kliem iehor, kliemi dejqek, hux tassew?

Beppe — Guido', jekk tassew trid li ahna t-tnejn nibqghu naqblu f'kollox, m'ghandekx ghalfejn tiehu ghalik ghal kull haga ta' xejn! Il-Bambin biss jaf xi sforz wiehed irid jaghmel, minn filghodu sa filghaxija, sabiex jirnexxilu jgerrah l-istupitaggni u l-imbeccilita` ta' dawk in-nies li jkollu ighix fosthom! U issa jehtigilna niehdu hsieb ukoll dik it-tendenza tieghek, ghalkemm ftit u xejn taghti fil-ghajn, ghal din l-ghada bla razan tieghek biex tikser il-ligijiet kullha maghrufin ta' kif wiehed ghandu jgib rhu man-nies.

Guidone — ***(Ihoss li ghandu jibqa' jhaqqaha mieghu)*** "U, Giesu!" Lili qed tghidu dan? Kun af li jekk hemm xi hadd li jistmerr kull ftehim socjali; il-postijiet komuni u l-ipokrisija…dax- xi hadd huwa proprju jien… U mbaghad tigi int, bla raguni ta' xejn, timbullani l-ahjar wiehed f'suggett bhal dan!

Beppe — Hadt ghalik?

Guidone — Lanqas xejn. Imma stajt sibt lil min jista' jiehu ghalih. Dan qed inghidu biex inkun ghidt xi haga, taf. Mhux hekk, imma waqt li int kont qed izzomm ghajnejk maghluqin, billi jiena hsibt li kont rieqed, serraht rasi

SWITCH ON RADIO

VOICE OVER MIC...

MANOEL →

ma' dahar il-pultruna, u ntlift fi hsibijiet u pjanijiet intellettwali kif inkewwisjom jien. U dan kollu ghamiltu sabiex lilek ma ndejqekx. Issa ghidli fuqhiex kont qed tahseb?

Beppe Kont qed nhewden x'wicc se jaghmel missieri 'l lejla meta ntarraflu li ghada filghodu se nsiefer ghal Franza.

Guidone Skuzi ftit. Inghid jien, hemm ghalfejn tgharrfu b'dan? Int itla' fuq l-ajruplan baxx baxx imbaghad, meta tasal Parigi, l-ahbar farfarhielu bhal f'lehha ta' berqa. Il-wicc li jaghmel kemm-il darba jkun irid jurihulek, jista' jibghatlek ritratt tieghu kemm fl-abjad u l-iswed kif ukoll bil-kulur.

Beppe ***(Ighid be tmaqdir ghal missieru)*** X'ragel dak, x'wahda din!

Guidone Ghaziz Beppe, aghdirni jekk ikolli nistaqqhulek f'wiccek... Jiena m'inhix imdorri nzomm il-kliem fl-istonku tieghi... Dak mhux ghajr bhima. Nixtieq naf kif irnexxilha taghmel dik il-povra ommok biex baqghet tiehu pacenzja bih ghal dawn is-snin kollha!

Beppe ***(Ma jimpurtahx)*** Dik affari taghhom.

Guidone Htija tieghu ma kontx immiddha qatt sieqi go did-dar. Fejn naf!... Kull meta hawn gew ikun hawn hu, jiena ma nhossnix f'sikkti. Haga naturali, taf. Dak ragel li rari hafna jharislek lejn wiccek; ma jkelmek qatt u li meta xi darba jfettillu jasal ghal dan, jaghtik x'tifhem li jrid jghaddik biz-zmien u jqarraq bik. Imbaghad, ladarba jiena maghgun kif jien...hekk sensibbli...tista' tobsor jekk ghandix inhallihom ghaddejjin irqaqat bhal dawn!

Beppe Ma jahmlekx. Ibqa' zgur li kieku jista' joqtlok, dan jaghmlu b'qalbu kollha u bla ma joqghod jahsibha darbtejn.

Guidone Mhux ghajr bhima kbira...ghageb ta' l-ghogbijiet, dan li hu. Mieghek ma jaqbilx; martu qisha ma tezistix ghalih; lil bintu jqisha bhal xi wahda barranija... Mhux ghajr bhimu...u wiehed kbir ukoll.

Beppe U aktar ma jghaddi z-zmien minn fuqu, aktar isir aghar minn qabel. Fl-imghoddi ma kienx hekk... Nahliflek li f'qiegh qalbi nhoss certa aoghba ghalih.

Guidone Hasra trid tghid.

Beppe Le. Hasra ta' xhiex?

Guidone Waqtiet wiehed ihoss xewqa kbira ghal dawk il-ftit snin li dari kienu jbennulna 'l tfulitna. L-innocenza li wiehed jghix fiha matul dik l-eta' ggaghlu jara kollox sabih; kollox ward u zahar imma li, fl-ahhar mill-ahhar mhix ghajr nasba tal-biza' li tostor u tifrex il-hsibijiet u t-thejjijiet tal-genituri, specjalment tal-missier, billi dawn ikunu jridu ta' bilfors jimponu r-rieda, il-gosti u l-gibdiet taghhom infushom fuq dak li jkun, u dan dejjem jaghmluh skond kif jiddettalhom mohhom u kif jixtiequ

huma. B'hekk jahsbu li jistghu jgieghlu lil uliedhom johorgu jixbhu lilhom f'kollox.

Beppe — Jiena ghidt soghba. Imma mhux minhabba x-xewqa li lissint int. Jisghobija ghalih. Ghax hu ma jghidx: "Kollox sew, issa li hemm, hemm. Kont nahsibha xorta ohra. Ara, ejja naqtghuha darba ghal dejjem." Mela! Minn haga ta' xejn jaghmel plejtu shih. Ghax, skond fehemtu, jiena kien imissni bqajt nikteb artikoli u novelli, u mmur nilghaq l-idejn 'l hawn u 'l hinn fl-istamperiji biex naqla' dawk il-hames u ghixrin jew tletin elf lira fix-xahar. ***(B'lehen sarkastiku li jimita lehen missieru)*** "X'jimporta? Id-dar ma jonqsok xejn. Biex tiekol u torqod nahsiblek jien... Dawk il-hames u ghoxrin, tletin elf lira fix-xahar sommhom fil-but sabiex ikollok ghas-sigaretti. Fl-ahhar mill-ahhar m'intix ghajr tifel. Meta kont daqsek..." ecc.... ecc...

Guidone — Ieqaf ghaziz Beppe... Aghmilli pjacir u ieqaf, trid? Kieku taf kemm kelli nsofri jien minhabba missieri?!

Beppe — ***(Jissokta bit-tahdita tieghu ta' qabel)*** Ghax kien imiss is-sema b'idejh kieku rnexxielu jdahhalni nahdem mar-Radju bhala "speaker" kif inhu hu. Tista' tahseb x'futur sabih!... Mhux bizzejjed hmar wiehed fil-familja, hemm bzonn ikun hemm tnejn!

Guidone — Jiena mhux hekk inghid. Wara kollox, hmar ghaliex, imbaghad? Dak hu tip ta' hajja li joghgob lilu. Hadd ma mar iqieghdlu l-bsaten fir-roti. Mela ghax ma jridx ihalli lil hadd iehor jaghmel dak li jixtieq?

Beppe — Ghadu ma ntebahx li l-hajja tbiddlet ghal kollox! Ara ma tahsibx li se jhabbel rasu u jaghti harsa madwaru biex jara b'liema mod, u kemm, in-nies tallum irnexxilhom jimxu 'l quddiem fil-hajja, jaqtghu bi snienhom u jeghilbu d-diffikultajiet, taf! Uhud li qabel inqas biss ma kienu kapaci jnaddfulek iz-zarbun, illum tarahom ghaddejjin isuqulek karozzi ta' l-ghageb u jippossiedu l-miljuni kbar! Biex jilhqu l-ghan ta' mohhom jinqdew b'kull arma, tajba jew hazina, disonesta jew ta' theddid, li taqa' that idejhom. Kif irnexxilu jaghmel Vittoria Sardelli, eh!

Guidone — ***(Jiehu gost)*** X'mohh ghandu dak!

Beppe — U kellhom isalvawh, riedu u ma riedux. Proprju dawk li kienu gew imqarrqin minnu stess! Wara kollox, qablilhom isalvawh ghax inkella kienu jieklu ikla habs. Hares ftit kif inhu mizmum illum Vittorio Sandrelli. Isellimlu u rrispettat minn kulhadd!... Il-ftehim li kien hemm bejni u bejn missieri ntemm dak inhar li ghidtlu: "Papa, jiena u int nahsbuha ghal kollox differenti. Nizzik hajr talli gibtni fid-dinja...u jkollok tistabar bil-kelmiet "nizzik hajr" biss. Imma tibqax iddejjaqni aktar. Kulma behsiebni naghmel mill-lum 'l quddiem, se jkun jiddependi biss fuq ir-rieda tieghi wahdi. Jekk nidhol f'xi basla, jew jekk nitgharraq, ma rrid li jkolli naghti soddisfazzjon lil hadd ta' ghemili".

Guidone — Hawn hi l-buzilles! Ghax, ara Beppe, dak inhar li int ssir miljunarju, bla ma tkun tlabt parir minghand hadd...minajr, nghiduha kif inhi..minajr l-

ghajnuna tal-genituri tieghek, dak inhar zgur mhux se jkun wiehed felici ghal missierek. Hajtek imqabbla, ma' dik li darba kienet tieghu, lilu tpoggih f'qaghda ta' inferjorita`. Fi kliem iehor, iben li bil-hila tieghu wahdu jirnexxilu jmidd pass 'l quddiem itwal minn dak li jkun mahsub ghalih, ma jaghmilx haga ohra ghajr jikxef id-dghjufija tal-genituri tieghu.

Beppe — ***(Minfuh bih innifsu jasal ghall-konkluzjoni)*** Il-hajja hija rigal. U meta lili jirregalalwi xi haga, jiena nista' naghmel biha kulma rrid u kulma joghgobni. Imbaghad, wara kollox, ma tahilhiex missieri!...Hu, "se mai", laghabha biss ta' medjatur!

**(Maria hija s-serva tad-dar. F'idha ghandha qartas mimli hut moqli u bicca hobz imgezwra f'karta tal-gobon. Iz-zaghzugha tidhol minn fuq ix-xellug u tibqa' sejra lejn il-faccata).**

Guidone — ***(X'hin jilmahha diehla jigbdilha l-attenzjoni fuq il-qartas tal-hut u l-hobz)*** Min jahseb ghal rasu, ma jghali qatt Mari`. Mhux hekk?

Maria — ***(Tkun aktar preciza)*** Hobz u hut moqli. Issa se nwarbilkom minn nofs.

Beppe — "A proposito", x'se nieklu?

Maria — Ma nafx. Dalghodu s-sinjura harget kmieni u qalet li ghal nofsinhar se tahseb hi. Imma taf int x'jigri...jew wiehed jinsa ghal kollox, jew inkella jiddawwar ic-Circolo jilghab...Ghalhekk hsibt u ghidt bejni u bejn ruhi..Ahjar nahseb ghal rasi.

Guidone — ***(Ironiku)***Tassew tahseb fl-ohrajn int!

Maria — Aghdirni. Hawn gew hadd ma jaf x'ghandu jaghmel. Imbaghad, is-sinjura lanqas ma halliet "un soldo"! ***(Waqt li toffri l-qartas miftuh lit-tnejn)***Bla kumplimenti, jekk tridu...

Guidone — Le, grazzi hafna.

Beppe — ***(Ironiku)*** Trid tiekol!... Jehtieg li tiekol hawn ghax trid tahdem. Miskina, maqtula bix-xoghol f'did-dar!

Maria — Sinjuri, ma temmnunix. Imma jiena x'aktarx nitlaq mil-post propju ghaliex f'did-dar m'ghandi x'naghmel xejn!

Guidone — ***(Jiehu gost)*** X'inhu?... X'inhu?... Dak-kas huwa wiehed gdid. L-ewwel darba li qed nisma' qaddejja tghid li trid titlaq mill-post minhabba li ma tahdimx bizzejjed!

Maria — Le...halli nispjega ruhi. M'inhix inghid li nhobb nahdem. Imma go did-dar tassew ma jsir xejn. ***(Iddur fuq Beppe)*** U skond fhemti, il-papa` tieghek ghandu ragun. Kemm-il darba gerger dwar l-imtierah, u qal li jehtieg nibghatu ghal tapizzar? Tafu x'ghamel dalghodu?

Beppe X’ghamel?

Maria Billi s-sinjura harget qablu, sejjahli magenbu u staqsieni: “Mari, lit-tapizzar bghattu ghalih?” Jiena wegibtu: “Signo’, ma nafx, imma jkolli nghid li le”. “Kollox sew, qieghed nifhem”, rega’ wiegeb hu. U bla kliem u bla sliem, hataf imqass u “azzo…azza” b’erba daqqiet kif tmiss il-ligi carrat l-inforra kollha. Imbaghad qalli: “Issa rrid nara jekk l-imtierah isirux jew le!”

Guidone ***(Iddisgustat)*** X’bhima!

Beppe ***(Lil Guidone, filwaqt li jorbot il-kas mad-diskors taghhom ta’ qabel)*** Sur feroci, kif ghidtlek. ***(Lil Maria)*** U lit-tapizzar mort ghalih?

Maria Ma kienx il-hanut meta ghaddejtlu, imma hallejtlu risposta. Fil-kamra tas-sodda hemm iz-zewg imtierah imqattghin u mixhutin ma’ l-art. Meta s-sinjura tigi lura ‘mbaghad wiehed jara x’jista jaghmel.

***(Xi hadd minn gewwa, jaghti zewg jew tlett tahbitiet b’qiegh idu fuq il-bieb ta’ barra)***

Beppe Mela l-qanpiena ma ddoqx?

Maria Hassritha s-sinjura dalghodu. Ghax qabel harget riedet tghaddi d-dublett. Meta dahhlet l-“ispina” ta’ l-elettriku fil-hadida tal-moghdija, taru l-fuses tal-qanpiena tal-bieb u tal-kcina .

(***It-tahbit itenni ruhu. Maria tohrog minn fuq il-lemin)***

Guidone Ahna d-dar ghandna l-forn tal-Bipigas. Imma ghal kikkra te’, jew kafe`…Il-mama` tiekol fir-restaurant, jiena fejn insib…

***Corrado, b’Maria quddiemu li, waqt li taqsam il-kamra, tigbor il-qartas taghha u bla ma titkellem xejn, tohrog minn fuq ix-xellug. Jersaq hiemed ghal nofs il-kamra u, b’tixjira hafifa ta’ rasu, jsellem liz-zewg ihbieb tieghu. Dan huwa zghazugh fuq it-23 sena, imma jidher li ghandu ghaxar snin aktar minhabba l-mustacci maz-zewg ignub ta’ halqu, u minhabba l-lehja mseffqa li donnha qedgha ddawwarlu wiccu fi gwarnic; kif ukoll minhabba l-qata` ta’ xaghru, il-bezbuza muswafa ta’ fuq gbinu, ix-xaghar twil li jinzillu ghal fuq ghonqu li jghattihulu u li jaghtih dehera ta’ niket u jxejhu. Liebes bl-inqas hwejjeg li jista’…qmis u qalziet tax-xoqqa skura ta’ qata’ amerikana, minn dawk b’zewg hjatat ta’ hajt abjad li jdawru ghadd mhux hazin ta’ bwiet bil-patta fuqhom (Jeans). Twil, ibiegh is-sahha. Mill-qmis bil-buttuni mahlulin ghal aktar minn nofs il-quddiemi taghha, jidher sidru wiesgha u muswaf. Wara waqfa qasira li, stulha, iz-zghazugh, indifferenti ghal kulma qed jigri madwaru, ikun ta pass gol-kamra, b’lehen mahnuq jistaqsi lil Beppe.***

Corrado U Rosaria?

Beppe Min raha? Lanqas biss ma naf jekk raqditx hawn dal-lejl!

Guidone 'L bierah filghaxijamhux flimkien kontu?

Corrado Sa nofs il-lejl tista' tghid... ***(Wara waqfa qasira, semplicimet)*** Laghabtilha daqqa ta' harta.

Beppe ***(Bl-istess ton semplici)*** Fit-triq?

Corrado Le. Konna ghand Mirella, dik il-baqra... 'L bierah filghaxija dardritni aktar mis-soltu. Kien hemm ukoll nies ohra, imma ma niftakar lil hadd minhom. Mhux ghalkemm naghraf lil xi hadd jien! ***(Jidhak x'hin jiftakar f'xi haga li kienet ferhitu fil-gurnata ta' qabel u, bhala konsegwenza tal-hsieb li waqaghlu f'mohhu, jistaqsi liz-zewg ihbieb)*** Tafuha dik taz-zewg suldati suwed li dahlu ghand spizjar?...

Guidone ***(Malli Corrado jsemmi z-zewg suldati suwed, minnufih jobsor x'cajta hi u jaqbez fin-nofs minnufih)*** "Ah, si... ***(Lil Beppe)*** Ghidtilek ftit ilu...tassew stupida! Dik ta' l-ispizjar li jghid liz-zewg suldati ... "Banco!"

Corrado U wara dic-cajta li qaltilna Mirella, lil Rosaria laghbtilha daqqa ta' harta. Dik l-istupida ma fhemithiex...gaghlitni nirghex .mhux ftit... u qbadt u hrigt 'l barra.

Beppe U llum soghbik u gejt tfittixha.

Corrado Le. Nixtieq nohrog ftit maghha. Hemm wirja ta' kwadri "alla Tavolozza". Qed jesponi wiehed Armen. Nixtieq immorru narawha flimkien.

Guidone Ahna ninzlu?

Beppe Biex inghidlek is-sewwa ftit ghandi guh. Imma, ghax tghid, nixtieq nistennieha l-mama`.

Corrado ***(Jistaqsi lil Beppe bi ftit interess)*** Ghadek sjjer Parigi?

Guidone **(minnufih)** Ghada se jitlaq bl-ajruplan.

Corrado Ghamlitha!

Guidone Ghaziz Corrado, meta Guidone jindeahal ghal xi bicca xoghol, ikun mistenni li jigru l-aktar hwejjeg fantastici. Imbaghad, milli jidher, irnexxili ngieghel lil xi hadd jinteressa ruhu bis-serjeta`... Serene, hekk isejhulu fi Franza... Achille Sereno... Fl-inhawi letterarji u cinematografici, f'Parigi, isejhulu Serene... Meta rcieva r-ritratti tieghek li bghattlu jien... ***(Lil Beppe, b'hajta canfir hafif)***...u li int ma ridtnix nibghatlu, tiftakar?... Iva, meta rahom quddiem ghajnejh, fil-fehema tieghi, beda jaqbez bil-ferh.

Beppe ***(Imkabbar bih innifsu)*** Ritratti mehudin kif gie gie.

Guidone Triq ticcajta?... Beppe, qatt immaginajt kemm int sabih b'sidrek gheri u b'dik il-gilda ta' leopardi mdawra ma' qaddek? Kieku ma kontx, tahseb int li l-"produttori francesi" kienu jaghtuk tiffirma l-kuntratt li baghtulek? ***(Lil Corrado bhallikieku biex ix-xoghol tieghu ta' intetrmedjatur igaghlu jismah aktar)*** Taf xejn kif iddeskrivih Srene?... Alla grieg... Dawn huma l-precizi kelmiet li nqeda bihom. Ghandi l-ittra tieghu d-dar. Meta trid nurihielek... **(Lil Beppe)** U jridek tmur toqghod ghandu. Meta tasal Parigi, Serene mhux se jhallik toqghod bi kwietek. M'intix se tonfoq "una lira", u l-flus kollha, li se taqla' bis-sahha tal-kuntratt se ggibhom kollha mieghek l-Italja bla ma tkun infaqt xejn minnhom. Il-film se jingibed bil-kulur, u l-parti tieghek se tkun ta' wiehd risaltat li jghajjat... "Bu...Bu..." F'qasir zmien se ssir stilla... u rotokalki tad-dinja kollha ghad jibdew jinsistu bejniethom biex jippubblikaw ir-ritratti tieghek...

***ROSARIA. Ghanha ghoxrin sena. Suritha donnha giet maqlugha min xi album tad-disinni mhazzin bil-ghagla bil-lapis ta' Novella Parigina. Il-gisem irqajjaq taz-zghazugha jidher aktar fragili minhabba l-wisa' tad-dublett ta' fuqha minkejja l-qalziet twil u dejjaq hafna, milbus ghal hafna drabi, li qed idawrilha saqajha bhal faxxa. Iz-zarbun b'takkuna baxxa u mlahalhin "alla Cerentola" ma tantx ighinuha biex itawlulha persunitha li, fis-sewwa, mhix itwal minn metru u sittin centimetru. Dak li baqaghlha minn xaghrha, imhabbel u maqtugh "a candela", nehhielha kull tixbiha li tista jkollha lejn is-sess femminili, u minflok, jaghtiha dehera xejn tajba ta' zaghzugh ivvizjat, b'wiccu musfar u marradi. U, bhal zghazugh, thaddem idejha waqt li titkellem u, bhalu wkoll, tahseb u tesprimi ruhha. Iz-zghazugha Rosaria, mizbugha u nieqsa minn kull privilegg li ghalih kull mara mahluqa ghandha dritt legittimu, m'ghandhiex ghajr ghajnejha li jikxfuha; par ghajnejn kbar il-gmiel taghhom li juru xewqa kbira ghall-imhabba u li, fl-ahhar mill-ahhar, il-qerq u t-tahlit li jidhru misturin fihom, imhaddmin minn setghat mhux maghrufin u mhux normali, u li feggew fil-mara matul l-ahhar nofs seklu, ma setghux ihassrulha l-gheliem ta' distrazzjoni msabbra li hija kollha kemm hi ta' natura femminili.***
***Fil-basket kbit tal-gilda vera, ghamla ta' borza, ghandha zewg pakketti sigaretti, zewg kaxex suffarini svedizi, u nofs kilo` gewz ta' Sorrento, imqarstin f'bicca gazzetta. Bi driegha tax-xellug qeghda thaddan flixkun imbid Chianti. Tidhol minn fuq il-lemin. Meta tilhaq il-mejda tan-nofs tqieghed fuqha l-flixkun ta' l-imbid, waqt li ssellem lit-tlett zghazagh bhas-soltu.***

Rosaria Buongiorno. Hallejt il-bieb ta' barra miftuh ghax il-qanpiena ma tahdimx. Mn'alla kell c-cavetta! Gibt flixkun Chianti u nofs kilo` gewz ta' Sorrento...u zewg pakketti sigaretti. ***(Tohroghom mil-basket u twaddab wiehed lil Corrado li jilqghu u jahtfu fil-waqt b'idejh it-tnejn).*** Xtrajtlek ukoll is-suffarini. ***(Terga twaddablu kaxxa tas-suffarini svedizi u did-darba Corardo ma jfallix ukoll)*** Dhaqt dahqa bil-papa`. Dalghodu, meta harget il-mama`, hu kien ghadu rieqed. Ghalhekk dhalt fil-kamra tieghu u l-portafoll haffiftulu b'elfejn lira.

Beppe Tassew ghandek ghax tizzi hajr 'l Alla li ma ntebahx, ghax kieku kont taqla' daqtejn ta' harta minghandu wkoll.

Rosaria *(Bla ma tiehu xejn ghaliha, tirrakonta x'ghamlet wara l-incident li nqala' bejnha u bejn Corrado l-lejl ta' qabel).* Jiena, imbaghad, bla ma kont naf xejn x'kien qed jigri madwari, nofsi sturduta, ghax Corrado ghandu idu iebsa hafna, gejt hawn u dhalt norqod minnufih... Kont ukoll nofsi fis-sakkra ghax ghand Mirella xrobna xi ftit. Tista' tghid li rqadt habta u sabta. Dalghodu stembaht bi snieni mcappsin bid-demm... Milli jidher, in-naha ta' gewwa ta' haddejja thxknet xi ftit ma' snieni... Infatti ghandi daqsxejn ta' barxa zghira...haga ta' xejn. *(Instintivament taqbad thokk in-naha ta' gewwa ta' haddejha tal-lemin bil-ponta ta' lsienha).*

Corrado *(Wara li jitfi s-suffarina li kien xeghel biex iqabbad is-sigarett tieghu u dak li ta lil Beppe, kurjuz jersaq lejn Rosaria u jghidilha)* Halli nara. *(Rosaria tiftah halqha kemm tista' biex lil Corrado turih il-gerha zghira li ghandha fuq gewwa)* Ma jidher xejn. Iddisinfettajtha?

Rosaria Bi ftit "acqua ossiginata".

Corrado *(Konvint)* M'ghadek xejn. Ga ghaddielek.

*(Sadattant Beppe jaqbad hadida tal-moghdija li jsib fuq bicca mobbli u biha jaqbad ikisser, wahda wahda, il-gewz ta' Sorrento li kienet gabet maghha Rosaria. Matul it-tahdita li gejja, il-hadida tal-moghdija tghaddi minn id ghall-ohra ghall-istess ghan li bih kien inqeda Beppe, filwaqt li bquja tal-gewz bikri tal-Milied, jibdew jaqbzu u jinxterdu fuq il-mejda kollha u jaqghu ghal fuq is-siggijiet ukoll).*

Guidone Rosaria, taf li Beppe ddecieda li jsiefer?

Rosaria Meta sejjer? *(Intant tmur iggib xi tazzi minn bicca ghamara, tqieghdhom fuq il-mejda, u tferra l-imbid ghal kulhadd)*

Beppe Ghada filghodu. Ircevejt il-kuntratt, il-hinijiet tat-tluq u l-biljett ta' l-ajruplan. Il-hames mitt elf lira jaghtuhomli malli jaqbad miexi l-ajruplan. *(Jixrob l-imbid tieghu).*

Rosaria *(Jilhqilha)* U l-papa`? Il-papa` sar jaf b'dan?

Beppe Behsiebni nghidlu 'l lejla.

Rosaria Wiccu zgur isirlu lewn il-qarsa tax-xama! Kieku kont flokok, kont nibghat nghidlu minn Parigi.

Guidone *(Minnufih)* Dak li ghidt jien! Beppe, isma' minni..."frocoleatenne"... *(Waqt li jibqa' hosbien dwar l-espressjoni djalettali li gietu f'halqu dak il-hin, ibexxaq ghajnejh, bhlalikieku f'estasi, u jtenni l-kelm sabiex jitghaxxaq bil-hlewwa li nissitlu u b'hekk juri lill-ohrajn kemm tassew jaf iqieghed il-kliem, kif ukoll kemm jaf isib il-frsi naplitana li tkun tixraq)* "Frocoleatenne" jiena tal-fehma li fid-dinja kollha kif iddur m'hawnx djalett iehor aktar kapaci li jfisser ruhu ghal kull espressjoni u ghal kull stat psikologiku li jinsab fih dak li jkun!... "Frocoleatenne"...

bhallikieku id-dinja se titfarrak bicciet bicciet daqs tal-mika...bhallikieku xi torta kbira ta' l-ghagina sfuljurata qeghda xxerred l-isfoll taghha rieha ta' vanilja fuq it-tila ta' Penelope... Il-kelma ghandha fiha seher liema bhalu; skala muzikali mirakuluza; ghanja mzewqa kollha semitoni u bemolli!... "Frocoleatenne"... ***(Issa jaqleb ghall-lingwa)***... Halli d-dinja tiggarraf...taghti kas ta' xejn... **(U jtemm konvint)** Jiena mmur ghad-djalett taghna!

***(Intant il-hadida tal-moghdija issa hadmet bis-shih. Il-gellewz spiccaw, il-flixkun ta' l-imbid inhela sa nofsu. ALBERT huwa l-padrun tad-dar. Alberto Stigliano. Ghandu 'l fuq minn hamsin sena. Simpatiku u ferriehi. Ta' ftit kliem, imma jinqeda hafna bic-caqlieq ta' rasu u bi sfumaturi ta' tbissima kull darba li xi hadd jistaqsih jekk iridx jiehu sehem f'xi tahdita. Madankollu, kemm-il darba wiehed jiflih tajjeb, f'dawn l-isfumaturi u f'dat-tbissim jirnexxilu jintebah b'certa bruda u distakkament rassenjat minn kull haga li qabel kienet meqjuza qaddisa u ghaziza ghalih. Jilbes b'certa eleganza meqjuza, u bla ebda zball. Jidhol mill-bieb komuni bla ma jsellem lil hadd, u jibqa sejjer lejn il-lemin waqt li jsejjah lis-serva).***

Alberto — Maria! ***(Jinza' l-glekk u jerga jsejjah)*** Maria!

***(L0ohrajn jinghaqdu flimkien qishom ghedewwa tieghu. Rosaria tieqaf tkellem lil Corrado f'rokna tal-kamra. Guidone u Beppe jharsu lejn xulxin u jaqbdu jfesfsu bejniethom, minn waqt ghall-iehor iharsu lejn Alberto).***

Maria — ***(Minn fuq ix-xellug)*** Sejjahtli, sinjur?

Alberto — ***(Waqt li jnewlilha l-glekk)*** Aghtih tfarfira lil dal-glekk. Il-poggaman tat-tarag mimli trab...Is-sinjura giet lura?

Maria — **(Tiehu l-glekk minn idejn Alberto u taqbad se tohrog minnfejn kienet dahlet)** Ghadha.

Alberto — U l-imtierah?

***(L-erbgha li hemm fil-kamra jharsu lejn xulxin)***

Maria — Billi s-sinjura ma kienet taf xejn, mhix se tahseb fihom! Jiena mort infittex tapizzar, imma ghadu ma giex. Kieku stess jigi, ma nahsibx li se jilhaq isewwihom sal-lejla!

Alberto — Triq tghid li dal-lejl ikollna norqdu fl-art, hux tassew? Wara gurnata xoghol fuq riglejja, quddiem mikrofonu, naqra affarijiet li lanqas biss jghadduli mill-antikamera ta' mohhi, qaghda bhal din ma tantx tista' sserrahni wisq! ***(B'kalma angelika)*** Xi trid taghmel, dan hu li hareg il-kunvent! ***(Jara lil Maria tfarfar il-glekk billi taqbad issawtu b'idha u jfehema sewwa)*** Jien ghidtlek biex taghtih tfarfira...

Maria | *(Imhawda)* Fhimt, imma... Ghax taf x'gara? L-ixkupilja ili minn filghodu nfittixha u ma nistax insibha!

Beppe | L-ixkupilja fil-kamra tieghi qeghda.

Alberto | *(Ironiku)* Nitfarfru ta' kull filghodu...qed naghmlu progress. **(Beppe jdur lura u ma jwiegbux)** Aghtihuli. **(Jiehu l-glekk u jerga jilbsu. Maria tohrog minn fuq ix-xellug. Alberto jaqbad jitkellem b'ghajnejh lejn l-art)** Ahjar tfittex li torqod ftit aktar filghodu.

Beppe | *(Bl-istess lehen mimli bruda ta' qabel)* Jekk ma ssemmix l-isem, jew ghallinqas thares lejn wicc dak li tkun trid tkellem, kif se naghmlu biex nifhmu min ghandu jwiegbek?

Alberto | *(Bit-tbissima tas-soltu tieghu)* Inti le! Int f'dil-bicca xoghol ma tidholx. Int torqod bizzejjed ghalik innifsek u ghall-ohrajn kollha f'daqqa. *(Rasu iebsa ma jhares lejn wicc hadd mill-erbgha, imma jibqa jitbissem)* Meta ntemm inghid dak li ghandi f'mohhi, wehidkom tifhmu ghal min minnkom irrid nirreferi. Ghalhekk, jekk torqod aktar, jiena ma nsibx zewg karti ta' mille lire 'l wahda neqsin mill-portafoll tieghi. *(Rosaria, tiehu ghaliha, ma titkellimx)* Qed inghid hazin?

Rosaria | *(Bi bruda)* Ridt nohrog u setghu jservuni. Infatti servew biex inti tkellimni.

Alberto | Ghamilt sew li ghidtli, ghalhekk, darb'ohra ikolli nikkuntenta ruhi bit-telfa finanzjarja biss.

*(Rosaria, milquta fil-laham il-haj, tohrog bil-ghaggla mix-xellug)*

Guidone | Signor Alberto, certu kliem int tnisslu bla hsieb, hux tassew?

Alberto | *(Bla ma jhares lejh)* Int hawn?

Guidone | Milli nista' nifhem, ma rajtnix meta dhalt.

Alberto | Le. Jiena ma narax tajjeb wisq. Imma inti tilmah mill-boghod hafna.

Guidone | Xi trid tghid b'dan?

Alberto | *(Jitbissem minn that)* Jekk inghidlek, ghandna mnejn nispiccaw biex noqoghdu bilqieghda quddiem xulxin fuq siggu nharsu wiehed lejn l-iehor.

Guidone | ***(Ihalli lilu nnifsu jigi mkaxkar minn sensiela ta' kliem fieragh li dak il-hin inebbahlu l-mohh ta' bniedem li l-glied ta' xi hadd jieklu bil-hobz. Izda, billi jahseb kemm jista' jkun imqanqal it-tmiem li jista' jasal ghalih ir-ragel li ghandu quddiemu, jiccahhad vilment minn dik l-ghaxqa li jkun jixtieq igarrab, u jiehu l-iqsar triq li baqghtlu miftuha).*** Is-siggu jaghmel parti minn dawk l-affarijiet biex hadd minghajrhom ma nistghu nghaddu, u li l-ismijiet ta' l-avventuri taghhom ma jafu hadd...

Ir-rota, l-imqass, il-labra tal-molla, il-labra tal-hjata…is-siggu. Is-siggu, kif nahsibha jien, twieled mal-bniedem. Il-bniedem primitiv kellu jiskoprih meta, minhabba l-ghejja, hass il-htiega li jintlewa 'l-isfel, u jserrah il-"popo" fuq gebla. ***(Is-skiet li jinhass dak il-hin fil-kamra jfixklu mhux ftit, ghalhekk josghol tnejn biex jiehu ir-ruh, imbaghad idur fuq Beppe):*** Inti tinzel isfel mieghi?

Beppe — ***(Minnufih, bhallikieku biex jehles minn xi haddiela)*** Iva, ahjar.

Guidone — Ciao` Corrado, oqghod bil-ghaqal, eh? Ghidilha ciao` ghalija lil Rosaria. ***(Bil-geddum ma' Alberto)*** Lilek, signor Alberto, ma rridx insellimlek. Kont qalbek harxa wisq mieghi. ***(U johrog mill-bieb komuni, jishaq fuq il-fatt li Alberto lanqas biss ma hamel ihares lejh).***

***(Intant beppe jaqbad miexi biex imur jilhaq lill-habib tieghu. Pass 'l boghod mill-bieb…)***

Alberto — Inti ghada se ssiefer ghal Franza, hux tassew?

Beppe — ***(Jieqaf bla ma jdur lura lejn missieru. Wara waqfa qasira, jistaqsi b'kurzita`)*** Min qallek?

Alberto — ***(Bl-istess ton li bih ikun staqsih ibnu, jistaqsi hun)*** Jinteressak?

Beppe — Le. ***(U johrog)***

***(Corrado jersaq lejn il-mejda tan-nofs u, bhallikieku kien wettaq xi htija, jibda jbarrag il-qxur imfarrak tal-gewz ta' Sorrento. Iz-zaqziq li jaghmel il-gewz ma jfixklu xejn lil Alberto minn hsibijietu. It-tahdita li ssir bejn it-tnejn ma taghti ebda hjiel ta' xi tifsira b'dankollu it-titjib bejn it-tnejn min nies wiehed jista' jintebah bih minnufih mit-timbru ta' lehinhom li, aktar ma tghaddi 'l quddiem it-tahdita, aktar isir sincier. Ghalkemm ma jintlahaq ebda ftehim bejniethom, b'dankollu nitfa ta' simpatija titnissel wehidha lejn xulxin, u dell ta' xebh jidher fis-sentimenti taghhom).***

Corrado — Thossok ghajjien?

Alberto — Le. ***(Imma fil-qalba ta' qalbu kien imissu qal "iva" bla habi ta' xejn. Infatti, fuq wiccu mtaqqal minn dik it-tbissima sfurzata, jidhru gheliem ta' ghejja mtawla)*** Iddecidejt x'se taghmel?

Corrado — ***(Bla ma jistaghgeb xejn, iwiegeb bil-kalma kollha, bhalikieku dik il-mistoqsija kienet tnissel bhala konsegwenza ta' xi tahdita mibdija kif ghandha tkun, u bid-dettalji kollha)*** Signor Alberto, tassew inti tip! Ikolli nghid li tieghek mhix ghajr fissazzjoni. Ghalik, kemm-il darba xi hadd ma jaccettax post mar-Radio, mhu se jsib jahdem imkien aktar!

Alberto — Ara tahseb li r-RAI ghandha dirghajha miftuhin berah ghalkemm tghid…"Sinite parvulos"…Jiena offrejtlek il-post li rrifjuta ibni. Dan, m'ghandniex xi nghidu, kemm-il darba ghadu battal…

Corrado Ma jaqbilx. Jiena ghandi xi haga ohra f'mohhi.

Alberto Per esempio?

Corrado Kif nista' nghid liema hu l-ahjar hsieb, u liema wiehed huwa l-aktar addattat biex jigi mhaddem minnufih?... u li jista' jsehh kollu kemm hu, min fost eluf ta' hsibijiet li jaqghuli f'mohhi matul il-gurnata? Issa naraw kif se jigru l-affarijiet.

Alberto X'affarijiet huma, Corrado? L-affarijiet ahna ngaghluhom jigru u ahna ngaghluhom isibu posthom, kif ukoll ahna nqanqluhom minn posthom. La tahsibx li l-affarijiet imqanqlin minn posthom se jmorru lura f'posthom wahidhom, tafx.

Corrado Signor Alberto, ma nahsibx li l-affarijiet imqanqlin mill-ohrajn minn posthom se nkun jien li nerga' nqieghdhom f'posthom.

Albert ***(Bil-herra)*** L-ohrajn min? Ghidli minn min gew imqanqlin l-affarijiet.

Corrado Fejn naf?

Alberto Minna nfusna. Fhimt, Corra'?... Minna nfusna. Sa mill-holqien tad-dinja kien il-bniedem li qanqal, u raga' qieghed f'posthom l-affarijiet. Ghandek mnejn tghidli: 'Imma, allura, qed igib ruhu ta' mignun!' U jiena nwiegbek: 'Ahjar igib ruhu ta' mignun milli ta' Mechelasso...tiekol u tixrob u tmur titghazzen 'l hawn u 'l hinn'. ***(Issa jbiddel it-ton ta' lehnu. Bis-sabar kollu jibda jahseb fi kliem aktar hafif biex ifiehem lill-iehor liema huwa s-siwi morali u d-drittijiet tal-bniedem).*** Ghidli haga...Toghgbok binti?

Corrado Iva.

Alberto Tridilha l-gid?

Corrado Iva.

Alberto Tirrispettaha?

Corrado Iva.

Alberto ***(Minnufih)*** Jiena le. Tista' tifhmu dan int? Lil binti jiena ma nirrispettahiex.

Corrado Tajjeb... Dan hu l-istess kliem tas-soltu.

Alberto Le. Mhux tas-soltu... Dan huwa l-kliem ta' dejjem. Ghalija inti zghazugh simpatiku, imma ma toghgobnix, ghax int bniedem disordinat. Forsi ghalhekk narak simpatiku. Uliedu joghgbuni... imma billi huma disordinati bhalek, ghalija huma antipatici.

Corrado Ma nistax nifhmek.

Alberto Allura nkellmek aktar car. Inti se tizzewweg lil binti, waqt li taf tajjeb hafna f'liema qaghda tinsab. Mhux tassew?

Corrado ***(B'ton ta' min ikun ga ikkonferma twemminu ghal bosta drabi jghid kelma kelma)*** Lili ma jimpurtanix. Trid iddahhalha f'rasek, trid jew ma tridx?

Alberto Tista' tifhem b'liema ghafsa ta' qalb qed inkellmek. Tifla li tiswa dak kollu li tiswa bint...li e tibda tghix ghal rasha!.. M'ghandniex xi nghidu, dan ifisser glied u gahjjat fil-familja, u tbassir ta' gejjieni mimli ghawg u niket minn naha tieghi. Ghax ma kien difficli xejn li wiehed ibassar bil-quddiem it-tmiem li kellha tasal ghalih...Tiltaqaghlek ma' maskalzun...fejn naf, maskalzun...f'postu kulhadd kien jaghmel l-istess...U mank tisthi!... "Niente affatto". X'tisthi, tisthi? ...Tpacpac ma kulhadd...tiftahar ukoll, bhallikieku wettqet xi att ta' qlubija. Lilek qaltlek ukoll

Corrado Imma lili ma jimpurtanix. Triq tifhem jew ma tridx? Dak li Rosaria ghamlet fl-imghoddi jolqot lilha wehidha.

Alberto Hekk hu. Kienu minghalik, int lanqas biss ma ssalva wahda minn kull elf mara!

Corrado Sejjer imqarraq. Kieku nixtieq insalvahom ilkoll jien! Il-mara nqieghdha fuq pedestal. Isma' minni. Ix-xebba vergni mija fil-mija 'llum m'ghadiex tesisti imkien. Ghandek tifhem, Signor Alberto, li 'llum qeghdin nghixu fi zmien it-televizjoni, in-nylon, il-bomba atomika, id-diski volanti...Ma nistghux nippretendu li se mmoru bil-qanpiena tal-parrocca f'idejna, u nistennew li niltaqghu mas-safa, ma l-innocenza u mal-verginita`, bla ma ndahhku n-nies bina! Kellna taqlib kbir fil-hajja...ghamla ta' fidwa shiha...tqeghid ta' affarijiet f'posthom. Imma int lili ma tistax temminni, jekk tahseb hazin fija. Kieku ma kontx konvint ghal kollox min dak li qed inghid, ma kontx naghzel lil Rosaria biex issir marti!

Alberto ***(Jaghti hjiel ta' dwejjaq li jsewdu u jnikktu. Ghalhekk jaqbez u jlissem minn bejn snienu bilmod.)*** Gia. ***(Waqfa qasira, imma bizzejjed biex thallih jahseb, u wara jerga' jaqbad ighid)***
Aghdirni, Corrado..Qtajtha li ma nehodhiex aktar kontra x-xewqa ta' binti. Qed inghid hekk biex inkun ghidt xi haga. Int idejk taqlaghhom hafna. L-okkazjoni ma thallieha qatt tahrablek li ma taqlax idejk u tinqeda bihom u, milli jidher, Rosaria ta' sikwit tlaqqat xi daqdtejn ta' harta min ghandek... u tista' tghid ukoll, minhabba affarijiet banali... Allora?...Issa ghidli ftit x'sar minnhom l-evoluzzjoni, l-emancipazzjoni u d-diski volanti.

Corrado Allora ma spjegajtx ruhi bizzejjed. Dawk m'humiex daqqiet ta' harta, dawk huma xhieda ta' kemm nirrispettaha. Daqqa ta' harta tfisser: jiena qed nistmak bhallikieku kont tampari; qed inzommok bhalikieku int kont jiena nnifsi. Per esempio, kieku minflok bintek kelli lil xi mara aktar

b'sahhitha minni, kont inzomm ruhi lura u ma nerfax idejja fuqha, u f'dal kas kont inkun bniedem vili, jew inkella, dejjem inzomm quddiem ghajnejja l-evoluzzjoni, kont inhebb xorta wahda ghaliha u d-daqqiet ta' harta naqlaghhom jien…Hemm bzonn il-pro u l-kontra fl-evoluzzjoni, u fil-fidwa nsibu wkoll id-daqqiet ta' harta.

Alberto — Ad ogni modo, int se tizzewwigha lil binti?

Corrado — ***(Konvint)*** Mhux qabel ma jkolli l-icken hjiel dwar il-qaghda finanzjarja li se nsib ruhi fiha.

Alberto — Ghax iggibilha rispett?

Corrado — Din kwistjoni ohra.

Alberto — Le, din mhix ghajr il-perm tal-kwistjoni kollha. Wegibni, iggibilha rispett?

Corrado — Sissignore.

Alberto — U behsiebek taghtiha bil-harta?

Corrado — Dan x'ghandu x'jaqsam?

Alberto — U ghadek tirrifjutah il-post li offrejtlek mar-Radio?

Corrado — ***(B'inkejja)*** Iva, nirrifjutah…ma jghoddx ghalija. Aghdirni, se jkolli nhallik iss. ***(Jaqbad miexi lejn il-bieb ta' barra)*** Buongiorno, lil Rosaria, sellili ghaliha int.

Alberto — Le.

Corrado — Allura sellili ghaliha xejn. ***(Johrog)***

Alberto — ***(Wara waqfa qasira, isejjah)*** Maria!

Maria — (Min fuq ix-xellug) Ghajjatli, sinjur?

Alberto — Hemm xi tama li niekol xi haga?

Maria — Issa la tigi lura s-sinjura.

Alberto — ***(Imdejjaq)*** Qed nifhem. ***(Johrog il-fountain pen mil but ta' gewwa l-glekk)*** Imlihieli bil-linka, trid?

Maria — Kollox sew. ***(Tiehu l-fountain pen u tohrog)***

ARTURO minn fuq il-lemin. Arturo hu hu Alberto. Suldat tipiku bil-pensjoni. Ghandu karattru maghluq u hosbien; x'aktarx ohxon u burus fi kliemu. Ikarkar siequ tal-lemin waqt li jirfed it-toqol ta' gismu fuq bastun ta' l-injam qawwi li jzomm dejjem f'idu u li ma jitlaq qatt warajh, lanqas

meta jintasab bilqiegħda x'imkien. Hwejgu jikkonsistu biss f'dak li hu kollox meħtieġ.

Arturo Buongiorno, Albe'

Albert Buongiorno.

Arturo Waħdek?

Albert Kif qed tarani.

Arturo Martek…u t-tfal?

Alberto Elena għadha ma gietx lura minn barra; it-tfal ħargu ftit ilu.

Arturo *(Allarmat)* Ga kiltu?

Alberto Tridx tmur!

Arturo Ah, ecco!… Dal-lejl telgħali deni ta' ziemel… Attakk ta' influwenza li ħatfitni ħabta u sabta b'deni għoli; ugigħ fil-għadam u tkexkix ta' bard.. Donna Erminia, sidt id-dar, għattietni b'kutri u bil-kowt…qegħditli wkoll…"la borsa d'acqua bollente"… imma kien kollu ta' xejn…ma stajtx nishon…Dalgħodu d-deni nizilli għal kollox. Donna Erminia, ma riditnix noħrog mid-dar, imma jiena ħassejtni tajjeb. Għalhekk ħsibt u għidt…X'se naqbad nagħmel waħdi? Issa noħrog, immur nagħmel erba' passi għall-arja u b'hekk nieħu ftit tal-ossigenu. Imbagħad ftakart fl-istedina, u gejt hawn.

Alberto Gejt mistieden għall-pranzu? U…min stiednek?

Arturo *(Mistagħgeb)* Mamma mia! Ara min stedinni? Martek steditni, il-bieraħ filgaħxija! U quddiemek ukoll…Qabel tlaqtkom, waqt li konna qegħdin nitkellmu dwar kif qiegħed ngħix waħdi, Donna elena qaltli: "Għada ejja kul magħna".

Alberto Jiena ma niftakarx, għax milli jidher, kelli ħsibijieti banda'oħra. Imma jekk Elena qaltlek hekk, dan ifisser li kellha taħseb għax-xirja hi. Dalwaqt tigi lura.

Arturo Imma kif insejt? Għidtilkom ukoll li wieħed ħabib tiegħi jaħdem fil-Banca Commerciale kien stedinni biex illum immur id-dar għandu. Imma jien, tifhima, ippreferejt nigi għan niesi…għand hija.

Alberto Min jista' jgħid f'hiex kont qed naħseb dak il-ħin?

Arturo M'għandniex xi ngħidu…int għandek ħafna affarijiet fuqhiex taħseb. Jogħobbija biss li ma tantx għandi aptit bħalissa. Kollu ħtija tad-deni qawwi li telagħli dalħandi aktar mis-soltu.

Albert — Aru`...hi...nissoponi ahjar tmur tiekol ghand il-habib tieghek mill-ewwel.

Arturo — Le.Le!... X'jigifieri? Ma tarax? Tibza' xejn, jiena lil Donna Elena nistennieha..Ilekk le, nidher maleducat. ***(Ihares lejn l-arlogg)*** It-tlieta nieqes kwart, Ghand il-habib tieghi qabel it-tlieta..it-tlieta u kwart, ma jaqbdux jieklu. Kemm-il-darba martek ma hasbitx ghall-ikel, thabbel rasek xejn, jiena niehi taxi u mmur ghand il-habib tieghi.

Alberto — Kieku kont minflokok, it-taxi kont nikrieha minn issa.

Arturo — ***(Wara waqfa qasira)*** Albe`...hi...inti taf tajjeb kemm inhobb nilhaq ----- jien; u kemm ma joghgobni xejn indeffes imniehri fejn ma jesghanix...Issa ninsabu wehedna, jiena u int, Albe`...Jisghobija nghidlek li did-dar hija wahda disordinata.

Albert — ***(Bil-kalma kollha)*** Le, id-daqqa ppruvajt thaffifhieli. Di hi dar ta' l-imgienen.

Arturo — U jekk tippermettili nghidlek, il-mignun principali huwa int. Imma kif jista' jkun? Ragel bhalek, li jaqla' flus kemm irid; u rnexxielu jaghmel isem stmat u ammirat minn kullhadd!...Kull fejn immur ma nismax ghajr min jitkellem fuqek..."Smajtu xejn lil Stigliano fuq ir-Radio?"... Dak huija, inwiegibhom jien...Ragel bhalek li d-dar iggorr dak kollu li ggor, kif jista' jkun ma jirnexxilekx issemma' lehnek?

Alberto — X'Nista naghmel?

Arturo — Uri li int ragel u zomm sod.

Alberto — Iddahnix, Artu`! X'jigifieri? Tahseb int li l-familja tieghi biss tinsab f'dil-qaghda? Hawnhekk, minn hafna u min ftit, kulhadd ifittex li jghix hajja kif l-ahjar li jista'.Hawn min ma jurix, u jara kif jaghmel biex isalva kulma jista', u hemm min ma jkunx jiflah aktar u jixpikka. Int "la cronaca nera" ma taqrahiex? Daqs kemm irnexxilek izzomm sod int biex issalva z-zwieg tieghek!

Arturo — Dan m'ghandu x'jaqsam xejn. Iz-zwieg tieghi kien wiehed ta' konvenjenza. Kieku ma zzewwigtx, kont nitlef il-post. Kont kaptan tal-milizja...u tesserat ukoll. Post ta' responsabilita`. Ridt naghmel karriera. L-ewwel mara m'ahniex li sibt quddiemi, izzewwigtha. Fl-1935 ma kontx ticcajta mal-ligijiet faxxisti.

Alberto — Imbaghad giet il-gwerra; u wara l-waqa tal-faxxismu...Waqa' li gibitna wicc-imb-wicc mar-realta` msejkna ghall-ahhar. Ghax mal-faxxismu waqghu ukoll, u ntemmu, l-ixbihat qarrieqa, l-idoli u l-hlieqat foloz. U l-umanita`, iz-zghazagh u x-xjuh maghdudin ukoll, fhemet li dawk li ma jistghu jiggarfu qatt min posthom, u dawk b'sahhithom, jibqghu fuq saqajhom dment li kollox jibqa' sejjer tajjeb. Dan m'ghaddejniex minnu ahna biss, imma d-dinja kollha. Allura ma nibqghu nemmnu f'xejn aktar! Ghalhekk, hares ftit kemm in-nies tibda tghix b'dak kollu li jaqa' that

idejha, u li jirnexxilha tahfat!... ta' kuljum...minuta b'minuta. Nonfqu kulma naqilghu fix-xahar, dak tax-xahar ta' wara, u dak kollu li forsi, inkunu ghad nistghu naqilghu 'l quddiem. B'hekk, quddiem wiccna, ghandna zewg ghamliet ta' dizordni: wahda finanzjarja u l-ohra morali. In-nies m'ghada temmen f'xejn...Tghix ta' kuljum, minuta b'minuta. Dwar dik finanzjarja tista' zzomm sod, naqbel. Imma tahseb int li r-rieda ta' missier ta' familja biss hija mehtiega biex trazzan id-dizordni morali li issa xterdet mad-dinja kollha u li, wara kollox, mhix ghajr dik li fasslet u hejjiet it-triq ghad-dizordni finanzjarja? Issa qieghed tara ghaliex warrabt minn nofs u mort fil-genb nistenna?

Arturo — Albe`, meta ragel mizzewweg, u missier ta' uliedu, bla habi ta' xejn ikollu relazzjonijiet ma' mara ohra, ma jistax jippretendi li ma niesu se jiehu tieghu minn fuq! L-ewwel haga li jmissu jaghti huwa l-ezempju.

Alberto — U ghidli ftit lil min imissni naghtih l-esempju? Lil min, skontok imissni naghti rendikont ta' ghemili ta' kull gimgha? Lil uliedi? U min qatt jarahom lil dawn? Lil marti? U f'liema hin tal-gurnata? Elena tiekol bilwieqfa fil-kcina... hobs, melh u zejt, jew, hobz u perzut, jew inkella zewg bajdied moqlija ta' malghajr u titlaq tigri 'l barra minnufih, malli tispicca. Ghax tkun trid tmur izzur xi hbieb li maghhom dejjem ikollha xi haga xi tghid jew x'taghmel. Artu`, dari mhix ghajr dezert. Telquni wahdi bhal eremita. Artu`, marti taf bir-relazzjoni li ghandi...u lanqas biss ma tahseb dwarha; lanqas biss ftit ta' l-ghira ma thoss. U allura...nibqghu ghaddejjin 'l quddiem. Kull wiehed minna jfassal hajtu skond ma jaqbillu.

Tapezzar — ***(Min gewwa)*** E` permesso?

Alberto — Ghaddi...Min hemm?

Tapezzar — ***(Waqt li jkun diehel)*** Jiena t-tapizzar. Gejt minhabba l-imtierah.

Alberto — Fhimt. Imma ma nahsibx li bicca xoghol bhal dik se titlesta sal-lejla.

Tappezzar — Ma stajtx nigi qabel. X'xoghol hu li ghandi naghmel?

Alberto — Terga' thit mill-gdid iz-zewg imtierah tas-sodda l-kbira.

Tapezzar — Ghall-lejla?

Alberto — Marti dalwaqt terga' tigi. Hekk jew hekk, ahjar tiftiehem mas-serva.

Maria — ***(Tidhol u tnewwell l-fountainpen lil Alberto)*** Hawn hi. ***(Taghti l-fountainpen lil Alberto)***

Alberto — ***(Juriha t-tapezzar)*** Hawn it-tapezzar.

Maria — **(Turi l-kamra tas-sodda lit-tapezzar)** Trid tigi mieghi? Irrid nurik is-suf tas-saqqijiet.

Tapezzar Imma ghall-lejla impossibbli! ***(U jmur wara s-serva li taqbad miexja quddiemu u tohrog minn fuq il-lemin)***

*ELENA hija s-sinjura Stigliano, mart Alberto. Toqrob aktar lejn l-erbghin milli lejn il-hamsa u tletin sena. F'sahhitha; ghad ghandha sura ta' wahda zghazugha;hugbejha mqaxxrin;ghajnejha mrazznin bis-shih min xi hsieb li ghandha jberrilha f'mohha; u sejra toghmod il-hin kollu lejn in-naha tal-lemin ta' xoffitha t'isfel, ghagir li, kollox ma' kollox, ighawgilha hazin lil wiccha u jaghtiha dehera ta' xi mara stramba ghall-ahhar li, billi ghal xi zmien kienet baqghet tfassal u tredden kif ghanha tivvendika ruhha, ghenet mhux ftit biex tissawwar f'dik li hija 'llum. Il-mod kif titkellem huwa dejjem Imgerrfex u ma jiftiehemx. Meta toqghod tisma' lill-ohrajn, hi tifhem hazin u ma tkunx trid tifhem ahjar. Meta taqbad tghid xi haga, kwazi dejjem taqta' l-kliem fin-nofs, jew minhabba li ma tinteressax ruhha f'dak li tkun qeghda titkellem. Il-libsa ta' fuqha hija maghmula minn drapp fin mehjuta pulita hafna; imma l-ebda turija tas-sens delikat femminili ma jzzenniha. Is-sinjura Stigliano waslet biex tinqeda bil-htigijiet essenzjali biss, libsa mehuda kif gie gie mill-gwardaroba, u barra bid daqq...Tidhol biccaqlieqa tas-soltu taghha mill-bieb komuni u hafifa hafifa, tigbed lejn il-mejda tan-nofs, bla ma lanqas biss issellem lil Alberto li jinsab wieqaf hemm u li qed ihares lejha u jaghdirha mnikket.*

Elena Ghalaqnieha tajjeb il-girnata! Kissirt il-'gardinetta' ***(Din l-ahbar ma tahsdux lil Alberto. Sadattant hi qieghdet pakkett rettangolari mdaqqas fuq il-mejda, mitwi pulit, u mqartas f'karta ta' kwalita` tajba, li fuqha jkollha stampat l-isem tal-hanut b'ittri li ma jingharfux, u turih lil Alberto)*** Ghaddejt nixtri xi tigieg mixwijin.

Arturo Buongiorno.

Elena Buongiorno. ***(Issejjah lejn ix-xellug)*** Maria.

Alberto Qeghda fil-kamra tas-sodda mat-tappezzar.

Elena ***(Mghaddba ghas-serva, bhlaikieku z-zghazugha kienet responsabbli wehedha ghat-tmexxija tad-dar)*** Lil min qeghda tistenna dik biex tifrex dvalja...u tqieghed erba' platti fuq il-mejda. Issa tismaghni. ***(Tahseb mill-gdid f'dak li qalilha Alberto u tistaqsi kollha kurzita`)It-tapezzar, ghaliex qieghed hawn?***

Alberto ***(Jaghmel ta' birruhu li qed jistaghgeb)*** Affarijiet ta' l-imgienen! Minflok ma jiehu hsieb l-imtierah tad-dar tieghu, dak jiehu interess fl-imtierah ta' l-ohrajn, ratux!

Elena ***(Mifxula)*** X'imtierah huma li qed isemmi?

Alberto **(Jiehu gost)** Dawk ta' Alice in wonderland!

***Fl-ahhar Elena tifhem kollox. B'caqliqa hafifa ta' rasha, li biha riedet turi kemm ma kienx hemm bzonnha dik l-imgieba ta' zewgha, tohrog***

ALBERTO (cont.) — l-imġienen! Minflok ma jieħu ħsieb l-imtieraħ tad-dar tiegħu, dak jieħu interess fl-imtieraħ ta' l-oħrajn, rajtux!

ELENA — (Mifxula) X'imtieraħ huma li qed issemmi?

ALBERTO — (Jieħu gost) Dawk ta' "Alice nel paese delle meraviglie".

> Fl-aħħar Elena tifhem kollox. B'ċaqliequ ħafifa ta' rasha, li biha riedet turi kemm ma kienx hemm bżonnha dik l-imġieba ta' żewġha, toħroġ ilventa mill-kamra minn fuq ix-xellug, u lil żewġha tħallih bħall-erbgħa fost il-ġimgħa. Alberto, li sata' jobsor x'se jiġri, ma jbiddilhiex it-tbissima ta' fuq wiċċu, u lanqas ma jitlef nitfa minn sabru. Jersaq lejn il-mejda u, bilmod ilmod, jaqbad ibarraġ il-qxur tal-ġewż f'kantuniera tal-mejda. Imbagħad iferra' ftit imbid f'tazza u jixorbu. Elena terġa' toħroġ mill-kamra tas-sodda bit-tapizzar u b'Maria warajha. Dawn it-tnejn bilkemm jifilħu jkaxkru ż-żewġ imtieraħ li x'mit-tiċrit ta' fuqhom jibda jixxerred is-suf il-ħin kollu.

ELENA — Issa x'se nagħmlu għal dal-lejl?

MARIA — Hu żewġ imtieraħ minn fuq is-sodod tat-tfal.

TAPIZZIERE — Qabel għada filgħaxija ma nkunx nista' nġibhomlkom lura. (Intant, mgħejjun minn Maria iqiegħed l-imtieraħ maġenb il-bieb ta' barra) Aktar tard nibgħat lil min iġorrhom.

ELENA — Se titlaqhom hemm?

TAPIZZIERE — Għoxrin minuta biss, sakemm nasal il-ħanut. Buona giornata. (U joħroġ mill-bieb tad-dar)

ELENA — (Iżżomm lil Alberto responsabbli tal-ġrajja ~~kinkk~~ ħakiebja, għaljekk tgħidlu b'leħen għoli) Int, imbagħad, ġejt maħluq apposta u twelidt biex l-affarijiet tikkomplikahom aktar!

ALBERTO — (Konvint bis-sħiħ) Wieħed irid jara r-riżultat, Elena. Mhix l-ewwel darba li għidtulek dan. Id-dar, bħala istituzzjoni, saret biss tifkira.... dehra li tgħaxxaq maqlugħa minn xakkont tas-snin. Daħħaltha f'rasek li d-dar m'għadhiex teżisti aktar. Ikollna nagħmlu sforzi sovrumani biex nerġgħu nqiegħduha fuq saqajha mill-ġdid minħabba xi okkażjoni speċjali, u jekk, u meta, jirnexxilna nagħmluh, ma nkunux għajr ġedidna t-tifkira ta' ġrajja storika minsija għalkollox. Tista' tgħid, issa bqajna weħidna...jiena u int biss. It-tfal? Dawk qegħdin jgħixu għal rashom. Ejja nbiegħuhom dawn l-erba' xarbitelli....għax inħoss li m'għandix naraħom aktar quddiem għajnejja... u mmorru nikru żewġt ikmamar f'pensjoni, jew f'lukanda....

ELENA — Billi s-servitu' ma baritx xemgħa tax-xirka tal-qorriequ! U metama ssibx li huma kommunisti, ikunu imbeċilli. (Issa tolqodha kontra Maria) U dik mhix għajr żagħżugħa mollħa ħafif, bla rieda tagħha nfisha u bla ebda inizjattiva! Imma possibbli li trid naħseb jien f'kollox? Qalgħodu la "cucina elettrica" splodiet....

MARIA — Ga mort għidtlu jiġi lill-elettriċista.

ELENA — (Inkurlata) Int oqgħod kwieta... U jien mort s'għand tal-gali. Tgħid irrid ngħaddi għand il-lejjatha wkoll? Xi mindaqqiet ikolli mmur ħalli jaħsluli xagħri, għax inkella nibda ninten bħal xi walida tal-laħam magħmuġa. (Mill-ġdid taqbad mas-serva) Daqsxejn ta' dvalja ma kontx taf tifrixha? Erba' platti ma kontx taf tqegħdhom fuq il-mejda?

Maria tħabrek tħejji l-mejda billi tifrex id-dvalja u tqiegħed il-platti f'posthom u li ssib fuq biċċa mobbli.

ALBERTO

Mela l-"gardinetta" tkissret, eh?

ELENA

Iva tkissret. Mhix importanti.... U int, għada, trid tibgħat il-"1100" tiegħek għat-tiswija l-garage.

ALBERTO

(Jinħasad) Int kissirt il-"gardinetta" tiegħek, u jien għada rrid nibgħat il-"1100" tiegħi għat-tiswija?!

ELENA

Mela x'inhu. Għaliex ma ħallejtx spazju biżżejjed bejn il-karozza tiegħek u l-"camioncino" li kien hemm wieqaf? Biex naqla' kellu nsuq b'lura u nqlejt b'żejti. Il-fanal tax-xellug tal-"1100" u l-"portabagagli" tal-gardinetta..... (Alberto ma jikkummenta xejn fuq il-fatt) Meta ġurnata tibda mgħawġa...

ALBERTO

Illum għaddejt sac-Circolo?

ELENA

(Bla ħlewwa) U min għadu jgħaddi? Ili ma nirfes fiċ-Circolo għal dawn l-aħħar xahrejn. X'ambjent! (Minn ġol-borsa toħroġ is-sigaretti u s-sulfarini u taqbad tpejjep)

ALBERTO

(Juriha għala ma kienx hemm għalfejn tqabbad sigaretti, u jkellimha bilmod) Dalwaqt se nieklu....

ELENA

(Bla sabar) Ħallini npejjep, Albe'.... Issa dan tista' tgħid baqagħlna... (Terġa' taqbad fejn kinet ħalliet id-diskors, u titkellem fuq is-suġġett li l-aktar għandha għal qalbha) Erba' delinkwenti msieken li jfittxulek bir-reqqa kollha kemm għandek flus u, meta jaqbdu jilagħbu, ikunu jafu tajjeb sa l-inqas ċentesmu li jistgħu jisolħulek minn butek! (Bħalkieku trid tgħid...u joqogħdu jistennew għal tuti u boll) Kont ngħaddi ċ-Circolo, mela le!.... Kont ingħaddi s'hemm, iva. Kont għand Teresa Falanga. Ċemplitli u talbitni nmur nimla' l-post tar-raba' waħda, għax lil Gigina Forte qabadha l-uġigħ tal-ħlas u ħaduha l-isptar biex twelled.

ALBERTO

Meno male!... Kieku kinet twelled madwar il-mejda tal-logħob f'd-dar ta' Falanga.

ELENA

Int ma tridx tifhimhom ċerti affarijiet. X'ridtni? Inħassar il-logħob? Kieku ma kinux isejħuli aktar, u b'hekk kinet tispiċċali dik id-daqsxejn ta' distrazzjoni innoċenti li kull mara miżżewġa għandha dritt għaliha. U s-sinjura Zoccoletti, mart il-professur, dan li qalet.... li waslet fil-ħin eżatt biex ma tħassarx il-logħob.... Ġiet b'kollox għax żewġha kellu jitlaq minnufih għall-kungress tat-tobba. Ma kinetx taf fejn se taqbad tagħti rasha billi kien għad baqagħlha tagħmel u tixtri ħafna affarijiet.

ALBERTO

Arturo ġie biex jiekol magħna.

ELENA

Tajjeb. Issa nara x'nista' nagħmel.

ALBERTO

X'jiġifieri tara x'tista' tagħmel? 'L bieraħ filgħaxija mhux int kont li stedintu għall-ikel?

ARTURO

Għalija basta hemm l-inbid.

ALBERTO

Xi xtrajt?

ELENA

Għażilt tiġiġa sabiħa, erbgħa u għoxrin frittura tar-ross u ftit patata moqlija.

... għandniex għalfein inħabblu rasna!

Elena tibda tħoll il-pakkett li ġabet magħha, waqt li Alberto, b'moħħu mistrieħ li fl-aħħar li jdaħħal xi ħaġa fl-istonku tiegħu, imur idur mal-mejda. Imma malli tiftaħ il-pakkett, il-mara tinduna li, minflok it-tiġieġa li dak kollu li ħasbet kinet xtrat għall-pranzu, issib.... qmis ta' l-ismocking, ingravata sewda bil-frill, par qliezet qosra ta' taħt, par kalzetti tal-ħarir suwed u par ingwanti bojod.

ELENA (Tistagħġeb tassew) Dawn x'affarijiet huma!?

ALBERTO (Warali jkun fela l-affarijiet misjubin fil-pakkett, bil-kalma kollha donnu jsolvi l-problema) Fil-kungress tal-lejla, il-professur Zoccoletti, it-tiġieġa se jqiegħdha fuq rasu; il-patat moqlija madwaru u frittura tar-ross f'ħalqu.

Elena titfa ħarsa tal-biża' lejn żewġha, waqt li terġa' tqartas kollox mill-aħjar li tista'. Imbagħad taqbad sejra lvanta, u mgħaddba għall-aħħar, lejn biċċa mobbli biex tqiegħed il-pakkett fuqha.

ARTURO Agħdruni, imma se nċempel ftit lill-ħabib tiegħi... Kemmèil darba għadhom ma bdewx jieklu, ngħidilhom jistennewni.

ALBERTO Mur ara x'figura!

ELENA Albe', il-figura.... (Imbagħad lil Arturo) X'se tagħmel?

ARTURO Se nċempel.

ELENA Għalxejn. Dak it-telefon bil-ħsara.

ARTURO Buongiorno. (Jaqbad il-kappell u l-bastun u joħroġ sparat mill-bieb tad-dar)

ALBERTO Isma' milli qed ngħidlek, ejja mmorru f'restaurant. Illum inzertat ġurnata sabiħa wkoll.

MARIA (Mill-lemin) Signo', hawn tlett nisa li ysaqsew għalik.

ELENA Min huma?

MARIA Lil waħda biss minnhom għaraft. Bqajt niftakarha għax darba kinet ġiet hawn... Is-sinjura Fucecchia.

ELENA (Titħawwad u tistaqsi b'taqtigħ ta' qalb) Int għidtilhom li jien qegħda hawn?

Is-sinjura Fucecchia mill-lemin, u warajha jidħlu ż-żewġt iħbieb l-oħra... Is-sinjura Muscio u s-sinjura Micillo. Dawn it-tlett nisa jixbhu lil xulxin fil-mod kif jitkellmu, kif huma milwijin 'l quddiem u kif iħarrku idejhom. It-tlieta li huma jagħmlu schem mill-klassi tan-nofs tal-popolazzjoni. Tista' tgħid li jilbsu xorta bħalma tilbes Elena. Insomma, l-erbgħa li huma, magħduda magħhom Elena, jagħmlu l-uġigħ ta' ras kroniku ta' żwieġhom f'dawn iż-żmenijiet moderni. Is-sinjura Fucecchia hija l-akbar fosthom u, infatti, hija dik li b'kull sengħa ta' ħabi jew qerq possibbli dejjem tara kif tagħmel biex taħbi u ma tikxift kemm għandha żmien. Is-sinjura Micillo għadha żagħżugħa u sabiħa, imma ġa tinsab imħabbla fix-xibka li firxulha ħbiebha u, għalhekk, ftit jew xejn tagħti kas tal-privileġġ li għandha fuq l-oħrajn. Is-sinjura Muscio, tista' tgħid, hija tampar Elena u tas-sinjura Fucecchia. Id-daħla ta' dawn it-tlett nisa tipparalizza l-ħeġġa li biha s-soltu kinet tkun mogħnija Elena. Donnha msammra fuq is-siġġu ta' taħtha, il-mara lanqas biss ma tissogra tieħu n-nifs.

u ma titħarrikx; bilkemm qegħda tħalli 'l għajnejha jiċċaqalqu u jgħaddu minn fuq waħda għal fuq l-oħra. Issa t-tlett nisa qegħdin iqarrbu bla ħniena, u b'pass sod u bilmod, sabiex jieqfu bħala sfida quddiemha. Alberto, miblugħ, qed jara x-xena timbena quddiem għajnejh kollu kursita'. Is-sinjura Fucecchia, l-aktar waħda midħla ta' laqgħat bħal dawn, tibda titkellem l-ewwel waħda.

**SIGN. FUCECCHIA** Allura? (Waqfa qasira. Is-sinjura Fucecchia ironikament) Aħna għamilna bħal Mawmettu u l-muntanja.

**ELENA** (Lil Maria minn bejn snienha) Int itlaq minn hawn.

Maria toħroġ mixxellug bla kliem.

**ALBERTO** (Imħawwad lit-tlieta) Oqogħdu bilqiegħda.

**SIGN. FUCECCHIA** Le, grazzi. Ma naħsibx li se naħlu ħafna żmien hawn. (Lil Elena bi ħlewwa qarrieqa) X'se nagħmlu, Elena?

**ELENA** (B'rabja li bilkemm tista' trażżan) Ma stajtux tistennew, hux tassew? Kemm-il darba stennejt jien u ma tniffist qatt?!

**SIGN. FUCECCHIA** (Tfisser li issa kienu ilhom jistennew ħafna) Xahrejn, ruħi.... Għalhekk x'se nagħmlu? Se nibqgħu nistennew għal għomorna?

**ELENA** (Tisfoga tgħid dak li għal żmien twil kienet ilha żżomm fuq l-istonku tagħha) Int m'intix għajr serp velenuż, u mingħandek ma kontx nistenna ħaġa oħra!

**SIGN. FUCECCHIA** (Li donnha kienet qegħda tistennih dal-kliem sabiex ixxerred l-aħbar ma' l-erbat irjieħ u tqajjem skandlu) (Għalhekk twieġeb minnufih u, ħabta u sabta, tieħu l-qagħda u t-ton ta' min ikun qatagħha minn qabel li jasal għal kollox, basta jirnexxilu jġiegħel lill-avversarju tiegħu jmil rasu u jifhem dak li jkun irid iwassallu hu) Isma', jekk se toħodha fuq dat-ton, allura ngħidlek li kemm-il darba xi ħadd ma jkollux flus x'jilgħab ma jmissux imur joqgħod madwar mejda tal-logħob!

Alberto jinħasad. Jixtieq jaqbeż igħid xi ħaġa, imma jħoss li m'għandux il-kuraġġ jagħmlu dan.

**SIGN. MICILLO** (Bl-istess ton velenuż tal-ħabiba tagħha Fucecchia) Allura fejn hi l-garanzija? Dak li tlift int, u li għadek ma ħallastx, stajt tliftu jien!

**ELENA** (Terġa' tiġi f'tagħha u f'qagħda li tista' tlaħħaq mat-tlett iħbieb tagħha) Int ma tistax titlef.

**SIGN. MICILLO** (Offisa) Xi trid tgħid b'hekk?

**ELENA** Għax il-fortuna li għandek, tqażżeż.

**SIGN. MICILLO** Jiena nilgħab regolari. Jekk għandi fortuna, dik affari tiegħi.

**SIGN. MUSCIO** Il-mod ta' kif qegħda ġġib ruħek hu li qed igerrxek! Minn xahrejn 'l hawn ma dhertx aktar ic-Circolo; u precisament minn dik il-lejla li lagħabna flimkien, u li fiha int ħriġt telliefa. Din x'manjera hi li qegħda ġġib ruħek biha?

SIGN. FUCECCHIA

Meta għamilna l-kontijiet, int għidtilna:- "Għada nibgħatilkom is-somma d-dar". Somma li jiena rrid naqsam ma' Muscio u ma' Micillo, għax magħhom jiena wkoll ħriġt telliefa.... u bħalhom irrid nistenna sakemm int tħallas! Għaliex għandi nħallas qabel ma nkun daħħalt il-flus tar-rebħ?! Meta għamilna l-kontijiet, intenni, flus fil-borsa kellek. Waqt li kont qegħda tnaddaf imnieħrek, rajtu b'għajnejja l-mazz karti ta' elf lire 'l wieħda!

ELENA

Ridt inħallas il-kera tax-xahar, it-telefon u d-dawl.

SIGN. MUSCIO

Allora meta tirbaħ trid iddaħħal il-flus, u meta titlef tbewweġ 'l barra, eh?

SIGN. MICILLO

Għalija tista' tibda tagħmel l-egħgubijiet, imma kemm-il darba nilmħek madwar mejda tal-logħob, nitlaq niġri 'l barra.

SIGN FUCECCHIA

Irnexxilek tqarraq bina darba, imma issa mhix se tkun it-tieni darba.

ELENA

(Tieħu għaliha tassew, u barra minn sensiha) Oħorġuli 'l barra! Barra minn dari! (B'subgħajha l-werrej turi lil Fucecchia) Għandek kuraġġ titkellem dwar qerq int? Meta tiegħek x'inhu? Il-ftehim li għandek mal-kamrier tac-Circolo biex, malli jara li tkun irbaħt u li quddiemek għandek borġ "fiches" kbir daqshekk, isejjaħlek u jgħidlek li jriduk fuqit-telefon, u li mbagħad tibqa' mbegħda minn mal-mejda għal nofs siegħat sħaħ, dan int ma ssejjaħlux qerq?!

SIGN. FUCECCHIA

(Ma tgiddibhiex, u mdejqa twieġeb) Flusi nilagħbhom kif irrid u kif jogħġobni. Imma jiena flus nilgħab u mhux kliem fieragħ.

SIGN. MICILLO

Harsu ftit f'hiex wasalna ma' dil-ħallieła?!

ELENA

(Aggressiva) X'għidt?

SIGN. MUSCIO

Sewwa qalet. Iva, ħallieła...ħallieła.

Elena, mgħajra daqshekk, tintasab bilqiegħda u tagħfas idejha t-tnejn fuqwiċċha.

ALBERTO

(Sa dal-ħin raq x-xena tinħadem quddiem għajnejh b'għafsa ta' qalb, sa fl-aħħar jaqbeż igħid xi ħaġa b'sens kbir ta' responsabilta', u jirnexxilu aktar b'taħrik idejh milli bil-kliem isikket in-nisa) Kalma!.... Kalma! Mhux il-kas li wieħed jasal għal dan! (Elena taqbad tibki bilmod. It-tlett nisa mbegħrna u fuq ix-xwiek, issa joħorġu s-sigaretti u s-sulfarini u jaqbdu jpejpu mifxulin għall-aħħar, bħalma jagħmlu tlett irġiel meta t-taħdita ta' bejniethom tispiċċa tant li jkun jonqos ftit biex tinbidel fi ġlieda. Alberto jibqa' jitkellem b'leħen baxx u kalm, mimli bi kburija mnikkta) Jekk Elena tilfet, hi tħallas tibżgħux. F'dal-kas, xi apprezzamenti li tistgħu tagħmlu, jolqtu aktar lilkom milli lil marti. Lilkom ħadd ma ġie jdaħħlilkom idu fil-but biex jara x'għandkom, hux tassew?

SIGN. FUCECCHIA

(Imsabbra l-aktar mill-wegħda ta' Alberto jiġifieri li jidħol garanti għad-dejn tal-logħob ta' martu, taparsi terġa' titħabbeb magħha) Signor Stigliano, int tassew ġentlom! It-tjubija u n-nobbilta' nfushom. Is-sinjura Muscio u s-sinjura Micillo jistgħu jixhduli għal dan... (Irrur fuq iż-żewġ nisa sabiex jixhdula għall-kliem li beħsiebha tgħid) X'għidtilkom jien qabel ma ġejna hawn?.... Mhux li jisgħobbija li se jkollna

SIGN. FUCECCHIA (cont.)

nweġġgħu qalb is-sur Stigliano? Li hu, ċertament, ma kien jaf xejn bid-dejn, u li għalhekk se jistagħġeb ħafna?

SIGN. MUSCIO

(Mhux Elena dejjem qaltilna li int kont taf bih id-dejn tagħha, u li kont dejjem twegħedha li tagħtiha l-flus, imma li kont dejjem tħalli minn ġurnata għal oħra.

SIGN MICILLO

Minflok, lilna t-tlieta kinet dejjem tgħaddina biż-żmien!

ALBERTO

(Miġruħ f'qalbu, jibqa' jisma', dejjem jibla' l-imrar ġewwa fih. Għalhekk jiddeċiedi) Il-flus, għada, nibgħathomlkom id-dar. Issa nitlobkom titilqu. Irrid inkellem lil ~~xxxxx~~ Elena.

SIGN. FUCECCHIA

Tassew jisgħobbij, jekk bejnek u bejn martek se jinqala' l-inkwiet! (Iddur fuq Elena bħallikieku biex tfakkarha fil-liġijiet ħorox li għandu jħares kulmin imur jogħod fuq mejda tal-logħob) Elena, trid tifhem li l-logħob huwa logħob.... Wieħed, daqqa jdaħħal u daqqa joħroġ.

SIGN. MUSCIO

Darba tirbaħ...u darba titlef.

SIGN. MICILLO

(Tagħbeż titkellem bħallikieku biex issemmi kas simili) Għadek tiftakarha dik id-darba?.......

ALBERTO

(Biex iwaqqafha jerġa' jwiegħed mill-ġdid) Għada tirċievu l-flus id-dar. Buongiorno.

SIGN. FUCECCHIA

(Twieġbu għat-tislima ħafif, ħafif u b'leħen maħtuf) Buongiorno. (Imbagħad b'ħarsa t'għajnejha, tistieden liż-żewġt iħbieb tagħha biex joħorġu 'l barra warajha) Immorru.

SIGN. MICILLO

Buongiorno.

SIGN. MUSCIO

Buongiorno.

Music
level 40
(backgr)

It-tlett nisa joħorġu minn fuq il-lemin.

ALBERTO

(Wara waqfa ~~xxxxx~~ ftit imtawla li matulha l-biki ta' Elena jinstama' miksur u mrażżan, idur fuq martu b'rassenjazzjoni li titlob il-qagħda li issa jafu li ma tistax titjieb) Kemm tlift?

ELENA

(B'qalbha maqsuma u tibki, tlissen isem żewġha bħallikieku hu l-uniku mezz tas-salvazzjoni tagħha) Alberto!

ALBERTO

(Il-biki ta' martu ma jqisu xejn. Wara waqfa qasira, itenni l-mistoqsija bl-istess ton imsabbar ta' qabel) Kemm tlift?

ELENA

(F'leħen żewġha tħoss it-ton tal-firda, u tifhem li issa hu mhu qed iħoss xejn għaliha. Għalhekk titnikket aktar u tħossha mċekkna mhux ftit quddiemu) Disgħa mija u ħamsin elf lire.

ALBERTO

(Għal din l-aħbar jibqa' miblugħ. Is-somma hija kbira ħafna u tiżboq għalkollox id-dħul u l-ħruġ kollu ta' flusu. Joqgħod jaħseb għal ftit, imbagħad jerġa' jġedded minn bejn snienu)... Disgħa mija u ħamsin elf lire!... Min fejn se niksibhom?! Imma ma tindunax li qegħdin inħaffru qabarna b'idejna stess u li qegħdin niżżerżqu għal ġo fih?! Minn ftit taż-żmien 'l hawn ilħaqna t-tarf safejn kellna naslu. Issa mhix għajr kwestjoni li nħaffu t-tmiem kemm jista' jkun. M'inhix se ngħamillek priekki, imma nħoss il-ħtieġa. Int kuxjenza għandek, għax m'intix xi mara belgħa. Allora? Tista'

ALBERTO (cont.)

tgħidli x'kellek f'moħħok biex għamiltha dil-biċċa xogħol? Int beħsiebek tikkommetti delitt, jew ġa wettaqt wieħed? (Jistqarr imdejjaq) Jiena flus m'għandix, u inti tafu tajjeb dan għax il-kontijiet tad-dar inħallashom f'erbgħa u f'ħames darbiet f'daqqa u dejjem b'lura, għax int jew tmur tissupplixxi r-raba' ġokatur fid-dar ta' Falanga, jew inkella tmur ic-Circolo tilgħab. (B'Leħen deċiż) Imma did-darba jkollok ~~xxxxxx~~ tħallas int kif tista'. (U jaqbad sejjer lejn il-kamra tas-sodda)

ELENA

(Li baqgħet tħares lejh jitbiegħed, tifhem id-determinazzjoni ta' żewġha u titħasseb ħafna dwar x'jista' jiġri wara. Tiftaħ il-borsa bil-għaġġla u minnha toħroġ ċavetta żgħira. Sadattant issejjaħ lis-serva) Maria!

MARIA

(Mix-xellug) Għajjattli, signo'?

ELENA

(Tagħti ċ-ċavetta f'idejn iż-żagħżugħa u, b'leħen maħtuf tgħdilha bħalkieku kinet imsieħba magħha) Din int tlifitha.

Maria ma tifhimx, għalhekk tkun tixtieq tistaqsiha biex tfiehemha sew, imma tibqa' siekta billidak il-ħin jidħol is-sinjur.

ALBERTO

(Jieqaf żewġ passi bogħod mill-kamra tas-sodda u jistaqsi) Fejn hi ~~xxxx~~ ċ-ċavetta tal-kommodina?

ELENA

(Minnufih) Ma sibthiex. Irrid infittixha. (Iddur fuq Maria u tagħtiha ħarsa ta' ftehim) Rajtha xejn iċ-ċavetta tal-kommodina?

MARIA

(Innoċenti, turi ċ-ċavetta li ftit qabel kinet ħadet minn idejn is-sinjura tagħha) Din hi?

ALBERTO

(Jieħu ċ-ċavetta u, mill-ġdid, jidħol fil-kamra tas-sodda) ~~Agħtixxxxx~~ Agħtihieli.

ELENA

(Tberraq għajnejha lejn is-serva u tgerger minn taħt l-ilsien) Stupida! (Maria tibqa' bejn ħaltejn u ma tafx għaliex s-sinjura għajritha) Mur fil-kċina.

MARIA

Imma signo'!.....

ELENA

(Mgħaddba) Itlaq!

MARIA TOĦROĠ MINN FUQ IX-XELLUG

ALBERTO

(Jiġi lura siekt, musfar. Mixi bilmod, jersaq lejn il-mejda tan-nofs u fuqha jqiegħed kaxxa mdaqqsa, miksija bil-ġild li fiha jqiegħdu l-ġojelli, u li jkun ġab miegħu mill-kamra tas-sodda. Dejjem bilmod, jiftaħ il-kaxxa, jgħolli l-għatu, u minnha joħroġ pakkett ftit oħxon ta' riċevuti tar-rahan tal-Monte di Pieta'. Bi swied il-qalb, u b'leħen jirtogħod, jistaqsi lil martu) X'sar minnhom il-ġojelli? (Juriha l-irċevuti) Rahanthom? (Elena taqbad tibki) X'taħseb li se ssewwi bil-biki?

ELENA

(Waqt li tkompli tibki) Taħqarnix aktar. Jiena wkoll qegħda nħabbel rasi biex nara x'jista' jsir. Jiena wkoll qegħda nipprova nara l-affarijiet taħt dawl ieħor, u n-nervi ma jifilħux aktar..... Ma nistax nifhem!.... Ma nistax nifhem! (U did-darba taqbad tibki b'qalbha maqsuma u tintelaq għal fuq is-siġġu)

ALBERTO

(Aktar mgħaddab milli mqanqal, għall-biki ta' martu iwieġeb b'dagħdigħa ta' kliem imsaħħan, bħalkieku qed

ALBERTO (cont.)

joħodha kontra tiegħu nnifsu)... Tippresenta ruħek quddiem in-nies u jkollok toqgħod tigbor fik l-għira u l-velenu li titħallas bihom għal dak kollu li, b'sagrifiċċi kbar u b'ċaħdiet, tlun ħlaqt b'idejk stess, u li taħseb għad iferraħlek lil qalbek. Id-dar.... l-ulied..... il-familja.... (Issa jinħakem minn disperazzjoni li ~~xgħkmaxx~~ taħqru ħafnau li donnha mhix se tgħaddi minn fuqu. Għalhekk jagħfas idejh it-tnejn fuq wiċċu, bħalkieku biex ma jismax it-tfarrik ta' għadmu u t-tiċrit ta' laħmu li qed jistenna jiġri) Imma f'hiex kont nemmen jien?.... U min kien li ġegħalni nemmnu?.... Għaliex webbist rasi u ridt nibqa' nemmen?.... (U jidħol fil-kamra tas-sodda)

ROSARIA tidħol minn fuq ix-xellug u, bħalkieku kulma ġara lilha ma jolqothiex imma li, bid-dieħer, semgħetu kollu minn kamritha, taqsam il-kamra u toħroġ fis-skiet 'l barra mill-bieb tad-dar.

MARIA

(Tidħol minn fuq ix-xellug, u f'idha għandha kikkra te' li minnha ħiereġ id-duħħan. Iż-żagħżugħa ddur beżgħana fuq is-sinjura tagħha) Għamiltlu kikkra te' sħun lis-sinjur. Nidħol nagħtihielu? (Elena, bla ma ddawwar wiċċha lejha, twieġibha fl-affermattiv b'ċaqliega ta' rasha. Maria taqbad miexja u tidħol fil-kamra l-oħra. Wara waqfa li matulha Elena, dejjem tolfoq, tersaq lejn il-mejda u ddaħħal l-irċevuti f'posthom fil-kaxxa, Maria toħroġ tiġri biex lis-sinjura tagħha tagħtiha aħbar ta' importanza kbira u li lilha nfisha kinet ħawditha mhux ftit) Signo', ejja malgħajr!

ELENA

(Tinħasad mid-dhera mbergħna taż-żagħżugħa) X'ġara, x'wakda din!?

MARIA

(Fuq ix-xwiek) 'O padrone!.....

ELENA

(Bla sabar) Iva?

MARIA

Sibtu bilqiegħda ħdejn il-gallarija. Staqsejtu:- "Signo', trid kikkra te' sħuna?" Ħares lejja b'għajnejh imberrqin, donnu ma kienx qed jifhimni, u ma tkellimx. Darbtejn u tlett darbiet ipprova jkellimni, imma l-ebda darba ma sata' jlissen kelma!

ELENA

(Tberraq għajnejha u titlaq tiġri lejn il-kamra tas-sodda) Madonna mia! (U toħroġ. Maria tibqa' bla ma tiċċaqlaq, fuq ix-xwiek, tħares lejn il-kamra. Elena, minn ġewwa, bleħen iddisprat) Alberto!.... Alberto!... Xi ġralek?.... Tkellem!... (Wara waqfa qasira, il-mara terġa' tiġi lura ħafifa ħafifa u, mifxula għalkollox minħabba l-qagħda mwiegħra li tinda fiha) Il-ktieb tat-telefon! Il-ktieb tat-telefon!

MARIA

It-telefon maqtugħ!

ELENA

Inżel s'għand is-sinjura Magli, fl-ewwel sular. Fittex ftit fil-ktieb tat-telefon tagħha x'numru għandu t-tabib Mirabelli.... onm,Guiliano Mirabelli....u għidlu jiġi hawn minnufih. Għidlu li hija ħġa urgentissima.

MARIA

VOLUME UP. and B.O.

Kollox sew. (Toħroġ tiġri mill-bieb tad-dar)

Elena bla ma tmewwet xejn qalbha, u b'ħeġġa li sa dak il-waqt ma kinet ġarrbet qatt qabel, tersaq lejn iż-żewġ imtieraħ li hemm fl-art u tkaxkarhom it-tnejn f'daqqa lejn il-kamra tas-sodda.

SIPARJU.

LIGHTS – DAY

OPEN
MUSIC :–

AV = NO 1

ON CURTAIN
MUSIC - FADES TO

RADIO

ICD = NO 9

VISUAL CUE WHEN DOOR BELL RINGS MARIA
PUTS = RADIO – OFF

IT-TIENI ATT.

Dejjem fid-dar tal-familja Stigliano. L-istess kamra ta' l-ewwel att. Din ġiet mibdula għal kollox. Ftit għamara minn dik li nafu baqgħet f'postha. Il-mejda tan-nofs ġiet imressqa fil-ġenb, b'erba' siġġijiet madwarha fejn il-familja tiġbor biex tiekol, u biex tagħmel xi xogħol wisa' għall-sett nagħni tal-ħjata li jidhru wieħed wara l-ieħor, u ftit imbegħdin minn xulxin, bħal ġo fabbrika. Ma' garġenti mwaħħlin mal-ħajt jidhru mdendlin xi mudelli kollha tal-karta u differenti minn xulxin, ta' lbiesi għal tfal żgħar, kif ukoll xi xkafef ta' l-injam b'biċċiet ta' drapp ta' ħafna lwien fuqhom, kif ukoll għadd ta' lbiesi lesti u mqiegħda fuq xulxin.

Għaddew erba' xhur. Issa hu filgħaxija tard. X'ħin tinfetaħ il-purtiera ix-xena tidher vojta. Imxerrdin ma' l-art, madwar il-magni tal-ħjata hemm, minbarra biċċiet oħra li huma l-fdalijiet ta' drapp għar-rimi, xi karti ncappsin bi grass u mitfugħin kif ġie ġie. Wara ftit tidħol Maria u warajha Corrado.

MARIA " 'A sinjurina Rosaria" mill-ewwel semgħatha l-qampiena tal-bieb, u basret li kont ġejt int.

CORRADO Se ndum wisq nistenna?

MARIA Le. 'A sinjurina ilha ħafna lesta. (Thares lejn ix-xellug) Imm hi!

ROSARIA (Tidħol u taqbad tkellem direttament lil Corrado) Nista' nkun naf x'il mniefaħ għamilt 'l bieraħ filgħaxija?

MARIA toħroġ minn fuq ix-xellug.

CORRADO X'għamilt?

ROSARIA Jaqaw taħseb li qed tagħmilha ma' xi serva?

CORRADO Għaliex?!

ROSARIA Ara għaliex?! Iċċempel telefon....tgħidilhom li trid tkellimni.... jiena niġi ngħaġġel kemm niflaħ....u malli ngħidlek "Pronto", int tgħidli:- "Jiena Corrado". Jiena nwieġbek.. "Dimmi amore"... ħabta u sabta taqta'!

CORRADO Xejn minn dan kollu! Il-linja qatgħuhielna!

ROSARIA (Mhi konvinta xejn) Xi ħsibtni lili? Xi waħda nofs moħħ? Il-linja int qtajtha. Infatti, wara qgħadt nistenna għal aktar minn siegħa, u int ma rġajtx ċempilt.

CORRADO Isma', jiena qed ingħidlek li hekk ġara. Jekk ma tridx temminni, agħmel kif jogħġbok.

ROSARIA Imma għaliex tweġibni hekk lili?!.... Nejnietna m'għandux ikun hemm ġlied.... Qed timxi miegħi hekk issa, aħseb u ara 'l quddiem!

CORRADO (Bla sabar) "Santo Dio!" Imma kif jista' jkun li ma jirnexxilek qatt tinqala' miċ-ċirku ta' nies li tkun imdawra bihom is-soltu?! Ċempiltlek għax ridt inkellmek fuq ħaġa importanti. Il-papa' ddeċieda li jqegħdni f'posizzjoni li nkun nista' nizzewġek. Għalhekk ħsibt li jkun aħjar jekk inkellmek rasi u rasek.

ROSARIA Allura ma stajtx tgħidli li dwar dil-biċċa xogħol se tkellimni l-għada?

CORRADO (Ikun ċar) Rosa', dan hu l-karattru tiegħi.

ROSARIA (Tingaras) U jekk tippermettili ngħidlek, tiegħi lanqas mhu perfett. (Tieħu għaliha u tersaq lejn it-tieqa biex tħares 'l barra).

CORRADO (Wara waqfa qasira) Mela nista' nitlaq, hux tassew?.... Ciao. (Taqbad miexi 'lejn il-bieb)

ROSARIA (Twaqqfu) Stenna ftit. (Corrado jieqaf) Ersaq 'l hawn. (Corrado jersaq lejha bilmod) Għaliex qegħdin nagħmlu hekk aħna, għid?

CORRADO Milli jidher tieħu gost timbixni. Saret dik it-telefonata, hux tassew? u trid tgħid li kelli ragħuni għala ċempiltlek. Imbagħad meta rajt li kont ġejt hdejk, qgħadt tieħu gost tgħajjarni biha.

ROSARIA Tgħidx... "tieħu gost". Għandek tifhem li lili sogħbieni wkoll. (Bil-ħlewwa) X'qallek il-papa'?

CORRADO Iridni nieħu l-post li għad hemm miftuħ....dak li ġie ħajjarni bih hu. Irid ighid li, billi nista' norbot fuq dak il-post biss u xejn aktar, wahdi nkun nista' nfasslu l-futur tiegħi.

ROSARIA Tajjeb. Ma tħossokx kuntent?

CORRADO (Iwaħħal għajnejn, mimlijin imħabba, f'dawk ta' Rosaria) X'par għajnejn sbieħ għandek!

ROSARIA (Imfaħħra) Jogħġbuk? (Corrado jaqbel u juriha b'tixjira ħafifa ta' rasu)... U ħalqi?... Ħalqi ma jogħġbokx?... (Corrado, b.q.) Mela busni. (Tressaq xofftejha lejn wiċċu waqt li tbexxaq għajnejha, bħallkieku qegħda titlob)

CORRADO (Iressaq ħalqu lejn tagħha, u jkun se jbusha. F'daqqa waħda wiċċu jinbidel, leħħa ta' mibegħda tfeġġ f'għajnejh u jimbotta ż-żagħżugħa bil-qoff 'l hinn minnu waqt li jgħidilha...) Tgħidli...."Amore".... Għidli... "Tesoro"...kif għidt 'l bieraħ lilgħaxija fuq it-telefon. Ciao! (U joħroġ ħafif ħafif mill-lemin)

ROSARIA (Kollha għajb, mifxula, tmur tiġri warajh biex tistaqsih) Corrado!..... Corrado!..... Imma x'qed jagħtik?! (U toħroġ hija wkoll)

Maria tidħol minn fuq ix-xellug bi xkupa f'idejha, u taqbad tiknes il-kamra.

ELENA (Mix-xellug tersaq lejn il-mejda u tibda titwi libsa żgħira biex iżżidha ma' hdax oħra li kienu ġa ġew mitwijin qabel. Waqt li tkun qegħda tagħmel dax-xogħol, twaqqaf ħarsitha fuq tebgħa taż-żejt li tidher fuq il-libsa li għandha f'idejha) Hares ftit! Tebgħa taż-żejt proprju fuq quddiem! (Tgħid għan-negligenza tal-ħajjatin li għandha jaħdmu magħha) "Disgraziate!".... U ara ma taħsibx li jaqagħlhom f'rashom imorru jaħslu idejhom wara l-ikel, taf!

MARIA Dik biċċa xogħol ta' Nunziatella. Rajtha jiena b'għajnejja...kienet qegħda tiekol ħobż biż-żejt u bżar aħdar f'tigan tal-metall.

ELENA Mela tħallasha hi. (Il-qampiena tal-bieb ta' barra ddoqq) Mur ara min ġie.

Maria toħroġ mill-lemin u, wara ftit, terġa' tidħol b'żewġ irġiel warajha. Wieħed minnhom hu Bugli, raġel simpatiku fuq it-tletin sena, eleganti u jidher minn tagħna. L-ieħor huwa "fotoreporter", u għandu kulma hu meħtieġ fis-sengħa tiegħu.

MARIA (Turi lil Bugli, bħalkieku biex tgħid.... "Dak qabad u daħal ġewwa bla ma lanqas biss ħallieni nistaqsih x'jismu!) Signo'?!

ELENA Min hemm?

BUGLI La signora Elena Stigliano?

ELENA (Mifxula ta'li qabdu u daħlu fuqha, tgħid issurmata) Iva.

BUGLI (Jippresenta ruħu) Jiena "dottor Bugli....Vincenzo Bugli" korrispondent ta' ħafna gażżetti u kittieb ta'...."Donna d'oggi" li toħroġ ta' kull ġimgħa, imxerrda ħafna u, li tista' tgħid, illum daħlet f'għadd kbir ta' djar mal-pajjiż kollu...u, forsi wkoll... 'a all'estero'. Bħalma taf, signora......

ELENA Verament, jiena ma naf xejn!

BUGLI Qed nifhem. Il-mod li bih ippresentajt ruħi quddiemek għandu jħallik ftit u xejn imħawda. Nitolbok taħfirli. Ix-xogħol tagħna huwa wieħed bla ħniena. Aħna l-ġurnalisti, xi mindaqqiet, inkunu mġegħlin nieħdu l-iqsar triq sabiex naslu fl-inqas żmien possibbli sal-qalba tal-kwistjoni li tkun tinteressana. (Waqt li jurina l-fotografu) Kif qegħda tara, miegħi għandi l-fotografu. (Il-fotografu jitgħawweġ 'l quddiem biex isellem liż-żewġ nisa) Ħalli nfiehmek f'erba' kelmiet x'inhi l-biċċa xogħol. Sa minn xi ġimgħat 'l hawn, fil-ġurnal tiegħi qed nagħmel inkjesta fuq ix-xogħol tal-mara tal-lum....dwar il-kapaċita' li għandha għax-xogħol.... dwar l-għanijiet prattiċi u psikoloġiċi ta' l-industrija, u t-tamiet għall-futur. Nixtieq nagħmillek xi mistoqsijiet u nieħdu xi ritratti.

ELENA Iddispjaċini, imma jiena m'inhix imħarrġa.....

BUGLI Kulma se noħdulek hu ftit tal-ħin biss.

ELENA Imma min baghatkom hawn?

BUGLI Flabt lill-purtinar jagħtini xi tagħrif dwar in-nies li hawn joqogħdu f'dal-blokk bini... Rajt li x-xogħol li qegħda tagħmel int huwa wieħed interessanti ħafna u, għalhekk, ġejt għandek.

ELENA Verament ix-xogħol li nagħmel jien huwa wieħed monotonu biżżejjed u komuni ħafna.... Inħit ilbiesi "in serie" għal tfal żgħar lill-ditta li tforninì bid-drapp u bil-mudelli. Lil min tista' tinteressah ħaġa bħal din?

BUGLI Hekk taħseb, signora?Imma għalina li nixtiequ naraw il-mara tal-lum miexja 'l quddiem, u li bi kwalunkwe mezz inħajruha sabiex tkun aktar deċisiva u indipendenti fil-ħajja, kull wirja ta' dix-xorta, stampata u mgħejjuna b'ritratti meħudin bis-sengħa u skond l-"articolo" li jkun, dejjem ikollha s-siwi tagħha... bħal "punto di partenza" minn fejn naqbdu mexjin biex naslu għall-għan tagħna u nxandruh. Nijiet ta' nisa oħrajn jistgħu jgħidu.... "Ħalli nagħmel bħalma għamlet dik tal-ġurnal", eċċ...eċċ....

ELENA Dax-xogħol qbadt nagħmlu b'kumbinazzjoni.

MARIA La mia signora, meta żewġha kien għadu jitkellem, lanqas biss ma kinet tissogra tqandek siġġu minn hawn għal hinn!

ELENA Int agħlaq ħalqek.

BUGLI (Interessat) Għaliex, issa m'għadux jitkellem?

ELENA Żammlu lsienu, ħtija ta' għawġ kbir. Għalina din kienet disgrazzja kbira ħafna. Aħsbu ftit, żewġi kien jitkellem fuq ir-Radio.... u xogħolu kien ta' "speaker". Stigliani...qatt smajtu bih?

BUGLI Mela le!... U kien wieħed mill-aħjar ukoll!

ELENA Għalhekk kelli nnidd idejja jien... U issa, nizzi ħajr 'l Alla, b'dak li naqla' jien.....

BUGLI (Jikteb fuq "notebook" żgħir) Interessanti.

ELENA Kemm-il darba t-tweġibiet tiegħi jservu għal xi ħaġa, tistgħu tkomplu tistaqsuni, imma nitlobkom biex ma tieħdux ritratti.... Tidbirli xi ħaġa taċ-ċajt.....

BUGLI Għaliex? Tgħidx kemm iħallsu l-artisti biex jaraw ir-ritratti tagħhom stampati fuq l-ewwel paġna ta' ġurnal ta' ~~xxxxxxxxxxxx~~ Gingħa!

ELENA Minn daqshekk, jiena nieħu gost ħafna nqalleb fihom għax binti tixtrihom.

BUGLI Għandek tifla? Tajjeb. (Iniżżel fin-"note book")

ELENA U tifel ukoll. Issa Beppe qiegħed Pariġi. Qed jaħdem fi'm tal-Kulur. "Fis-Saltna Ta' L-Avorju"...film ta' avventuri...kaċċjaturi...sparar... u annimali feroċi. Ma smajtx bih?

BUGLI Iva. Film italo-franċiż. Imma ma kontx naf li hemm ibnek jaħdem fih!

ELENA (Tistiednu joqgħod bilqiegħda) Oqgħod bilqiegħda, jekk jogħġbok.

Joqogħdu bilqiegħda.

BUGLI Grazzi. Kif tħajjar ibnek biex isir artist taċ-ċinema?

ELENA Żagħżugħ mibni sabiħ ta' l-għaġeb!... Xi ftit minħabba n-namra li, f'dawn iż-żmenijiet, m'għandniex xi ngħidu, qegħda taħkem 'il kulħadd, u xi ftit minħabba l-ħbieb li kienu jmajruh u jagħmlulu l-ġlmu.... Fejn naf, bagħat ir-ritratti tiegħu lill-produtturi u dawn aċċettaw li jaħdem il-parti prinċipali.... Bagħtulu kuntratt sabiħ ħafna. Issa ilu jaħdem fil-film għal aktar minn tlett xhur.

BUGLI U matul daż-żmien kollu ma bagħtlekx ritratti tal-film?.....ritratti tal-parti li qed jaħdem?

ELENA Mela le! Bagħat ritratt sabiħ ħafna f'kull poża immaġinarja.

BUGLI Nistgħu narawhom, jekk ma jimpurtax?

ELENA Mela le! Ħalli mmur ingibhomlkom malgħajr.

BUGLI Tkun ħaġa interessante jekk nippubblikaw ukoll xi ritratt tiegħu ta' meta ma kienx għadu moħħu fiċ-ċinema. Xi wieħed ta' meta kien għadu tifel....per esempio.

ELENA Tixtiequ tarawhom, hux tassew? Għandi ħafna...issa ngibhomlkom. (Toħroġ 'lventa mix-xellug)

BUGLI (Idur b'interess fuq Maria) U int is-serva, hux tassew?

MARIA (Tiħmar minħabba t-tqanqil li qegħda tħoss ġo fiha u, mimlija tama, tlaqlaq) Si....

BUGLI Żagħżugħa helwa ħafna! Lilek għadhom ma kixfukx?

MARIA (Mistħija) Jiena ninkixef waħdi.... Imma jridu jsibu xi xebba tal-qatgħa!.... Jiena xebba onesta!

BUGLI X'fhimt? Ridt ngħid.... Lilek għadhom ma talbukx biex taħdem fil-films?

MARIA (Tħossha mfaħħra) Le!... U min qatt jaħseb fihom dawn l-affarijiet!?

BUGLI (Tinsisti) Ma tiehux gost tara r-ritratt tiegħek ippubblikat fil-gurnal?

MARIA (Serhana) Mela le!

BUGLI Allura trid tgħidli bid-dettalji kollha kif igħixu l-membri kollha ta' dil-familja.... Kemm ilek taħdem magħhom bħala serva?

MARIA Tlett snin.

BUGLI Tajjeb ħafna. Int il-bniedma li kont qed infittex. Irrid inkun naf kollox.... il-karattru ta' Alberto Stigliano....kif igib ruhu ma' martu....ma' wliedu...x'ħajja qegħda tgħaddi s-signorina Rosaria... x'ħajja qed jgħaddi huha u l-ħbieb li jmorru jżuru.

MARIA Mela tafha lis-sinjurina Rosaria?

BUGLI Tħabbilx rasek, jiena lil kulħadd naf. U fuq kollox irrid tagħrif dwar il-ħajja xxxxxxxxxxxx tal-ħabib tas-sur Beppe.... Guidone.

MARIA (Tidħak għax qed tieħu gost) 'O femmenella...

BUGLI Proprju... 'O femmenella... Issa m'għandniex ħin. Nistennik fil-kantuniera tat-triq. Minn hawn u ftit ieħor, sib xi skuża, tkun xi tkun, inżel isfel u nitkellmu.

MARIA xxxxxxxxxxxx U r-ritratt?

BUGLI Mela, għax jekk nohodulek qabel, int ma tigix titlaqa' miegħi.

MARIA U beħsieběl tistampah fil-gurnal?

BUGLI Fl-ewwel faccata.

ELENA (Minn fuq ix-xellug. F'idha għandha mazz ritratti li tqiegħed fuq il-mejda) Hawn huma!

BUGLI (Xewqan mhux ftit li jarahom, jersaq minnufih lejn il-mejda u jibda jara r-ritratti) Tajjeb ħafna. Dan hu materjal prezzjuż!

ELENA (Turih ritratt li, skond fehmitha, jista' jkun ta' interess kbir għall-istampa) Din jien ma' żewġi, f'jum it-tieġ tagħna... Tidher ukoll il-mama', Alla jaħfrilha.... (Turih ritratt ieħor) Dan huwa Beppe ta' disa' snin flinkien ma' oħtu....kien qed jilgħab tal-ħellelin u l-pulizzija.

[illegible]

BUGLI (Juri interess speċjali fir-ritratt) Magnifico!....Milli jidher, lil ohtu rabtilha idejha b'habel u dawwar il-pistola lejha.

ELENA Ġugarell. Dar-ritratt hadu żewġ d-dar.

BUGLI (Waqt li jkun qed iħares lejn ritratt iehor) U dan?

ELENA Dejjem ibni. Hawn kellu hdax-il sena. Haduli ritratt liebes ta' "bandito" bil-maskra f'wiċċu.... Imma xorta jin haraf.

BUGLI (Milli jidher ha gost) Armat tajjeb ukoll!

ELENA It-tfal, taf int!... (Turih ritratt aktar reċenti) U dawn huma tal-film.

BUGLI (Iħares lejhom u jogħġbuh) Tassew zagħżugh mibni sabiħ! Se niehu dawn it-tnejn. (Jagħżel dak fejn hemm ohtt Beppe marbuta, u l-iehor fejn Beppe jidher liebes ta' "bandito") U dan ukoll (wiehed taċ-ċinema) Dawn it-tlieta biżżejjed. (Intant jilmaħ ritratt iehor li jaħseb jista' jkun ta' siwi għalih u juri interess fih) X'inhu dan?

ELENA Dan ritratt reċenti ta' Rosaria.

BUGLI Nista' niehdu wkoll?

ELENA Għala le!?

BUGLI Togħġobni għall-oriġinalita' f'il-biesha... għall-qagħda sfieqa tagħha... moderna....

ELENA Eh! Minn daqshekk binti hija moderna żżejjed!

ARTURO (Mill-lemin b'Alberto warajh) Aħna hawn.... Buonasera. (Jilmaħ lil Bugli u jsellimlu b'ċaqlieqa ħafifa ta' rasu)

Alberto, billi ma jistax jesprimi ruħu bil-kliem, f'dagħdigħa ta' sinjali b'idejh, jitlob lil martu tagħtih tagħrif dwar il-bniedem mhux magħruf li mar iżurhom.

ELENA Il-sinjore e' un gornalista.

BUGLI (Jippresenta ruħu) Dottor Bugli.

ELENA Talabni nagħti xi ritratt ta' Beppe u xi wiehed tagħha għax jixtieq jikteb xi articolo fuq il-familja kollha.

ARTURO (B'ironija) Eh, gia'.... issa għandna l'attore cinematografico!

ELENA (Tippresenta lil Arturo) Il-kunjatu tiegħi, Arturo Stigliano.

Alberto joħroġ minn fuq ix-xellug.

BUGLI Inti ż-żiju ta' Beppe Stigliano, hux tassew? Bravo!

ARTURO (Imdejjaq) A servirvi. (U jgħid bħallikieku biex jagħla' xi ħaġa minn fuq l-istonku tiegħu) Issa l-folja nqalbet!

BUGLI M'inhix nifhem.

ARTURO Il-folja nqalbet! Id-dinja mhix għajr borma tgħali li jkun fiha

Siero", thallini [illegible]

ARTURO (cont.) l-fasola. Tafu xejn x'tagħmel il-fasola fil-borma meta l-ilma ta' ġo fiha jiftaħ jgħali? Il-fasola tal-qiegħ titla fil-wiċċ, u l-fasola tal-wiċċ tinżel fil-qiegħ..... 'La stampa' lili ma tafnix għax jiena Arturo Stigliano, suldat tal-gwerra l-oħra; wieħed mill-"arditi" tal-Battaljun ta' l-assalt... "I fulminanti"...midrub fuq il-kamp tal-battalja f'sieqi tax-xellug u mlaħħaq surġent fuq il-kamp stess għax tassew kien jistħoqqli.... mhux hekk? Imma għax jiena z-ziju ta' Beppe Stigliano, attur tal-films "in voga", inħallas biż-żalza u li xbihatu jidhru mkabbrin fuq "schermi" mad-dinja kollha.... Fi kliem ieħor.... in-neputi tiegħi huwa l-fasola tal-wiċċ, u jiena dik tal-qiegħ.

BUGLI Ikolli ngħid qed titkellem b'għafsa ta' qalb!

ARTURO Int ġurnalista? Nixtieq nitkellem kif naf nagħmel jien... b'hekk, nistħajjel, ikollkom ħafna x'tgħidulu l-pubbliku.

BUGLI Tkellem, tkellem. Jekk nista' nkunlek ta' xi siwi....

ARTURO Aħjar le. Int ġejt hawn għal għanijiet oħra. Isma' minni, tkellem biss dwar il-familja ta' l-attur... Il-ħajja moħbija ta' suldat kwalunkwe ma tinteressa 'l ħadd. Jiena ngħix waħdi, f'kamra "ammobigliata" fil-ħames sular ta' blokk bini fi sqaq Gardinetto. Ngħix b'dik in-nitfa pensjoni, u b'salarju żgħir li naqla' mill-Banca Commerciale fejn naħdem bħala purtinar. L-ikel insajru fuq spiritiera ta' l-ispirtu, u l-qomos naħsilhom jiena stess. Ħadd hawn għand niesi meta naħseb li l-presenza tiegħi fosthom tkun meħtieġa. Infatti, issa li hija, minħabba għawġ fil-familja, żammlu lsienu, jiena nwennsu s'għand it-tabib, kif ukoll fit-triq kulmita jkun jixtieq jieħu ftit ta' l-arja. (Għal sinjal ta' Bugli, il-fotografu jibda jdur madwar Arturo u jiġbidlu ritratti f'kull poża) Wara l-gwerra tal '15 - 18, sirt faxxist; iġġelidt fir-rigment faxxist b'ħilti kollha u qdejt dmiri b'fehema soda daqs l-azzar. ~~xxxxxxxxxxxxx~~ Fil- '35 iżżewwiġt sabiex nimxi b'għajnejja magħluqin fuq it-tagħlim ta' l-istat, u nfridt minn marti legalment wara l-25 ta' Lulju għax dik il-ġurnata kellha l-ħila tgħid...."Sa fl-aħħar waqfet; issa se ninżgħuhom minn saqajna l-isdvali t-twal!".... Fl-ikel għandi gosti sempliċi ħafna. Xi kull tant ngħalli tlett mitt gramma spaghetti; tewma u ftit ġejt... mhux biss għax jogħġbuni ħafna, imma l-aktar għax nista' nsajjarhom bla tbatija ta' xejn. Ma niekol qatt laħam, u anqas u anqas ħut... Jiena vegetarjan... għalhekk insalata...tiela u insalata nieżla. (Jagħmel ta' birruħu li għadu kif intebaħ bil-fotografu) Nitolbok biex ma tippubblikahomx dawn ir-ritratti. B'dankollu, nixtieq ikolli kopja ta' kull poża..... Buonasera. (Joħroġ mill-lemin)

BUGLI Simpatiku.

ELENA Trid tagħdru.... Taf int, kulħadd għandu l-idijat tiegħu.

BUGLI Molte grazie, signora, e arrivederci. (Jaqbad miexi)

ELENA Trid tieħu xi ritratti tiegħi waqt li nkun qed naħdem? Ngħidu aħna maġenb magna tal-ħjata?

BUGLI Mhux meħtieġ. Għandi materjal biżżejjed f'idejja...,darba oħra. (Lill-fotografu) Immorru. Grazzie tal-laqgħa. Buonasera. (Joħroġ jgħaġġel bil-fotografu warajh)

ELENA Buonasera.

MARIA Signo', tħallini ninżel s'isfel għal għaxar minuti? Irrid ngħaddi

IA (cont.) sal-bazaar biex nixtri marella ħajt u suf ċelesti ħalli nispiċċa 'c golf (jersey)

Alberto jidħol mix-xellug, iressaq siġġu lejn it-tieqa u joqgħod bilqiegħda fuqu.

NA Ri.t nagħmel lista x'għandna nixtru għada. Il-lista' tallum għamiltha?

IA Sissignora.... hawn hi, araha. (Mill-but tal-fardal toħroġ biċċa karta żgħira u tagħtihielha lil Elena)

NA (Wara li taqra t-total) Mari', elf u ħames mitt lire!

IA (Aktar preċisa) Elf erbgħa mija u sittin.

ENA Oqgħod attenta għal dawk l-erbgħin lire!

RIA Signo', hemm ukoll il-flixkun taż-żejt u s-sapun tal-ħasil.

ENA Kollox sew, imma għall-ikel illum naqqasna ftit.... Ma nistgħux nonfqu elf u ħames mitt lire!

RIA Hemm miktub li rrid nixtri kilo' laħam għall-brodu.....

ENA Tlett kwarti biżżejjed.

RIA ....u tlett mitt gramma ross.

LENA B'hekk jibqa' platt, għax mitejn gramma jservu għalina t-tlieta. Ara x'nagħmlu. Għada dak li nkunu se nsajru niżnuh minn qabel... Ma nistgħux narmuh il-ġid tal-Bambin! Imbagħad, biex wieħed jaqla' lira irid jegħreq għaraq tad-demm!

(VISUAL) RADIO ON.

RIA Għandek raġun. Allora, signo', nista' ninżel ftit s'issfel issa? Il-lista tax-xirja t'għadha nagħmilhielek meta nigi lura.

LENA Kollox sew, imma ddumx. Għaxar minuti biss, eh.

ARIA (Ferħana) Taħseb xejn, signo'. (U toħroġ mix-xellug)

RADIO OFF

ENA Albe', jiena lestlejtlek skutella brodu. Ħabbat bajda friska fih u wara hu biċċa laħam ta' ġo fih. Wara li tiekol, imbagħad, ħinni nagħmel il-kontijiet. Għad irrid nitħallas tal-ħjata ta' erbgħa u għoxrin libsa tat-tfal.

Alberto juriha b'rasu li jaqbel.

MARIA (Mix-xellug) Jiena nieżla, signo'.

ELENA Iddumx.

MARIA Għaxar minuti. (U toħroġ mill-lemin)

ELENA (Lil żewġha) Mort għand it-tabib? (Alberto jwieġibha "iva" b'rasu) Qawwihielek xejn qalbek? (Alberto b.q.) Mela mhux għal xejn! Nizzi ħajr 'l Alla, ix-xogħol li qed nagħmel sejjer tajjeb ħafna u x'nieklu dejjem ikollna.... Imma ma nafx x'nagħti biex inkunu nistgħu nitkellmu flimkien bħal qabel!... Sabiex inkun nista' nisma' l-pariri tiegħek fuq din jew fuq dik il-ħaġa! Temminni jekk ingħidlek li ma [illegible]

ELENA (cont.) niftakrux leħnek? Jista' jkun xi fenomenu, għax meta kont titkellem int, jien ma kont nisimgħek. (Alberto igerger ironikament). Imma lanqas biss "si" jew "no" ma tista' tlissen? Għaliex ma tippruvax, eh? (Alberto jagħmel sinjal b'rasu bħalkieku biex igħid... 'Ikun kollu ta' xejn li nipprova'. Imbagħad, bis-sinjali juriha li jrid jidħol fil-kamra tiegħu biex jaħsel idejh) Mur, mur....nistennik. Sadattant se mmur inġiblek il-brodu u nqiegħdulek fuq il-mejda.

Alberto joħroġ minn fuq ix-xellug. Il-qampiena tal-bieb iddoqq bla ma taqta'. Elena toħroġ minn fuq il-lemin. Wara waqfa qasira, jinstama' leħen Beppe.

BEPPE (Minn ġewwa b'leħen anzjus) Mama'!

ELENA (B'għageb u mbażża' fl-istess ħin) Beppe! Meta wasalt?

BEPPE (Minn fuq il-lemin, musfar u għajjien mejjet. Fuq wiċċu jidher biża' kbir li qed iżommu dejjem fuq ix-xwiek u eċċitat mhux ftit. Donnu ma jafx fejn jinsab. Il-post u l-affarijiet ta' madwaru bilkemm jagħrafhom. Jidħol u jieqaf tlett passi bogħod mill-bieb tad-dar biex igħid lil ommu) Agħalqu sewwa warajk il-bieb!

Minn ġewwa, ħoss ta' bieb tad-dar jingħalaq.

ELENA (Waqt li tkun dieħla) Nista' nkun naf x'ġara? Bla ma tibgħat tgħarrafna minn qabel?!.... Bla ma tibgħatilna telegramma!... X'ġara?

BEPPE Xejn ma.

ELENA Kif xejn?!... Għandek wiċċek abjad karti! Il-film spiċċajtu?

BEPPE Iva.

ELENA U ġejt bla bagalji?

BEPPE Ħallejthom id-dwana... Ma ridtx naħli ~~xxxxx~~ ħin.

ELENA Tidher għajjien... Ogħġħod bilqiegħda. Ha nġiblek skutella brodu.

BEPPE Kif inhu l-papa'?

ELENA Dejjem l-istess... Baqa' ma jitkellimx. (Tgħid għall-wasla għall-għarrieda ta' binha) Jiena din l-imġieba ma nistax nifhimha! Bla ma tibgħat tgħarraf lil ħadd! (Tersaq qrib il-bieb ta' fuq ~~xxxxxxxx~~ il-lemin biex tgħid lil Alberto li Beppe kien ġie lura). Albe', wasal Beppe minn Pariġi. Kollox mar tajjeb, taf. (Imbagħad tistaqsi lil Beppe) Il-film spiċċajtu għalkollox?

BEPPE Le.

ELENA Allora se jkollok terġa' titlaq?

BEPPE Forse.

ELENA Kif...forse? Jekk għadek ma spiċċajtux, ikollok terġa' titlaq! Trid tgħid li għandhom mnejn jispiċċawh hawn?

BEPPE Hekk hu, iva.... għandhom mnejn jispiċċawh hawn.

[illegible] Il-qampiena tal-bieb ta' barra ddoqq. [illegible]

[illegible]

ENA Zgur ġiet lura Maria! (Toħroġ minn fuq il-lemin)

RADO (Minn ġewwa jinstama' jgħid għal Beppe) Ħasal? Fejn hu? (Jidħol b'Rosaria u Elena warajh. Jilmaħ lil Beppe u minnufih imur fuqu) Ħrabt, hux tassew? Għaxar minuti ilu, fuq ir-Radio, għadha kemm ixxandret l-aħbar. L-ewwel ħaġa li jagħmlu, jiġu jfittxuk hawn. Aħjar titlaq.

ENA (Imbeżża') Imma x'ġara, x'waħda din?

SARIA Ma taf xejn?

PPE (Deċiż) Corra', ejja miegħi, immorru nitkellmu barra.

RRADO (Jifhem kemm tassew hija mwiegħra l-qagħda) Skuzani taf, imma għalfejn? Aħjar nitkellmu ċar u tond mill-ewwel. Kas bħal dan għandu jiġi mistħarreġ bla ebda telf ta' żmien. Wieħed għandu jkellem avukat..... jieħu parir legali....jara kif għandu jġib ruħu....jekk għandux jagħti ruħu minn jeddu lill-awtorita'!

ENA (B'leħen sod li fih wieħed jagħraf il-jedd ta' l-omm) Jiena nista' nkun naf x'ġara?

PPE (Jistqarr l-innoċenza tiegħu) Jiena m'għandix x'naqsam.

ORRADO Mela għaliex ħrabt? Għalija int se titgħarraq aktar b'hekk.

Mix-xellug jidħol Alberto u jibqa' jissamma'.

EPPE (Bħalkieku biex igħid:- 'Nixtieq nara lilek fil-qagħda li kont ninsab fiha jien') F'daru kont ngħix, intix tifhem? Kont norqod fil-kamra mħollija għall-mistednin fl-istess appartament fis-sular ta' fuq.... Meta 'l bieraħ filgħodu, fil-ħamsa u nofs, inżilt isfel bħas-soltu, biex nieħu l-kolazzjon u biex, wara, nitlaq għall-istudios, sibtu minn tulu fl-art f'għadira demm....b'għonqu mħanxar bħal ta' xi ħaruf.... F'dinja bħal mhi Pariġi, li jien m'għandi ebda ħjiel tagħha, bla qraba u bla ħbieb...ma stajt nifhem xejn... Wasalt l-istazzjon bla ma naf kif.... Tlajt fuql-ewwel tren li sibt u...

ELENA (Mifxula) Madonna mia!

Matul ir-rakkont ta' Beppe, Alberto jkun ta xi passi lejn in-nofs tal-kamra. Issa jinsab qalb l-oħrajn li, meta jarawh fosthom, jibqgħu sejrin bit-taħdita bħalkieku hu kien ħa sehem fiha sa mill-bidu tagħha.

BEPPE Jiena bla ħtija. Għandi idejja nodfa.

CORRADO Ma tissuspetta f'ħadd? Għandek xi xaqq dawl?

BEPPE Ma kont narah qatt. Hu kien jagħmel fattih u jien fattija. Mhux żgur iltqajt miegħu darba waqt il-kolazzjon!

CORRADO Imma kont tgħix f'daru.

BEPPE Ix-xogħol tal-films huwa wieħed iebes ħafna. Laħqas biss ma jħallilek żmien tieħu n-nifs. Fl-istudios kien ikolli x'nagħmel lejl u nhar.

CORRADO Beppe, jeħtieġ li titkellem ċar... Bejnietna ma nistgħux inqarrqu b'xulxin. Kien dan l-istess Serene' li, għax indaħal Guidone għalik, bagħatlek il-kuntratt biex tiffirmah.

BEPPE X'jiġifieri?

CORRADO (Ibiddel it-tattika) Kif se naqbad ingħid, Beppe? Xi kliem wieħed jifhimhom ukoll meta jitħallew barra. (Jipprova jurih aħtar biċ-ċar il-ħsieb ta' moħħu) Das-sinjur ta' Pariġi, bilfors kellu xi ħsieb f'moħħu meta bgħatlek il-kuntratt, u meta żammek f'daru bħala l-mistieden tiegħu! Is-sur Serene' kien ħabib ta' Guidone, u aħna nafu tajjeb x'ħobż jiekol Guidone. U int dan kont tafu wkoll. Fuq hekk 'agħabt, għid is-sewwa.

BEPPE Ma kelli ebda jedd insir naf xi ħsibijiet partikolari kellu f'moħħu Serene'.

CORRADO Tgħidx ħmerijiet! L-għan tiegħek kien wieħed tajjeb. Quddiem għajnejk ma kellekx ħaġa oħra ħlief li ssir ċelebrita', li taqla' l-miljuni..... u jien nista' nifhem ukoll. Imma ma tridx tilagħbha ta' l-ors.

BEPPE Nista' ngħid li miegħi dejjem ġieb ruħu ta' veru ġentlom.

CORRADO B'dankollu, indunajt li kien sar żball....li kien hemm nuqqas ta' ftehim bejnietkom.

BEPPE U kieku xi darba abbuża, imqar b'sempliċi allusjoni, naħliflek li.....

CORRADO ...., Li kont toqtlu, hux tassew? Infatti d-delitt sar.

> Hemda mtaqqla taqa' fuq il-familja kollha, miksura biss mill-biki mrażżan ta' Elena u mit-tinwiħ ħafif ta' Rosaria.
> Alberto, magħluq fin-niket tiegħu joqgħod jagħarbel ħsieb li jkun waqagħlu f'moħħu waqt it-taħdita tat-tnejn minn nies.
> Għalhekk jersaq bil-mod lejn biċċa għamara, jieħu f'idejh il-ktieb tat-telefon u jaqbad iqalleb fih sakemm isib in-numru li jkun irid. Meta jsibu, idawru fuq l-apparat, u jibqa' jistenna tweġiba.
> L-oħrajn jiċċassaw iħarsu lejh bla ma jitnifsu. Il-linja tingħatalu.

ALBERTO Pronto. Hawn Casa Stigliano. (Kulħadd iħares lejn xulxin mistagħġeb għall-fatt li Alberto raġa' qabad jitkellem). Il-Kummissarjat tal-Pulizija? (Beppe jinħasad) Ibgħat żewġ "agenti" f'dar Stigliano, Rettifilo 74. Għandkom tiġbru żagħżugħ suspettat bi qtil...... Stigliano....Rettifilo 74. Grazie. (U jerġa' jqiegħed it-telefon f'postu)

ELENA (Waqt il-biki tgħid bilmod) Alberto!....

BEPPE Papa'!

ALBERTO Jekk int innocenti għalfejn qed tibża'?

ELENA (Bħallikieku biex tistaqsi kif Alberto rnexxielu jitkellem) Imma kif?.....

ALBERTO (Jifhimha u jagħtiha t-tweġiba qabel ma titlobhielu hi) Qed nerġa' nitkellem. Iva...kif qed tara, qed nitkellem... U rrid nitkellem ħafna. Irid ingħid dak kollu li ma rnexxilix ingħid f'ħafna snin u, forse, għax m'għidtux, ninsabu f'qagħda daqshekk imwiegħra bħalma hi din. Gia'! Għaliex?...Għaliex ninsabu mdaħħlin f'dil-basla, eh? Inħossuna xejn magħqudin bejnietna, ta' fehma waħda? Forsi hemm xi rabta li lilna tagħmilna ħaġa waħda kemm fit-tgawdija kif ukoll fil-għawġ? (Idur fuq Corrado, b'leħen sod) Kemm-il darba tixtieq titlaq...

[illegible]

CORRADO — Ma nissugrax nitlaqkom waħidkom f'waqt bħal dan.

ALBERTO — U lili tagħmilli pjaċir kemm-il darba tħallini flimkien mal-familja tiegħi.

CORRADO — (Jitlaq fuq qalbu) Buonasera.

ROSARIA — (Lil Corrado) Ċempilli aktar tard.

CORRADO — Jew ċempilli int biex tagħtini l-aħbar. Jekk tkun tridni, taf fejn issibni. (Joħroġ minn fuq il-lemin)

XXXXR ALBERTO — (Wara waqfa ntawla) Hawn aħna! Raġel miżżewweġ, martu u ż-żewġ uliedu! Tifel, tifla, mara u r-raġel tagħha! (Idur fuq ibnu) Fhimt? Bqajt b'xiber imnieħer? Għaddielek minn moħħok li meta fil-familja jaqa' xi ħadd, ikaxkar lill-oħrajn miegħu? S'hawnekk kollox ċar. (Idur fuq Elena) Jiena u int Dejjem ħarisna lejn xulxin bl-ikreħ għax int qatt ma ridt l-istess affarijiet li kont irrid jien. It-tieni tqala tiegħek ilqajtha fuq qalbek, għax tarbija oħra kienet se tkunlek ta' xkiel, u ma kinetx se tħallik libera li tgħix il-ħajja li dherlek int.

ELENA — (Dejjem toqfoq ħafif) Għax qed tgħid hekk? X'ħajja stramba hi li ridt ngħix jien?

ALBERTO — Bħalissa ma nistax niftakar, u noqgħod indomm, jiena kienu dawk l-affarijiet li ridt, u dawk li ma ridtx. Imma inti taf li jien m'inhix miġnun; u jekk tlaqt kollox wara spallejja u ma bqajtx ninteressa ruħi fil-familja tiegħi, xi raġuni bilfors ried ikun hemm!- Isselitt sakemm stajt sabiex xngxxgkxt ingagħlek tifhem li l-ulied jiswew sagrifiċċi u ċaħdiet kbar... Imbagħad tlaqt kollox sejjer mar-riħ.

ELENA — Albe', tkellem ċar. Hawn it-tfal magħna. Ma nistax inħallik iddur mal-lewża biss! Allora, skond il-fehema tiegħek, il-ħtija ta' kulma ġara xxxxxxxxxx hija tiegħi?

ALBERTO — Din ħaġa oħra. Jekk irridu nsibu ta' min hija l-ħtija, għandna mnejn nibqgħu nitlewmu għal snin sħaħ, b'la ma nikkonkludu xejn. L-iżbalji li ħadna kienu bosta, u kull wieħed minna għandu l-ħtija tiegħu. Kull wieħed minna żbalja għax ħaseb li sata' jobsor x'kien ġej. Wieħed mill-iżbalji prinċipali hu dak li taħseb, b'għajnejk magħmudin, li tista' tagħmel il-miljuni bħalkieku dawn kienu fażola. Imma min hu dak li jagħmilhom dawn il-miljuni kollha? Fejn huma dawk li xxxxxxxxxx jistgħanew u li jistgħu jgawdu l-miljuni li jagħmlu fil-paċi? Meta dawn it-talin jinfexxu jibku; jew imutu b'qalbhom maqsuma; jew inkella jisparaw għal rashom, xi jsir? iduru/ xxxxx/fuqna u jgħidulna:- "Tafuh dan? Għalhekk jiena sparajt għal rasi".

BEPPE — Jiena ma ridtx ~~xxxxxxx~~ nistgħana illegalment. Għażilt dik it-triq fil-ħajja bħalma stajt għażilt oħra. Ridt immur ngħix għal rasi biex ma nkunlekx ta' piż fuq spallejk. Sibt ruħi mdaħħal fi ġrajja mdemma li ma kelli x'naqsam xejn magħha. Imma dan ma jfissirx li l-bniedem m' għandux jipprova jikseb l-indipendenza persunali tiegħu! Kull wieħed minna hu sid tiegħu nnifsu.

ALBERTO — Le! Dan ngħiduh kumita jaqblilna. Għax jekk naqblu li kull wieħed minna, sabiex ikun jista' jgħix fix-xirka ta' bnedmin oħrajn, irid irażżan għemilu, inkunu ġa qegħdin nammettu li l-indipendenza personali għandha mħażżeż safejn tasal. M'aħniex bnedmin liberi; ma nistgħux nagħmlu kif jaqbel lilna nfusna b'ħajjitna. Aħna magħqudin flimkien wieħed ma' l-ieħor bħal f'malja. Meta punt jinqata', l-oħrajn

~~RED 2 NO 12~~

MUSIC
FADES OUT

→

ALBERTO (cont.) jagħmu. (Idur fuq martu) Bħalma qegħda tara, it-taħdita hija twila. Ta' min hi l-ħtija, hija affari oħra. B'dankollu t-tilwima bejni u bejnek seħħet, u t-tfal ħassewha.... mela kulħadd għal rasu, u Alla jgħinna 'lkoll. Imma kif stajt nibqa' nissielet jien?! Kif ġista' triegi familja meta min imissu jwettaq l-ordnijiet li tagħti int, ma jħossx li għandu jagħbel miegħek?! X'tista' tagħmel?.... X'tista' tagħmel jekk martek u wliedek, minflok ma jaqsmu ħsibijietek miegħek, jidħkjarawlek gwerra bil-miftuħ?! Din mhix għajr rewwixta sħiħa kontra tiegħek...waħda li tkun ġiet maħsuba minn qabel!... "Guerra fredda",,,,fejn wieħed jiġġieled bl-ironija, bil-gerq u bil-bojkottaġġ. Allora, m'għandnix xi ngħidu, tibda titħasseb fuqek innifsek. Tibda tħewden u tgħid:- "Imma, allora, jiena qed nitbellaħ? Huma għandhom raġun?" U taqbad u tagħmel eżami tal-kuxjenza. Il-ħajja m'għadniex dik li kienet qabel.... Il-progress hu dak li hu 'llum.... Iż-żgħażagħ saru jifhmu aktar minna....Jekk ibni jixtieq xi ħaġa u hemm il-possibilta' li jilħaq livell ogħla minn dak li lħaqt jien, għalhiex għandi nagħmillu l-bsaten fir-roti? (Lil ibnu) Ilħaqtu l-livell? Kont Pariġi, mhux għax ridt int, imma għax hekk kien qatagħha l-ħabib tiegħek Guidone. Kemm-ildarba wissejtek li dak il-miserabbli ma kellux jagħti lahqas pass wieħed biss f'darna? Imma minn dan kollu ma sar xejn. Guidone baqa' jidħol xorta waħda. (Lil Elena) U int kont il-perċimes li ħallejt lil dak is-sinjur jiġi jżur lil uliedba kemm irid. X'ġid tista' tistenna minn raġel li jagħmel sehem minn kategorija ta' bnedmin li m'għandhom xejn x'jitilfu, u li familja ma tista' qatt toħlom li tista' tikseb? Tiegħu mhix għajr għaqda mxajtna, li taħdem minn naħa għall-oħra tad-dinja; li tifrex u ssaħħaħ għeruqha ma' kullimkien. Tarahom jidħlulek baxx baxx, u jinqdew bl-arti sabiex iħassru u jġarrfu dawk il-ftit affarijiet tajbin li fadlna għadhom iservuna biex nemmnu fis-sbuħija tal-ħajja li rridu nħixu ta' kuljum. Jinqdew b'gosti "raffinati". Tarahom jiftħulek negozi sbieħ...u kulħadd tarah sejjer jiġri lejn il-ħanut tar-"raffinat".... "Ma tafx? Għadu kemm ħareġ ir-rumanz tar-"raffinat". F'dik it-triq hemm il-ħanut tal-~~ħġieġ~~ ħjata tar-"raffinat"; fl-oħra hemm il-parrukkjer "raffinat". Ħares ftit kemm hi "raffinata" bintek. Lanqas biss sura ta' mara m'għandha! Infatti wieħed jista' jitfixkilha ma' raġel.

MARIA (Mill-lemin tidħol ferħana u kuntenta għax ġurnalista veru jkun ħadilha ritratt. Tħossha daqshekk ferħana li dal-fatt lanqas biss ma taħbih mis-sinjura tagħha. Għalhekk, bla kont iddur mill-eww l fuq Elena) Signo', tgħidli xejn!... Meta ħriġt isfel biex immur nixtri mill-bazaar ma' wiċċi sibt lil dak il-ġurnalist li ġie hawn il-lejla.... u bilfors ried joħodli ritratt. Wegħedni li jistampah fuq il-ġurnal taċ-ċinema. Se jagħtini żewġ kopji. Tagħni l-indirizz tiegħu wkoll, u għada għandi mmur għalihom.

ALBERTO (Jintebaħ bil-manuvra ta' Bugli u, għalhekk, jifhem x'kien l-għan ta' l-intervista li għamilhom). Għalhekk ġie hawn.

ELENA Għalhekk ried ir-ritratti tiegħu ta' meta kien tifel!

ALBERTO Ħaġa ċara. Għada l-ġurnali illustrati se jkunu mimlijin bir-ritratti tiegħu. (Jaħtaf lil Maria minn drieghha u jheżżiżha tnejn) .... X'mistoqsijiet għamillek?

MARIA (Tinħasad u tibża') Signo'!.... X'ġara?!

ALBERTO Tkellem. X'staqsik?

MARIA Riedni nagħtib tagħrif dwar is-sur Guidone, il-ħabib tiegħu (turi lil Beppe)

ALBERTO U int tajtulu t-taghrif?

MARIA Ghaliex? Ghamilt xi haga hazina?

ALBERTO U mbaghad?

MARIA Ried ikun jaf dwar 'a sinjurina Rosaria.

ALBERTO (Jitlaq driegh Maria) Milli nista' nifhem, gabar taghrif fuq kulhadd. U int ma sthajtx tpaċpaċ fuq il-familja?... U għada ma tisthix tara r-ritratti tiegħek stampati magenb taghna?

MARIA (Mistaghgba) Imma intom it-taghrif li talabkom ma tajtuhulux?!

ALBERTO Int ghandek izzomm fommok maghluq. (Maria tohrog mill-lemin) Meta ghada, "il divo" taghna flimkien mal-familja kollha se jkollhom il-waqt taċ-ċelebrita' taghhom! Madankollu, dan kien basru Guidone!

ELENA (Bhalkieku biex tfakkar lil zewgha f'reatra' kiebja li ma tammettix xiljiet u sogħbiet) Albe', jidhirlek li dan hu l-waqt?

ALBERTO (Jirghex minnufih) Elena, int aghlaq halqek. Din hija l-mistoqsija tieghek tas-soltu li biha dejjem tkun trid taghlaqli halqi kumita thoss li nkun se n hid il-verita'. Fil-fehma tieghek lanqas dan mhu li nitkellem? Allura xi jkun qed jistenna povru ragel biex jaqbez u jfendi kelma?.... l-ahhar tad-dinja?! Kemm int u kemm dawn it-tnejn (juri 'l uliedu) irnexxilkom iggaghluni nisthi jekk inkun nixtieq naqbez u nari fhemti meta xi haga tkun sejra ~~zmerċ~~ zmerċ!

ELENA Si!... Allura wiehed jara li l-purtiera tal-kamra tkun hadet in-nar u, minflok ma jara x'jaghmel biex jitfih, jibqa' jistenna sakemm id-dar taqbad u tinharaq kollha!.... Dan gara minhabba l-qaghda li hadt int.... Minflok ma zammejt boghod minn dak kollu li kien qed jigri fid-dar, ghax ma semmajtux lehnek b'xi mod? (B'ilehen imnikket u mrazzan, donnha trid tahid xi haga) Minn naha l-ohra, int ma stajtx tinqasam fi tnejn... (Thedded) Ara, ahjar ma niftahx fommi!

ALBERTO (Jilqa' l-isfida u jheggeg 'il martu biex titkellem) Tkellem!... Tkellem!.... X'qeghda tistenna? Lit-tfal m'ghandna xejn x'nahbulhom!... Dawk kollox jafu! Jafu li ghandi mara ohra!

ELENA U ma tisthix tistqarru b'wiċċek minn quddiem?

ALBERTO (Xott xott) Le....ma nisthix. M'ghandi ebda biza' nammetti l-izball tieghi. Int li qeghda tisthi. Tghid mhux ghalhekk ghidt:- "Ahjar ma niftahx fommi"? Meta zbaljajt, u hrigt mit-triq id-dritta, dan kien jo hgbok lilek ghax kont tkun tista' tbattal il-kuxjenza tieghek.... Infatti, meta sirt taf, lanqas biss ma ċaqlaqt sebgha wiehed biex treggghani lura d-dar.... lanqas nitfa ghira ma hassejt gewwa fik.

ELENA (Tibki) Jiena ma nwigbekx.

ALBERTO Ghax ma jaqbillekx.

ELENA Egoista!... Iva, dan li int...egoista!...ghax issa biss urejtha l-qawwa tal-karattru tieghek....meta ċempilt il-"Questura".

ALBERTO Din hi l-ikbar azzjoni hazina li stajt ghamiltli u li, madankollu, jiena kont qed nistennieha minghandek. Ċempilt il-"Questura" ghax kemm-il darba ma jaghtix ruhu minn jeddu lill-Gustizja, il-qaghda

ALBERTO (cont.) tiegħu jgħarraqha ħafna aktar...tkun xi tkun. Lanqas issa ma mxejt tajjeb? Kien imissni żammejt fommi magħluq? Imma meta kulħadd ħaseb li mmutajt, in-nuqqas ta' qbil bejnietkom ġagħaltkom tħossuh!.... Għax tgħid, ħassejtni ngħix fil-paċi ta' l-Anġli. Ħsibt u għidt bejni u bejn ruħi:- 'Kemm-il darba naqbad nitkellem, nerġa' nibda mmur għax-xogħol bħal qabel; il-ragni tal-ħjata jneħħuhom minn nofs, u d-dar terġa' tmur fil-qagħda li kinet tinsab fiha qabel'.

ELENA. Lanqas it-tieni tluq tiegħu lejn Pariġi ma seta' jġagħlek tiftħu fommok? Lanqas int ma kont taf li Guidóne kisibulu l-kuntratt lil ibnek?

ALBERTO B'dankollu, ma taħsibx li kieku tkellimt, kien xx ikun ta' xejn? Stajt inżommu milli jitlaq lejn Pariġi? Illum il-ġurnata, quddiem dil-bruda esaġerata ta' l-ulied, missier ta' familja jitkellem jew ma jitkellimx, xorta waħda. (B'sebgħu l-werrej, l-ewwel juri lil martu, imbagħad lil uliedu) Int...int...u int, bil-ftit il-ftit ġagħaltuni niċċaħħad minn kull jedd li kelli, u nħossni ħieles minn kull dmir. Dan hu l-waqt li fih wieħed għandu jiftaħ fommu u jitkellem. U ara ta' sbu li se niddejjaq, jekk nista' nidher qisni xi ħadd li jrid joħodha qatta bla ħabel kontra wieħed sfortunat li ġa jinsab f'qagħda mwiegħra għall-aħħar! Għalih kliemi jmisshom ikollhom is-siwi li għandhom, aktar u aktar għax qed ingħissinhom jien, li naħbat missieru. Jekk tassew kien hu li wettqu d-delitt kliemi, kieku baqagħlu fih ftit ta' l-għaqal u ta' rispett għalih innifsu, iġagħluh ibati aktar, u dan jiswielu agħar. Imma jekk hu innoċenti, bħalma naħseb li hu, fil-futur għad ikun'lu ta' siwi kbir. (F'moħħu jaqagħlu ħsieb li jdejqu. Idur fuq bintu u ħabta u sabta jgħidilha bl-leħen xxxxx iebes) Għalik le. Għalik m'hemmx argumenti x'nagħarblu. (Juri lil Peppe) Wara xi mistax-il sena dak għad ikun jista' jibda ħajja ġdida; imma int le! U jekk titlaq, tagħmilli pjaċir. (Rosaria, milquta fil-laħam il-ħaj, tbaxxi rasha xxxxxx u, bilmod il-mod, tmur toqgħod għaliha weħidha. Sadattant Alberto, wara skiet li jiswielu biex jiġbor ħsibijietu, jerġa' jaqbad il-fil tad-diskors maqtugħ tiegħu). Meta żżewwiġt lil ommok....hi qegħda hawn u tista'tixhdu.... bejnietna konna nitkellmu ta' għarajjes... anzi jiena l-aktar li kont nitkellem, hu anqas minni.... Xtaqt li jkollna t-tfal. Infatti twelidt int... Tifel! Ħassejtni bħalkieku kont xi Alla. U ħsibt u għidt... "M'jien se mmur qatt !" Ma kont nilmaħ lil ħadd quddiemi. Ma bqajtx nagħti kas ta' ħafna affarijiet li qabel kont naħseb li ma stajtx ngħaddi mingħajrhom. Kont intenni:- "Għandi tifel...x'jimpurtani mill-bqija!" Kont inħossni ferħan għax fhimt li, fl-aħħar, stajt nixħet fuqi nnifsi...għax iben huwa biċċa minnek stess... l-imħabba kollha li missieri u ommi kienu xeħtu fuqi u, m'għandniex xi ngħidu, bl-isress ħrara li biha kont inħobbhom jien. U bdejt naħdem u nistinka, nitħabat b'qawwa u b'saħħa li saħansitra għaġġibt lili nnifsi. "M'jien se mmur qatt!" Jiena u nimxi fit-triq, kont nitkellem waħdi u ngħid... "M'jien se mmut qatt!".... Imbagħad wasal iż-żmien li fih int kont marid. Ħmerijiet! Mard li t-tfal kollha jomordu bih. Imma kull darba kont inkun beżgħan li se nidħol id-dar u ma nsibekx. U trid tkun taf x'kienu ħsibijieti f'dak iż-żmien?Wieħed mill-ħsibijiet li l-aktar kienu jaħqruni u jnikktuni kien dak li kemm-il darba int tmut, il-ħtija kinet tkun tiegħi. Mhux għax xidarba ħallejtek nieqes minn xi mediċina, jew għax ma ħadtekx ħand xi speċjalista, imma għax kont nħewden u ngħid:- "Jiena ġibtu fid-dinja, għalhekk ħtija tiegħi". Għalhekk tifhem li missier iħossha r-responsabilita' li għandu għal ibnu; ta' dak kollu li jkun għad irid jagħmel; ta' kif ikun irid igħix meta jikber. Jalla qatt ma mejjet zopptu jekk xi darba twebbilt nagħmel xi ħaġa biex biha ngħaġħlek taqbad l-istess triq, u jkollok l-istess futur, tiegħi! Għandek tkun taf ħaġa....lanqas jien innifsi m'jien għal qalbi fix-xogħol li naħdem. Ta' tifel li kont, jiena wkoll kelli xewqat ogħla milli qatt stajt nittama. U dan ommok tafu bizzejjed.

[illegible]

MUSIC →

AU = NO 12 →
Vol 2

ALBERTO (cont.) Kont niddeletta nikteb il-poesiji. Imma, wara ftit, wieħed jagta' qalbu; jifhem li ma jista' jilħqu qatt ċertu livell. ... Skontok, ma kont nieħu pjaċir narak miexi 'l quddiem biex tasal fejn għalija ma kien qatt possibbli nasal. Ara għaliex meta int twelidt jiena għidt:- "M8jien se mmut qatt!" (Issa bixrietu ssir waħda ta' swied il-qalb). Imbagħad twieldet it-tieni tarbija.... tifla. Kien il-par idijali....tifel u tifla. (Jipprova jagħmel ħsejjes li jixbhu dawk ta' għadd ta' ħbieb u familjari, kollha mgerrfxin u ferrieħa, li nstemgħu waqt il-festin tal-magħmudija ta' Rosaria) "X'fortuna! Bene! Bravo! Tifel u tifla, eh?! Auguri! Auguri!" Imma jien kont ġa bdejt ninqata' minn mal-familja; gia l-entusjasmu ma kienx baqa' bħal dak li wrejt fl-ewwel tarbija; gia kont bdejt inżomm ruħi lura kulmita kont nilmaħ xi ħaġa li ma kinetx f'postha; gia kont ili nisma' lil marti tgħid:- "Albe', jidhirlek li dan huwa l-waqt?" kif, madankollu smajtuha tgħid ftit ilu. Imma jien illum irrid nitkellem. Jista' jagħti l-kas li għadni fil-waqt. (Għalkiekiu biex jitlob jeddijietu) Irrid nitkellem! U rrid insemmi l-pestijiet kollha li żorna jiena u ommok flimkien; intenni l-kliem l-aktar qadim li konna ngħidna 'l xulxin. M'inhix se nistħi, tibżax. Irrid insemmi l-qwiel l-aktar qodma..... Min is-sengħa għandu nofsha.... Dak li tiżra' taħsad.... Min jagħmel qoffa, jaf jagħmel qartalla..... Min idur maż-żopp, jitgħallem iżappap.... Għidli ma' min tagħmilha u ngħidlek x'int... Aħjar għasfur f'idejk, milli mija fl-ajru. (Jieqaf għal waqt wieħed, iħares lejn wiċċ kull wieħed minnhom, imbagħad habta u sabta jistaqsi) M'intomx tidħku? Għaliex m'intomx tidħku? Qed insemmi l-aktar qwiel qodma u ma tidħkux? Kif qed tara, ġa middejna pass.... Tisimgħuni ntenni dal-kliem qadim, u ma tidħkux! U jiena nħissnu u ma nistħix!..... Din ħaġa importanti....importanti ħafna. Dan ifisser li lili intom ipprovajtu tqisuni bħala xi ħaġa ta' bla siwi, imma li ma rnexxilkomx. U jiena ħsibt li kont ninsab quddiem nies kapaċi jifhmu l-affarijiet b'aktar maturita' milli kont kapaċi jien!... u li dan ma kien veru xejn! Importanti...dan miraklu!

BUGLI (Mill-lemin bil-fotografu warajh) Fejn qiegħed?... Fejn qiegħed?.... Hawn hu! Il-kbir Beppe Stigliano tagħna!... Kif mort Parigi? Ir-ritratt li se noħdulek issa żgur jagħtfuhulna minn idejna!

ALBERTO (Jersaq lejn ibnu u jibqa' magenbu f'poża apposta għar-ritratt) U r-ritratt ħuduhulu b'missieru magenbu.... (il-fotografu jiġbed ir-ritratt). U taħtu jmisskom tiktbu.... Beppe Stigliano mal-missier mudell.... u l-kelma mudell "fra virgolette". (Iġebbed lil martu u lil bintu magenb Beppe sabiex jgħaqqad il-grupp tal-familja. Rosaria, qisha qegħda toħlom, tobdi bla kliem għal l-~~xxxxxx~~ kmand ta' Alberto. Elena, tibki, tagħmel dak li qalilha bla kummenti) Hawn aħna!... tista' tiġbed. Il-famila esemplari qegħda tilqa' bil-ferħ ir-ritorn tad- "divo". Esemplari dejjem "fra virgolette".

BUGLI Imma..."la signora" qegħda tibki!

ALBERTO (Minnufih) Bil-ferħ. Mara kollox, lilkom x'jimpurtakom jekk in-nies jibku? Kulma hu meħtieġ hu li intom tiġbdu r-ritratti. (Il-fotografu jiġbed. Waqt li jiżi lill-purtinar u n-nies tal-blokk li jkunu marru iħarsu, Alberto jgħid). U xi tgħiduli għal ritratt tal-grupp bil-purtinar flimkien man-nies li joqogħdu hawn, eh? Taħsbu li ritratt bħal dan m'għandu ebda siwi? Ħudu'hom ir-ritratt u interv istawhom. Igħidulkom bid-dwejjaq tagħhom; dak kollu li jaħsbu; kulma ilhom iżommu fl-istonku tagħhom u dejjem xtaqu jwaddbuhulna ma' wiċċna, imma li għad ma rnexxilhomx. Kollox jgħodd....l-iskandlu jikber....u l-ġurnal jimbiegħ.

**Mill-bieb ta' barra jinstemgħu resqin ħsejjes ta' nixi mgħaġġel.**

waqt li lehen mhux magħruf jistaqsi kollu sabar, imma sod:- "Hawn jogħod is-sur Stigliano?" Ħafna ilħna jwieġbu "Sissignore" f'geġwiġija li tista' tiftiehem,u jikkonfermaw.

MARIA (Mill-lenin kwasi tibki waqt li tagħtà l-aħbar) Signo', hawn żewġ "agenti di polizija".

ALBERTO (B'wiċċu lewn il-qarsa tax-xama, idur fuqibnu) X'se taġmel, Beppe? (Jgħid għall-pulizija li qegħdin jistennew fil-bieb tat-tarag, biex jagħmilha aktar ċara) Tridhom jidħlu hawn?

Beppe jibqa' bejn ħaltejn għal waqt wiehed, imbgħad bilmod ilmod iżda b'pass sod, iqarreb lejn il-lenin u joħrog mill-bieb tad-dar. Elena mbażża', ma taqtax għajnejha minn fuq binha. Kulħadd jibqa' mxennaq mhux ftit biex jara kif se tintemm dik il-biċċa xogħol li qed tinħadem fl-intrata tad-dar.

ELENA (Waqt li ż-żewġ "agenti" lil Beppe jlibbsulu l-manetti f'idejh, ma tiflaħx iżżomm aktar u tgħajjat dik l-għajta mimlija dwejjaq ta' l-omm li taqsam qalb kulhadd) Beppe!

U waqt li l-"flash" tal-camera tal-fotografu ma jaqta' xejn iberraq biex jieħu r-ritratti ta' Elena, u b'hekk ibiddel id-dehera ta' dik l-omm b'qalbha maqsuma, f'xebh ta' xi spettru, Alberto jdur f'rokna tal-kamra i jgħatti wiċċu b'idejh. Kulħadd jibqa' wieqaf bla ma jiċċaqlaq, u b'wiċċu wħasseb mhux ftit. Laugas il-ħoss imħaxken tal-bieb tat-tarag, li l-"agenti" jigbdu warajhom bis-saħħa biex jagħalquh, ma jfixkilhom lin-nies.

SIPARJU

TMIEM...IT-TIENI ATT

CLOSE NO 8

AV = 8

# EVENING

MUSIC –

AV = NO 8

RADIO / ICD = NO 5

VISUAL CUE.

## IT-TIELET ATT

Għal darba oħra d-dar tal-familja Stigliano. Il-kamra baqgħet l-istess, biss mad-daqqa t'għajn jidher li sar titjib kemm fl-ordni, kif ukoll fl-indafa tal-lokal. Per esempju, is-sitt magni tal-ħjata baqgħu dejjem f'posthom, imma issa qegħdin f'linja dritta, waħda wara l-oħra bil-qalbu, imfarfrin sewwa, imnaddfin bil-ħaqal u kollha jleqqu. Lixkaffar ta' l-injam aħrax sa fl-aħħar ġie mibdul kollu kemm hu ma' xkaffi tal-kromium, maħduwin u mqegħdin fil-post minn ditta li tispeċjalizza f'dawn l-affarijiet. Ix-xogħol kollu ta' fuqhom jidher mqiegħed b'reqqa, bi ħrara u bi bżulija kbira ta' min tassew għandu għal qalbu 'l ħwejġu. Infatti, issa, wieħed jista' jgħid li dil-fabbrika ċkejkna hija kwasi kollha kemm hi tas-sinjura Elena Stigliano. In-negozju mar tajjeb ħafna.

Għaddiet sena mill-aħħar ġrajja li nikktet il-familja mhux ftit. Bħalissa filgħaxija u tongos kwarta għad-disgħa. Madwar il-mejda tal-pranzu, imħajjija b'dinjita u b'għaqal, hemm jitkellmu bejniethom ta' ħbieb li huma Michele Cuoco, Carmela martu, Elena, Alberto u Arturo.

CARMELA (Mara x'aktarx smina, fuq ruħha, għandha 'l fuq minn ħamsa u ħamsin sena, kalma, kwieta, trid titkellem imma, billi qegħda tolfoq, ma tistax; għalhekk tagħbad tibki bilmod. Imbagħad, waqt li ssemmi l-qagħda mwiegħra li laqtet lil kulħadd xi ftit, jirnexxilha tgħid) Dan x'taħwid hu?! Jiena lanqas biss ma nista' naħseb fih!

ELENA (Issabbar lill-ħabib tagħha) Donna Carme', ieqaf issa.... Ilek tibki l-ġurnata kollha.

MICHELE (Raġel minn tagħna, 'l fuq minn sittin sena, mibni sabiħ, ta' lewn ħaj li jixhed għal saħħtu. Meta jara lil martu tibki, jaqbeż u jċanfarha bil-ħlewwa kollha) Qegħda tibki mill-ġdid? X'se naqbad nagħmel?

CARMELA (B'għafsa ta' qalb, li ma jirnexxilha qatt tbiddel f'għadab) Itlaq 'l hemm.... Itlaq 'l hemm.... Kien imissek ħqajt tinsisti.

MICHELE Nibqa' ninsisti fuqhiex? Meta ma tafx li Corrado, il-lum, għandu tlieta u għoxrin sena?! Imbagħad, meta ibnek stess igħidlek apertament:- 'Ma rridkomx tiġu għat-tieġ tiegħi', xi stajt nagħmel jien? Ninxeħet għarkobbtejja quddiem ibni u nitolbu bil-ħniena? ftit tad-dinjita', x'waħda din!

CARMELA Qallek hekk biex ikun qal xi ħaġa. Ma jistax ikun li Corrado jasal biex iċaħħad lil missieru u 'l ommu milli jżorru għat-tieġ tiegħu! Il-kliem beżaqhom minn ħalqu u ma riedx jerġa' jilgħaqhom. Dik in-natura tiegħu, wara kollox. Meta jgħid kelma, ukoll jekk jindunа li jkun żbalja, ma jmur qatt lura minnha.

MICHELE Allora? Ċejt għal kliemi. Dak buiedem ta' għalih waħdu. (B'leħen li bin irid juri t-ton kategoriku ta' ibnu) 'Ma rridkomx għat-tieġ tiegħi. Jiena u Rosaria weħidna rridu nidħlu l-knisja. Jekk Rosaria lill-ġenituri tagħha tridhom presenti, jiena dan ma nistax jiċħadulna.' Dawn huma kliemu miktubin fl-aħħar ittra li bagħatli ħamest ijiem ilu f'Benevento. Trid toħodha ma' dik ir-ras iebsa?

CARMELA U kellna niġu hawn bħal żewġ ħallelin, moħbijin fid-dar tal-ġenituri ta' l-għarusa!

MICHELE Don Alberto lanqas ma mar.

ALBERTO Jiena ma ħassejtnix f'sikkti wisq.

ENA Jiena le, biex ingħid il-verita'. Mort il-knisja u qgħadt nara ċ-ċerimmonja kollha minkejja l-fatt li tawni x'nifhem li ma tantx kienu qegħdin jieħdu gost bil-presenza tiegħi..... speċjalment minn naħa ta' binkom.

TURO Jiena staħbejt wara konfessjonarju.

CHELE (Sinċier) Għażiż don Alberto, lanqas jiena nnifsi ma naf xi stajt għamilt aktar għal ibni! Ried imur jistudja Napli.... "Kollox sew, mur studja Napli". Wara sibt li kien qabad triq b'oħra... (Idur fuq martu biex tixhidlu għall-kliem li ħeħsiebu jgħid) Tiftakar meta darba telaq ma' tal-Kummidja, flimkien ma' dik ir-rikkieba taż-żwiemel?- waħda ċjaflatana li kinet dawritlu moħħu biex imur jaħdem magħhom - (Igħid x'kien ħass f'qalbu meta ma satax isib lil ibnu) "Imma fejn jista' jkun?... X'sar minnu?... F'dik il-belt?.... Dal-lejl telqet il-kummidja?... Immur f'dik il-belt u nsibu fi pjazza, qalb ġemgħa nies, dritt dritt bilwieqfa fuq dahar ta' żiemel, imdawwar kollu b'rix aħmar u abjad u b'trumbetta f'ħalqu, iħajjar u jistieden in-nies għall-ispettaklu ta' filgħaxija.... Jirnexxili nġibu lura d-dar... U hawn wasal l-aktar żmien kritiku.... meta ried ineħħi ħajtu b'idejh. Don Albe', jiena u hu qgħadna nitkellmu għal sigħat sħaħ dwar is-suwiċidju, wiċċ-imb-wiċċ, bħalkieku konna xi żewġ inġienen. (Juri lil martu) U hi ma kinet saret taf xejn minn dan kollu. (Itenni waħda mill-ħafna taħdidiet li kellu ma' ibnu) 'Imma għaliex trid tmut?.... 'Għaliex għandi nibqa' ngħix?'.... 'X'jiġifieri għaliex? U n-niket li se titfa' fih lili u 'l ommok ma tqisu xejn?'.... 'Tajjeb... imma wara ftit taż-żmien tistabru t-tnejn u tinsew kollox'..... Triex tmur tagħmel safra? Tridx tmur "all'estero" għal ftit taż-żmien?.... "Le, irrid immut".... 'Imma għaliex?" (Bl-istess niket li kien ġarrab dak iż-żmien u li għadu jħossu tajjeb minħabba t-tweġiba mnikkta li kien tah ibnu) Don Albe', tista' tobsor x'weġibni?.... 'Meta trid tgħidli xi tfisser il-ħajja, u xi tfisser il-mewt. Waħda minn dawn iż-żewġ tifsiriet għandna mnejn tiċċarali x'inhi l-oħra, u allora jiena ma nneħħix ħajti aktar'. Don Albe', xi stajt inwiegbu jien, eh?.... Konna qegħdin fuq il-bejt u, dak il-ħin, minn fuq l-opra morta ilmaħt għaddejja nemla... (Mill-but ta' ġewwa tal-ġlekk joħroġ envelope żgħir abjad) Hares, don Albe'. (Jiftaħ l-'envelope' u ta' ġo fih jurih lil Alberto)

ALBERTO Dik x'inhi?

MICHELE In-nemla! Għandha mnejn kinet hi li salvatlu ħajtu lil ibni! (Jerġa' jieħu t-ton maqtugħ ta' qabel) 'Corra', ibni, jiena m'inhix xi professur! X'nista' nkun naf dwar dawn l-affarijiet?!... Fejn naf.... Il-ħajja għalija tfisser kollox. U b'kollox irrid ingħid...kollox. Il-mewt ma tfisser xejn, għax il-mewt ma teżistix. Ħares lejn din-nemla'... u b'sulfarina bdejt nimbixha. In-nemla marret tiġri lejn il-lemin u jien missejtha fuq il-lemin tagħha. In-nemla ħarbet lejn ix-xellug u jien missejtha fuq ix-xellug tagħha. M'għandniex xi ngħidu, in-nemla ma tirraġunax bħalna, imma l-ħajja tifhimha. Il-mewt li ma tifhimx. Il-ħajja hija xi ħaġa li naraw b'għajnejna, u jekk ma jkollniex għajnejn, għax in-nemla ma tarax, wieħed iħossha b'idejh. Għalhekk in-nemla trid tgħix. Meta mbagħad in-nemla tmur b'mewta naturali, ma tibqax tibża', u ma taħrabx aktar. U għaliex? Għax il-mewt ma teżistix. Jekk int toqtol ruħek b'idejk, tkun int stess li qed iċċaħħad lilek innifsek mill-ħajja! Allora xi jfisser dan? Li Alla ħalaq il-ħajja, u aħna ħlaqna l-mewt.'.... 'U x'inhi t-tama tagħna?'... Allora tlift sabri u għidtlu....'Corra', jekk ma tridx tifhem li t-tama tiegħi hija fik, u t-tama tiegħek hija f'uliedek, agħmel li trid.... spara għal rasek; ħanxar għonqok; mur inxeħet minn fuq sur...għalik ma jkun fadal ebda tama...! Tlaqtu waħdu u tbegħidt minn maġenbu. Imbagħad, wara, sar jaf lil bintek hawn, f'Napli.

ALBERTO — Bičča ugigħ ta' ras oħra li żdiedet fil-familja!

CARMELA — (B'sabar) U le....le....

MICHELE — (Ifakkar lil martu f'verita' li ma tistax tmeri) Skużani taf, imma għaliex le?! Sewwa sewwa kif qed igħid don Alberto. Wara dak l-iskandlu li xxandar fuq il-gazzetti dwar Beppe.... Don Alberto huwa bniedem intelliġenti biżżejjed biex ma jifhimx li, kemm-il darba lil ibnu ma sabuhx innoċenti, il-ġrajja kienet tixxaqleb fi traġedja niwlija niket għalina wkoll. (Jagħlaq id-diskors magtugħ) F'ċertu punt, għajjienm sejjaħt lil ibni maġenbi u għidtlu... 'Trid tiżżewweġ u ma tistax għax m'għandekx flus? Halli f'idejja, naħsiblek kollox jien, basta tneħħi dawn il-misħutin ħsibijiet minn moħħok'.... 'Xi kemm se niret? Hafna?'.... 'Int hu dak li se jmissek u agħmel bih li trid. Imma żomm quddiem għajnejk li, kemm-il darba tasal f'q-għda li jkollok tmur titlob il-karita', jiena lanqas biss 'un so'do' ma nagħtik..... Dak li jibqagħlali se jiswieli għal meta jiena u ommok nixjieħu..... Kulma weġibni kien...."Ma rridkomx għat-tieġ."... (Wara li jħares lejn l-arloġġ, igħid inkwietat) Sar il-ħin, ~~Axxex~~ Carme', ejja mmorru. Għandna sagħtejn karrozza biex f'nofs il-lejl naslu Benevento.

ELENA — Għaliex ma titilqux għada?

CARMELA — Le, le... Aħjar immorru issa.

ELENA — Sejrin fuq qalbkom.

CARMELA — U għada mhux l-istess?

MICHELE — (Biex jagħmel l-almu lil Carmela) Fit-tieġ dan li sar....nittamaw li għall-magħmudija tkun xi ħaġa differenti.

CARMELA — (B'rabja) Immorru nagħalqu l-bagalji. Ippermettuli. (Titlaq minn fuq ix-xellug)

MICHELE — Skużawni. (U joħroġ minn fuq ix-xellug wara martu)

ARTURO — Min naħa l-oħra, jiena kulma rrid kwarta biex nasal fi sqaq Cardinetto!

ELENA — Tennejtulek kemm-il darba biex tiġi toqgħod hawn magħna.

ARTURO — Imma dejjem lissinti b'tama ~~xxxxxxxx~~ qawwija li niċħad l-istedina. Dak li nħoss hawn...(juri qalbu)...joħroġ minn hawn...(juri xofftejh) Madankollu, insibha ħaġa sewwa.... Ngħiduhom kif inhi, raġel id-dar bħal taġen fuq in-nar.

ELENA — Fl-imgħoddi iva, imma issa.... Rosaria żżewġet; Beppe qed jaħdem mar-Radio u d-dar jidħol biss biex jiekol u jorqod. Alberto jieħu gost ukoll. Mela ma togħġbokx il-kamra ta' Rosaria?

ARTURO — Isma' ftit x'qegħda tgħid donna Elena! Inkun qisni rbaħt il-lotterija! Xejn, xejn, neħles minn dik il-ħatba ta' sidt il-kera. (Joħroġ bičča karta żgħira mill-but u jurihielhom) Harsu ftit x'tiktibli fuq biċċiet karti bħal din. Dejjem noti bħal.... Il-bċeb ta' barra ma sakkartux bil-firroll. Kulmita jiġri hekk, ġo fija nħoss li donnha qed tinsulentani. Per esempio... Ta' kull filgħaxija, naħsel il-qomos fil-fliskatur ġo kamarti. Nieħu waħda u nonxorha u, l-għada filgħodu, nitlob lil donna Erminia biex tgħaddihieli. Immur lura d-dar filgħaxija u nsibha 'tale e quale' kif kont tajthielha filgħodu. Lanqas biss punt ħjata ta' tagħmil'i fil-kalzetta! Lanqas biss buttuna ma tħitli!

[illegible]

ARTURO (cont.) Miegħi dejjem iġġib ruħha ta' waħda barranija għalkollox! (Juri kemm kinet siewja l-istedina) Immaġinaw ftit stedina bħal dik għandhiex tferraħli 'l qalbi....jew le! Tifhemint, Albe', li quddiem don Michele u martu ma ridt insemmi xejn. Issa int ilek aktar minni sena tgħix għal rasek!...tgħix ħajja oħra!....

ALBERTO Jien m'għandi x'naqsam xejn. F'daqqa Elena tagħmel kulma trid.

ELENA Tagħmilli kumpannija. Fejn naf, Alberto igħib għalkollox. Meta jiġi, jsibek hawn u jieħu gost huwa wkoll.

ARTURO Albe', ma taħsibx li għandek terġa' tiġi toqgħod hawn u dal-kapitlu tagħalqu darba għal dejjem?

ALBERTO Issa l-froġa saret! Dan ifisser li hekk kellu jkun. Mill-bqija, jiena u marti qatt ma konna naqblu bejnietna daqs kemm qegħdin naqblu bħalissa. Kemm-il darba jkolli bżonni għal xi ħaġa l-għajnuna tiegħi nagħtihielha minn qalbi.

ELENA U jekk ikollu bżonni għall-istess raġuni, jaf tajjeb fejn għandu jfittixni.

ARTURO Allora, għada filgħodu niġbor dawk il-biċċtejn ħwejjeġ li għandi u niġi hawn. U nirringrazzjakom. (Iqum bilwieqfa u jaqbad miexi lejn il-bieb ta' barra) Dak li tagħmlu miegħi, is-Sema jpattihulkom doppjament. Albe', jiena batejt ħafna imma dejjem żammejt fommi sieket. Dejjem għalaqtu ħalqi. Jiena wkoll żbaljajt.... Gewwa fija dfint dak kollu li, minħabba n-nuqqasijiet tiegħi, ġrali fil-ħajja. (Jasal kważi fuq l-għadba tal-bieb) Lil don Michele u lil donna Carmela sellmuli għalihom intom.... Mela nagħmlu hekk. Jiena se niġi noqgħod hawn għal xi ġimgħatejn, bħala prova. Jekk naraw li naqblu, kollox sew; jekk le, nerġa' nmur lura fl-isqaq Giardinetto. Buonasera. (Joħroġ)

ELENA Miskin Arturo! Nitħassru!

ALBERTO Minn dejjem kien magħluq fih innifsu...u xi ftit kburi wkoll. B'dankollu huwa wkoll għandu n-nuqqasijiet tiegħu. (Waqfa qasira) Issa se noqgħod nistenna sakemm jitilqu dawk, imbagħad nitlaq jien ukoll.

ELENA Għalfejn din l-għaġġla kollha? Strieħ...għadu l-ħin.

Hemda ftit imtawla.

ALBERTO (Mitluf jaħseb fl-imgħoddi li jħennilu u jgangallu 'l qalbu. Fl-aħħar hu stess jiksirha l-hemda mimlija seħer, biex igħid b'leħen imrażżan u mistħi) Tiftakar, Elena?.... (U jtenni wegħeda li kienu għamlu 'l xulxin fl-imgħoddi, fi żmenijiet ferħana) "Tifel u tifla"...... Int kont għidtli... It-tifel għalija...u jien kont weġibtek...U t-tifla għalija. (Imbagħad, beżgħan li jista' jidher qisu xi tifel żgħir waqt li jkun qed itenni l-frasijiet li kienu wegħdu 'l xulxin meta kienu għadhom għarajjes, jistaqsi sinċerament) Jaqaw qed indejqek?

ELENA (Sinċiera) Le.

ALBERTO Għax dak li qed ingħid jista' jidher ridikolu, imma mhux....Konna għarajjes.... Għala m'għandix niftakarhom waqtiet bħal dawk?! Meta għidtlek.... 'U t-tifla għalija', lanqas dak inhar ma kont fissirtlek x'kelli f'moħħi!...għax dak iż-żmien ukoll dheritli ħaġa ridikola li nibqa' nisħaq fuq xi ħaġa bħal din! Ħsibt...., tħad tikber u ssir signorina; titgħarras ma' żagħżugħ minn tagħna; tiżżewweġ u jiena

ALBERTO ( CONT.) nkun tellajtha fuq l-altar... għax kien ikun dritt tiegħi. U issa, sabiex ma naqtax figura ħażina ma' missier u omm ir-raġel ta' binti, għal erbgħa u għoxrin siegħa sħaħ kelli nilagħbha ta' kap tal-familja mill-ġdid!

ELENA Skużani, imma stajt wennistha sal-knisja! Meta għidtilha li kien ikossok ħażin u li, għalhekk, ma stajtx tmur il-knisja, għajnejha mtewlha bid-dmugħ.

ALBERTO (Sinċier) Lili sogħbini wkoll, imma ma ħassejtx li kelli nagħmel hekk.

Iddoqq il-qampiena tal-bieb ta' barra min naħa ta' ġewwa.

ELENA Min ġie? (U toħroġ mix-xellug. Wara ftit tinstama' tgħid) Rosaria! Corrado?! X'inqala'?

U tidħol wara Corrado u Rosaria. Il-ħwejjeġ li għandha fuqha Rosaria jidhru li ntlibsu ta' malgħajr. Il-kowt qasir ta' fuqha ma jostorlhiex għalkollox il-qmis twila ta' bil-lejl li għandha taħtu, u qed iħallilha wkoll jidhru saqajha ħwiefi ġo papoċċ "scendiletto".
Corrado, musfar u mbgħegħen, qed imexxi lil Rosaria minn driegħha. Din ma jirnexxilhiex tlissen kelma minħabba dagħdigħa ta' biki nervus li qed toħnoqha.

CORRADO Ħawn hi Rosaria! Ġibthielkom lura. Issa nħalli lilha tgħidilkom kif ġraw l-affarijiet.

ELENA Rosa', għaliex qegħda tibki? X'inqala'?

Rosaria ma twiġibx. Minn fuq il-lemin jidħol Michele b'Carmela warajh tqandel żewġ bagalji żgħar. Malli jilmaħ lil ibnu, jagħti ħarsa lejn Carmela li biha jkun irid ifisser xi ħaġa, u din ukoll tibqa' bħal miblugħa minħabba l-laqgħa mhix mistennija u li, forsi, ma kinet tixtieqha xejn. Imbagħad jagħmel l-almu u jmur lejn Rosaria biex isabbarha.

CARMELA X'ġara, binti?

CORRADO (Idur fuq missieru u ommu sabiex, bħalkieku, igagħlhom jifhmu l-għan li kellu meta ma ħallihomx imorru għat-tieġ) Intom hawn?! intomx taraw issa, eh? Madankollu, ġejtu l-istess! Ħarsu ftit xi kwadru sabiħ! U kieku ġejtu l-knisja intom ukoll kien ikollkom sehem mir-ridikolu li dabbarna! Ħbiebi kollha kienu hemm. (Juri lil Rosaria) Mingħandha kienu saru jafu f'liema knisja konna se niżżewġu, u fi x'ħin. Jiena ma ħadd ma ridt. U qabdu jidħku....jitkellmu bejniethom...u jidħku.

ELENA Jidħku biex?

CORRADO Għax sa fl-aħħar l-istunidu kien se jagħmilha. Id-dar semmejtulha dan.. u hi wkoll infexxet tidħak. (Jersaq lejn Rosaria) Idħak!... Għax ma tfaqqax daħka oħra eh? U jien nerġa' nieħdok bid-daqqiet ta' ħarta.. ~~xxxx~~ ħawn ukoll.

MICHELE (Jaqbeż igħid bil-qawwa kollha) Ipprova.... Ipprova....Jekk tmissha mqar b'sebgħa wieħed, daqqa ta' siġġu f'nofs wiċċek ma jeħlishielek ħadd.

CORRADO Ma nwieġbekx. Naf li ġibt ruħi ta' mal edukat, imma ma nistax nagħmel mod ieħor. Nifhem ukoll li dan-żwieġ mhux se jirnexxi.

[illegible]

MUSIC

AV — NO 8

PREPARE CURTAIN

ELENA — (Di kburija) Forsi għax ħbejnilek xi ħaġa?

ALBERTO — Dan hu l-mod kif tħares lejhom in-nisa int? Dawn huma l-idijat sbieħ li għandek tagħhom?

CORRADO — (Jara kif se jiżloq mill-mistoqsija) Ma nafx. Jeħtieġ li wieħed jiġi wiċċ-imb-wiċċ mar-realta' biex jifhem. (Ħabta u sabta jaqbad jgħid, kemm hija ħaġa indipendenti għalkollox mir-rieda tiegħu li, f'qagħda bħal dik, isib soluzzjoni) Ma nistax!.... Ma niflaħx għaliha!.... Żbaljajt u nitlob skuża lil kulħadd... (Juri lil Rosaria) Nitlob skuża lilha wkoll... Żbaljajt. (U joħroġ mill-bieb tad-dar)

ELENA — Dawn affarijiet tad-dinja l-oħra! Imma kif?! Għadhom kif jiżżewġu wkoll!

MICHELE — Dak miġnun!

ELENA — Kriminali, trid tgħid! Mela x'inhu, difettx li kellu minn dejjem!..... X'imġieba hi din li wieħed igħix biha? (Rosaria tgerger xi ħaġa minn taħt l-ilsien li ma tiftiehimx) X'int tgħid? Tkellem ċar.

ROSARIA — Irrid inkellem lil papa' (U tibda' tibki)

ALBERTO — Lili?!

ROSARIA — Warrbu ftit ilkoll.

ELENA — (Bħalkieku biex tgħid... 'ikkuntentaha') Albe'.......

CARMELA — Ejjew immorru fil-kamra l-oħra. Aħna nitilqu aktar tard.

ELENA — Jiena ġejja magħkom ukoll.

Joħorġu minn fuq ix-xellug u jħallu lil Alberto u 'l Rosaria weħidhom. Alberto, wara waqfa twila, miksura biss mill-biki taż-żagħżugħa, b'le;en ta' wieħed li ma jafx jagħmilha ta' indiffeenti u ta' qalbu ħarxa bħas-soltu, ikellem lil bintu.

ALBERTO — Din l-imġieba stajt stennejtha. Mhix xi ħaġa ġdida! (Rosaria ma twieġibx) X'ridt tgħidli? (Rosaria ma tisimgħux kliem missierha; minflok, tibda' bħal waħda miblugħa minn'abba d-diwi ħelu ta' kemnu, li jiġi tħoss għaxqa li tbegħdilha minnha, u tnessiha, in-niket kollu li tkun ġarbet sa dak il-waqt. Bilmod il-mod tgħolli għajnejha 'l fuq lejn missierha u twaħħal ħarsitha mimlija mħabba u rikonoxenza, f'għajnejh. Alberto jintebaħ b'dik il-ħarsa u jħossu mdejjaq. Il-grieħi ta' qalbu għadhom miftuħin ħafna biex jista' japprezza s-sentimenti li qegħda tħoss fiha bintu dak il-ħin. Imbagħad, wara ftit, bħal jheżżeż lilu nnifsu ħalli jerġa' jiġi f'tiegħu; għalhekk iwiġibha bl-aħrax) Inwissik li ħarsa bħal dik naf tajjeb xi tfisser. Kieku taf kemm-il darba ommok ħarset lejja hekk! ....u kemm-il darba m'għaraftx napprezzah dak il-ħars!

ROSARIA — Tħawwadhomx aktar l-affarijiet! Taħsibx li xi ħaġa hi hekk, waqt li tista' tkun tifisser ħaġa oħra. Għaliex trid tħallat waqtiet ma' waqtiet u fatti ma' fatti? Għal xi fatti ta' bla siwi, jista'jkun għalkollox indispensabbli, u saħansitra innoċenti, li tagħmel ta' birruħek imqanqal. Imma jien qatt ma ħarist lejk b'dal mod. Għalhekk, dan ~~xfixxiex~~ ifisser li l-fatt huwa wieħed importanti....mhux hekk? U int,

ROSARIA — dal-waqt, m'għandekx tħallsu ma' waqtiet oħra. (Imbagħad, billi taħseb f'xi ħaġa li tqanqalha ħafna, tersaq lejn missierha sabiex

ROSARIA (cont.) tkellmu aktar mill-qrib, b'aktar ħlewwa u aktar bilmod) Iva, darba oħra kont ħarist lejk hekk.... u dan int ma stajtx insejtu. Kont għadni żgħira... bilqiegħda fuq irkobbtejk nilagħblek bl-ingravata. Staqsejtek:- "Papa', it-tfal kif jitwieldu?" Issa nista' ntennilek kelma b'kelma x'kont weġibtni int. Kien jilħaqlek ħafna u weġibtni:- 'Meta tnejn minn nies jinħabbu, jiżżewġu u jmorru jgħixu flimkien. Infatti, meta dawn it-tnejn minn nies jorqdu qrib xulxin, in-nifsijiet tagħhom jitħalltu ma' ta' xulxin u b'hekk jitwieldu t-tfal'. Dan kien biżżejjed għalija.... Issa, papa', qegħda nħares lejk kif kont għamilt dik id-darba... bħal meta kont bilqiegħda fuq irkobbtejk, u qbadt nilgħab bl-ingravata tiegħek.... (Tidħak bil-ħlewwa u, wara waqfa qasira, tgħid b'sempliċita' u b'konvinzjoni) Nista' nħares lejk kif ħarist, u int m'għandekx għalfejn tħossok imħawwad.... Kieku taf, papa', kemm ili nqalleb moħħi biex nara nsolvihomx waħdi l-problemi tiegħi!... U liema waħda fosthom, skond il-fehema tiegħek, setgħet kienet dik li l-aktar kelli għal qalbi, u l-aktar li kienet qegħda tħassibni, jekk mhux li niżżewweġ?Xi stajt tagħmel int, għażiż papa', biex tagħtini parir u ttaffili ftit mill-ħidmieti? U taħseb int li l-għaqal li ksibt mill-esperjenzi li għaddejt minnhom sata' jiswieli kif sewa lilek fi żmienek? Għalhekk fhimt li kelli naħgmel kollox waħdi. U taħseb int li hi xi ħaġa faċli taħseb għal rasek bla ma tirfes il-kallu ta' xi ħadd? Ara għaliex fittixt li nkun libera u bla kontroll. Iva, sabiex ma ni'maħx il-ħarsa t'għajnejk li kienet twiddibni f'kull pass li ~~ngx~~ nagħti.... Xtaqt nistudja d-disinn u l-pittura, u b'hekk sirt naf qabda żgħażagħ li kienu jippersegwitawni għax ma kontx nifhem il-ħliqat oxxeni li kienu jirrakkontaw, kif ukoll għax kienu għaddew il-kelma bejniethom li Rosaria Stigliano riedet tiżżewweġ. Tista' tobsor xi dwejjaq jaqbduha żagħżugħa meta ġuvni jistedinha tmur tagħmel ġita miegħu u mbagħad, meta jaslu għas-si u għan-no, minflok jhedda jitkellem magħha bil-kwiet u jara kif taħsibha hi, tintebaħ li jkun irid xi ħaġa oħra minnek...u jibda jiddieħek bik, u jitilqek bħal erbgħa fost il-ġimgħa, kemm-il darba tiċħadhielu! (Ittenni kliem ta' xi żgħażagħ moderni li kienet resqet lejhom matul iż-żmien li qegħda titkellem dwaru) "Imma fejn qed tgħix? Miskina qroqqa! Żgur qegħda tistenna 'la Befana' biex tiġi tqajjimha minn nagħas li għandha! Int m'għandekx demm ġewwa fik?' U xi xebbiet ħbieb tiegħi wkoll kienu jgħiduli l-istess ħaġa.... 'Imma x'qed tistenna? Illum ~~żżgħżżż~~ iż-żgħażagħ ifittxu lil tat-tajjeb.... Jiena b'hekk tgħarrast!'.... U sirt naf lil Corrado. Ma ridtx nitilfu.... Kont sirt inħobbu b'qalbi kollha. Ridtu jinġibed lejja minħabba fija nnifsi, u jħares lejja bħal waħda mix-xebbiet l-oħra kollha. Ridtu jagħraf li kont kapaċi nifhem ħsibijietu, u l-mod kif iqis il-ħajja ta' żagħżugħa moderna. Kieku qarraq bija, kont immut b'qalbi maqsuma....għalhekk għodtlu l-istorja ta' l-iżball tiegħi.... (Issa t-ton ta' kliemha jsir ħelu) Emminni, papa', fisikament jiena għadni bħal dik id-darba meta qgħadt bilqiegħda fuq irkobbtejk nilagħblek bl-ingravata.....

ALBERTO (Jissomma. Ir-rakkont ta' Rosaria xejn għalkollox. Issa jħares lejn bintu b'imħabba kbira. L-aħħar stqarrija li għamlitlu ħawditu, għalhekk isib ~~xxxx~~ il-ħila biex itenni) Ma nistax nifhem!.... Ma nistax nifhem!.. (Taħsibha għal darba oħra u jgħid) Le! Qiegħed nifhem, iva!...qed nifhem ħafna affarijiet. (Jintilef għal ftit fi ħsibijietu sabiex jaħseb x'għandu xi jgħid, imbagħad jistaqsiha) Allora? (Jaqbad iż-zewġ idejn ta' Rosaria, filwaqt li jwaħħal għajnejh ħosbiena f'tagħha) Oqgħod ħdejja. Kif jista' jkun? Żagħżugħ tal-qatgħa ta' Corrado, b'idijat progressivi, wara li sar jaf bl-istorja li rrakkuntajtlu, trid tgħid li m'abbuzax qatt?.....

ROSARIA (Sinċiera u mistħija) Naħliflek, papa', li qegħda ngħidlek il-verita'. Tifhem ukoll li ma kontx inkun kapaċi niċħad kieku talabni. Hu ma riedx.

Fade out Music

ROSARIA (cont.) Taf x'karattru għandu. Kull darba kien isib xi skuża biex nitlewmu bejnietna, u l-biċċa kinet tintemm bħalma ntemmet il-lejla..... (It-tifkira ta' l-aħħar tilwima u l-ħsieb li jkollha terġa' tmur lura għand żewġha, ibeżżgħuha u taħid deċisa) M'jien se mmur qatt għandu iżjed. Ma nistax. Qegħdaanibża'.

ALBERTO Ħaġa minn awl id-dinja! Inħobbok ħafna. (Issa f'moħħu jħoll l-enigma li dejjem kien iħawwad kemm lilu kif ukoll lill-oħrajn....għala Corrado kien iġib ruħu b'dak il-mod. Bixrietu tiċċara u l-ħarsa t'għajnejh imċajpra tissaffa) Binti, jeħtieġ li tmur lura għandu. Inti martu. Imbagħad inkellmu jien, u tara kif Corrado ibiddel il-karattru tiegħu u bil-ħarta ma jibqax jagħtik aktar. Hu wkoll bata ħafna u, forse, aktar minnek.

MARIA (Mill-lemin, tiġi lura wara li tkun telqet. Fugħa għandha libsa kaxf ta' kuljum, imma kapriċċjuża ħafna. F'idha għandha "borsetta" li ma taqbel xejn mal-libsa, u par ingwanti) Signo', barra hemm is-sur Corrado jistenna. Qalli:- "Mur għid lil marti tinżel malgħajr". Qed jistenna f'taxi.

ALBERTO (Isejjaħ lejn ix-xellug) Elena! (Wara ftit, tidħol Elena b'Michele u Carmela warajha) Rosaria sejra. Ġie żewġha għaliha, u qed jistennieha f'taxi.

ELENA X'ġara?

ALBERTO Imbagħad ingħidlek. L-importanti hu li bil-ħarta mhux se jagħtiha qatt iżjed. Inwiegħdkom.

ELENA (Tersaq lejn Rosaria) Mur, binti...u fittxu li taqblu dejjem ma' xulxin. (Tbusha bil-ħlewwa)

CARMELA Irrid nagħtik bewsa jiena wkoll. (Tbus lil Rosaria kollha mħabba)

ELENA Ejja ħalli nwasslek sat-taxi.

ALBERTO Le! Lil Corrado rrid inkellmu ftit. Imbagħad, lil Rosaria jiena rrid inwassalha sat-taxi. (Jagħti driegħu lil bintu, u Rosanna tħaddanha magħha kollha mħabba)

U, bħalkieku biex ittemm xi rit li kienu xtaqu jwettqu flimkien u li kienu ħajjew tajjeb minn qabel, it-tnejn jitilqu bilmod lejn il-bieb tad-dar, u joħorġu ferħanin li għixu l-ħolma tagħhom. L-oħrajn kollha jibqgħu siekta jżommuhom taħt għajnejhom, u bid-dieher qegħdin jifhmuha tajjeb it-tifsira ta' dak il-waqt imsaħħar.

MICHELE (Waqt li jixxotta demgħa, jaqbeż igħid b'leħen imqanqal li jikxfu kemm mhux tajjeb biex jagħmilha ta' bniedem biered) Allora, aħna se mmorru?

CARMELA Si. (Ftit bil-qeddum għal żewġha) Int, imbagħad, kollok għaġġla biex għada filgħodu tisbaħ Benevento!

MICHELE (Jifhem) Issa int donnok ma tridx tmur lura aktar! Rajt li reġgħu għamlu ġaċi u li Corrado sar jaf li konna hawn..... Imma l-lejla 'l Corrado ma jlumu ħadd jekk ma jaħsibx fina!... Aħna nerġgħu niġu narawkom minn hawn u ftit tal-granet oħra u rridu nagħtukom sorprisa t-tnejn li intom. (Jagħtagħha li jitilqu) Aqbad il-bagalji. (Carmela tagħmel hekk kontra qalbha) Donna Elena, ix-xewqat it-tajba u arrivederci. Jisgħobbija ta' kulma ġara.

RADIO ON

VOICE OVER MIC

BEPPE →

ICD 1:20

NO I → ONE

UOMO IN FRAC

AS SOON AS ALBERTO WALKS IN → FADES OUT

THEN → MUSIC

AV= NO 12 →

ELENA — Ma stajtu tagħmlu xejn, mhux hekk?

MICHELE — Ma nitilfux ħin aktar. (Wara l-aħħar tislijiet, joħroġ mix-xellug u jħalli lil martu tgħaddi qablu)

Elena tersaq lejn il-mejda tal-pranzu u taqbad se tiżbarazza l-affarijiet minn fuqha.

MARIA — (Mix-xellug) Ħalli kollox, signo'...issa nizbarazza jien. (Taqbad tizbarazza) ... Signo', nixtieq ngħidlek kelma.

ELENA — Għid...għid.

MARIA — Sibt serva oħra?

ELENA — Għaliex?

MARIA — Għax jekk għadek ma sibtx, nistħajjel li nagħtik pjaċir jekk lili tarani ngħolli sebgħi 'l fuq, hux tassew?

ELENA — (Ma tifhimx) Tgħolli sebgħek 'l fuq?!

MARIA — Insomma, irrid ingħid, taħfirli.... u nibqa' magħkom.

ELENA — U ċ-ċinema? M'għidtx li kienu tawk tiffirma kuntratt biex taħdem parti? ..... 'O provino?

MARIA — Ma kien veru xejn. Gdibtlek biex temminni, għax lili wkoll kienu gidbuli. "Il-kuntratt!.... Il-kuntratt! "ruħuli f'idejhom miktub u lest....U, wara kollox, ma kien veru xejn! "Taf bil-franċiż"... Jiena, naf bil-franċiż!.... "Taf tirkeb iż-żiemel?".... "Għal'inqas kieku mqar kont taf l-iskerma?!"... Lanqas biss ma naf xi tfisser dil-kelma! "Xi skola mort?"... Għax kieku kont xi professur, kont se nidħol naħdem magħhom, rajtnix!... "U, wara kollox, int analfabeta!... Mela inża". Riedu ninżagħlhom!... Meta raw li ma ridtx noqogħdilhom, telquni..... X'se nagħmel?...Nista' nibqa' hawn?

ELENA — Kollox sew, tista' tibqa'.

MARIA — Grazie, signo'. (Sadattant, temmet tizbarazza l-mejda u taqbad sejra lejn ix-xellug)

ELENA — Dan li jagħmlu, rajthomx! Jaraw żagħżugħa....

MARIA — U kont se ninżagħlhom!? Jekk m'għandix!.... Jistgħu joqogħdu b'moħħhom mistrieħ!.... 'Il-kuntratt niffirmawhulek wara...... niffirmawhulek wara.... Għax jekk niffirmawhulek qabel... (U toħroġ minn fuq ix-xellug)

ALBERTO — (Jiġi lura mill-lemin. Waqfa qasira) Elena, skuzani jekk se nibqa' hawn għal ftit ieħor, imma rrid ngħidlek xi ħaġa u, wara, nitlaq.

ELENA — Għid...għid.

Joqogħdu bilqiegħda madwar il-mejda quddiem xulxin.

ALBERTO — (Irid jibda jitkellem, imma ma jsibx il-fil mixtieql...Jieqaf bejn ħaltejn, imbagħad jiddeċiedi) Aħna sibna ruħna.....

ELENA — Albe', għaliex se tgħiduli dan? Mhux it-tnejn li aħna nafu tajjeb

ELENA (cont.) fix f'liema baħar ninsabu? Jekk għal darba oħra se noqogħdu nitkellmu fuq dil-ħaġa, jista' jagħti l-kas li l-kliem igħawweġ il-fatti u nissugraw ukoll li nitilfu dik 'l ftit ħena li qed igawdu bħalissa. Ħalli kollox sejjer kif inhu. Ħalli ż-żmien igħaddi. Int għandek taħwida sħiħa f'moħħok, kif trid titkellem? Albe', jien nifhem bosta affarijiet u moħħi mhux imċajpar bħal tiegħek. Aktar u aktar issa li minn daqsxejn ta' ħin dan sar negozju kbir ta' ċerta importanza.... li mank iħallili żmien nintilef wara ħwejjeġ li jħawduni minflok ma juruni biċ-ċar x'kienu l-fatti! Jekk tippermettili, dak li għandek xi tgħid int, se ngħidu jien. Int qed taħseb biex terġa' tiġi lura għandi, u jien qegħda naħseb f'dik il-ġurnata meta għad nerġa' narak hawn mill-ġdid.

ALBERTO Ga. Sewwa. Pero', kif għidt int, f'rasi għandi taħwida sħiħa....Nerġa' niġi lura....imma kif?

ELENA (Tgħid għall-mara li qegħda tgħix ma' Alberto) U dik x'se tagħmel? Toqtol ruħha b'idejha?

ELENA: TBABAGHDNI D-DAHAR!

ALBERTO Għaliex qegħda tgħidu dan? Jidhirlek li huwa l-kas li tiddiehek b'qagħda li minnha nfisha hija daqshekk imnikkta?... Bejni u bejnha hemm speċi ta' ftehim. La jien m'għidtilha.... 'Inħobbok ħafna'.... u lanqas hi ma ħalfitli li tibqa' tħobbni għal dejjem.... Hi wkoll..... Qagħda oħra għalkollox żbaljata.... Għinna 'l xulxin, dan kollox. U ta' dan, inħossni grat ħafna lejha, miskina. X'se naqbad nagħmel?

ELENA (B'sempliċita') Iktbilha ittra.

ALBERTO Ma jistax ikun!....... Ma jistax ikun!

ELENA Allora tajjeb li int tgħix banda u jien oħra?Ma taħsibx li dil-biċċa xogħol twalet iż-żejjed issa? X'figura qed taqta'!... X'figura qegħdin naqtgħu aħna t-tnejn! (Issa tħajru jirriflettu ftit/il-ħtieġa temporanea tat-tieni rabta tiegħu) Dik barranija, Albe. Il-qmis tgħaddihielek, imma jekk ixxawwathielek xejn ma tħobbok rasha. Twarrabha minn nofs u int lanqas biss ma taraha iżjed b'għajnejk. Isma' minni, ibqa' hawn il-lejla. Ma nħossnix li għandi nibqa' waħdi. Beppe jiddawwar jittrasmetti fuq ir-Radio... Arturo għandu jiġi joqgħod hawn għada... Ibqa' hawn....

/fuq

ALBERTO (Iqum bilwieqfa) Miskina, għax.... Ma taf xejn.... Qegħda tistennieni. (Jiddeċiedi) Aħjar immur.

ELENA Heqq, x'nista' nħidlek? Hu ħsieb ta' saħħtek.

ALBERTO (Jaqbad miexi lejn il-bieb) M'hemmx għalfejn wieħed għandu jagħmel plejtu, imma qed ngħid għalija nnifsi. Xi qagħdiet jiċċaraw aħjar jekk dwarhom wieħed jitkellem bla ħabi u bl-onesta'. Mhux hekk?

ELENA (Mhix konvinta għalkollox) M'hemmniex xi ngħidu. Il-lejla nħoss li m'għandi nitlewwem ma' ħadd. Grat xi ħaġa li, għal darba oħra, reġgħet nisslet fija l-fiduċja li kelli qabel.

ELENA (F'moħħha tgħaqqad it-tifkira taż-żjara għal għarrieda ta' Corrado u ta' Rosaria ma' l-istat ottimista li bħalissa jinsab fih żewġha) X'qaltlek Rosaria? X'ġara?

ALBERTO (Bi ħlewwa kbira) Ħaġa ta' l-għaġeb!.... Imsieken! Tifhimha l-qagħda li fiha jinsabu ż-żgħażagħ tallum.... Jinħabbu u jistħu jistqarruh lil xulxin! U aħna, forse, f'qagħditna li nieħdu kontra tagħhom,

AV: NO 12 MUSIC FADES OUT

---

RADIO ON →

ICD = NO 5

---

CURTAIN

ALBERTO (cont.) infixxkluhom aktar. Jeħtieġ li ma nħaltux waqtiet ma' waqtiet oħra, u fatti ma' oħrajn. Kemm min naħa tagħhom kif ukoll min ~~xxxx~~ naħa tagħna sar it-taħwid. B'dankollu, dan m'għandux igagħalna neumnu li ġġarfet id-dinja! Tista' taqa' ġebla, tnejn....imma l-muntanji jibqgħu dejjem muntanji, u d-dinja tibqa' dejjem dinja! Hu ħsieb ta' saħħtek. (Jaqbad miexi biex joħroġ.

ELENA (B'qalbha mimlija tama) Għada nistennik?

ALBERTO (Bejn ħaltejn) Imbagħad naraw.

ELENA (Iddawwar ħarsitha mal-kamra kollha bħalkieku biex turi lil Alberto kulma hemm ġo fiha) Albe', din hija darek.

ALBERTO (Bi tbissima ħafifa, ironika, imma bi ħlewwa) Dari!.... (Imbagħad b'themiża f'għajnejh u b'ċaqlieqa ħafifa ta' rasu li biha jrid ighidilha ... "iva"....itenni....) Hu ħsieb ta' saħħtek.

U joħroġ, waqt li Elena tibqa' tistenna sakemm il-bieb li jagħti għat-~~xxxx~~ taraġ jingħalaq wara żewgħha.

Jinżel is-siparju.

TMIEM

Buzzer Stationery Msida

Unknown No-8 Author

RLYRATD

# Il-Familja…….. Radio text ghal Alberto u Beppe.

8 PAGE 3…. KEMMBLABJAD KIF UKOLL BE- ISWED

Alberto:
L-Ewwel Att meta Guidone jmur biex jitfi r-radio:

Alberto: Wiehed forsi jistaqsi kemm ghandu hajja twila "r-radio" issa li hafna familji bdew idahhlu t-televisjoni gewwa darhom. Hemm il-hsieb li l-quddiem r Rai jiftah aktar minn stazzjon wiehed fuq it-televisjoni, izda ghadu kmieni wisq sabiex………

Beppe: U ghalaqlu, kemm hu antipatiku….etc

---

Beppe:
Fit-Tielet Att meta Alberto jkun sejjer barra, u Elena tiftah r-radio:

U dan huwa |Beppe Stigliano, li qieghad ixxandar minn fuq Radju Rai, il-programm ta fil-ghaxija li sejjer jzomilkhom kumpanija sas-sighat bikrin ta fil-ghodu…..

Qabel ma nghaddi ghall-kanzunetta li jmiss, xtaqt nsemmi xi qwiel li kien qalli habib tal-qalb….
Bin is-sengha ghandu nofsha,
Dak li tizra tahsad
Min jaghmel qoffa jaf jaghmel qartalla
Ahjar ghasfur f-idejk milli mija fl-ajru….

Music on…… background…..

Nixtieq nsellem lil dan il-habib li kien ta sikwiet jlissen xi qawl u nawguralu hafna affarijiet sbieh.
Il-kanzunetta li jmiss nixtieq niddika li dawk kollha li forsi jsibu ruhhom wahedhom, mixjin ghal ghonq it-triq minn ghajr ma jafu fejn sejrin…..

Music on …. Louder……….

—